Dan id-dokument ġie magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

►**B** **IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 993/2001**

ta' l-4 ta' Mejju 2001

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li istabbilixxi d-disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali tal-Komunità

(Test b'rilevanza għall-EEE)

(ĠU L 141, 28.5.2001, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
►**M1**	Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 444/2002 ta' l-11 ta' Marzu 2002	L 68	11	12.3.2002

▼B

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 993/2001

ta' l-4 ta' Mejju 2001

li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2454/93 li istabbilixxi d-disposizzjonijiet għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali tal-Komunità

(Test b'rilevanza għall-EEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92 tat-12 ta' Ottubru 1992 li jistabbilixxi il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([1]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 2700/2000 ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 247 miġjub fih,

Billi:

(1) Disposizzjonijiet legali li jservu għall-iżvillupp, it-tlestija u fejn jixraq l-aġġornar tal-qafas legali eżistenti għal sistema ta' taransitu kompjuterizzata, sa biex tiġi assigurata l-operazzjoni omoġena u li tista' torbot fuqha tal-proċedura ta' transitu kompjuterizzata sħiħa, għandhom jiġu ntrodotti fir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2454/93 ([3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KE) Nru 2787/2000 ([4]).

(2) L-iskambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali fl-uffiċċji tat-tluq u l-uffiċċji ta' transitu bl-użu ta' teknoloġija ta' l-informatika u *networks* ta' kompjuters għandhom iwasslu għall-kontrll iktar effettiv ta' l-operazzjonijiet tat-transitu, waqt li fl-istess ħin iserrħu lill-ġarrara mill-formalità li jippreżentaw in-nota ta' l-avviż ta' transitu f'kull uffiċċju ta' transitu.

(3) Għall-immonitorjar ta' l-użu tal-garanzija komprensiva u r-rinunzja tal-garanzija huwa meħtieġ li jkun stabbilit ammont preżunt ta' dazji u tariffi oħra involuti f'kull operazzjoni ta' transitu fil-każijiet fejn id-data meħtieġa għal dan il-kalkolu ma tkunx disponibbli. Iżda l-awtoritajiet doganali għandhom jingħataw issetgħa sa biex jistmaw figura differenti fuq il-bażi ta' informazzjoni oħra li tkun magħrufa lilhom.

(4) Għal garanziji mmonitorjati mis-sistema tat-transitu kompjuterizzata għandu jkun possibbli li titneħħa l-ħtieġa tal-preżentazzjoni ta' dokumenti tal-karta tal-garanzija lill-uffiċċju tat-tluq.

(5) Għall-kontroll kompjuterizzata tal-garanzija individwali permezz ta' irċevuti huwa xieraq li jiġi obligat min qed jagħti l-garanzija sabiex jipprovdi lill-uffiċċju tal-garanzija b'kull informazzjoni meħteiġa dwar l-irċevuti maħruġa.

(6) Sabiex ikun massimizzati l-benefiċċji li jistgħu jinkisbu mis-sistema ta' transitu komputerizzata mill-awtoritajiet doganali u l-operaturi ekonomiċi huwa xieraq sa biex jiġi estiż ukoll lill-kunsinnatarju awtorizzat l-obbligu li jiskambja infomrazzjoni ma' l-uffiċċju ta' destinazzjoni bl-użu ta' teknika ta' proċessar tad-data.

(7) L-ambjent kompjuterizzat għandu jippermetti tqassir konsiderevoli tal-limiti ta' żmien biex jingħata bidu għall-proċedura ta' l-inkjesta.

(8) Aċċess għat-transitu tad-data elettronika għandu jiġi faċilitat bl-istampar tan-Numru ta' Referenza tal-Moviment (NRM) bħala

([1]) ĠU L 302, tad-19.10.1992, p. 1.
([2]) ĠU L 311, tat-12.12.2000, p. 17
([3]) ĠU L 253, tal-11.10.1993, p. 1.
([4]) ĠU L 330, tas-27.12.2000, p. 1.

▼B

kodiċi tal-bar *standard* fuq id-Dokument li Jakkumpanja tat-Transitu, b'hekk il-proċedura titħaffef u issir iktar effiċjenti.

(9) It-Titolu III tat-Taqsima II tar-Regolament (KEE) Nru 2454/93, li jirrigwarda l-magazzinaġġ doganali, proċessar 'l ġewwa, proċessar taħt kontroll doganali, importazzjoni temporanja u proċessar għall-barra, għandhom ikunu simplifiċati u razzjonalizzati. Il-Kapitolu I tat-Titolu V, li jkopri iż-żoni doganali ħielsa u mħażen ħielsa, għandu jiġi sostitwit.

(10) Ir-Regolament (KEE) Nru 2913/92 (hawnhekk iżjed 'l quddiem: "il-Kodiċi"), kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000, jipprovdi l-bażi biex it-tagħmil tal-kondizzjonijiet għall-aċċess ta' ċerti proċeduri jsir iktar flessibli, billi tiġi sostitwita l-lista posittiva b'eżami tal-kondizzjonijiet ekonomiċi fil-każ ta' l-ipproċessar taħt il-kontroll doganali, permezz ta' konċentrazzjoni ta' l-eżami tal-kondizzjonijiet ekonomiċi qabel ma jinħarġu awtorizzazzjonijiet għall-ipproċessar 'l ġewwa ta' oġġetti sensitivi u, fl-ipproċessar 'l barra, billi tiżdied l-applikazzjoni tal-metodu ta' tassazzjoni bbażata fuq l-ispejjeż tal-proċess.

(11) L-interazzjoni bejn arranġamenti ta' ipproċessar 'l ġewwa u issistema ta' rifużjoni ta' esportazzjoni fi prodotti agrikoli u s-settur ta' l-oġġetti teħtieġ regoli iktar dettaljati wara t-tnaqqis fis-sussidji ta' esportazzjoni li miftiehem fi ħdan l-Organizazzjoni Dinjija tal-Kummerċ.

(12) Is-sett kollu ta' regoli dwar il-proċeduri doganali b'impatt ekonomiku għandu jiġi razzjonalizzat waqt li jingħata kont tal-fatt li f'kull wieħed mill-ħames proċeduri doganali b'impatt ekonomiku numru ta' disposizzjonijiet identiċi japplikaw. Sabiex tiġi evitata repetizzjoni fir-regoli, id-disposizzjonijiet komuni ta' żewġ proċeduri jew iżjed għandhom jkunu kapitolu wieħed. Din il-parti tikkonċerna b'mod partikolari awtorizzazzjonijiet - inklużi dawk li jinvolvu diversi amministrazzjonijiet - u arranġamenti ta' l-awtorizzazzjoni simplifikata, reġistri tal-ħażna, rati ta' produzzjoni, interessi kumpensatorji, metodi tal-ħelsien, trasferimenti u koperazzjoni amministrattiva kif ukoll struttura armonizzata għall-formoli ta' l-applikazzjoni u l-awtorizzazzjoni. Sa biex jiġu introdotti regoli proċedurali aktar flessibbli, għandha tiġi provduta il-possibbilità li tingħata awtorizzazzjoni retroattiva għal perjodu ta' sena taħt ċerti kondizzjonijiet.

(13) Il-kodiċi, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 2700/2000, jipprovdi wkoll il-bażi biex jippermetti lill-Istati Membri li jistabbilixxu żoni ħielsa li fihom verifiki u formalitajiet doganali għandhom jitwettqu u d-disposizzjonijiet li jikkonċernaw iddebitu doganali applikat skond il-ħtiġiet tal-proċedura tal-magazzinaġġ doganali. Żoni ħielsa għandhom għalhekk jkunu distinti skond it-tip ta' kontroll li għalih jiġu sottomessi.

(14) It-trasparenza tar-regoli kollha għandha tittejjeb permezz ta' struttura iktar rigoruża u koinċiżjoni ikbar fid-disposizzjonijiet u billi jiġi evitat sa fejn possibbli il-koinċiżjoni ta' regoli doganali u agrikoli.

(15) In-numru ta' annessi għandu jitnaqqas b'mod sinjifikanti. Uħud minnhom għandhom jiġu nkorporati fit-test innifsu (Nri 69a, 74, 95); oħrajn għandhom jiġu kombinati (67 u 68; 70, 75a, 81, 82, 84, 98 u 106; 71, 72 u 83; 85, 86, 88, 89 u 107); finalment, grupp ieħor għandu jitħassar, għax il-kontenut ta' dawn l-annessi huma ta' natura pjuttost ta' spjegazzjoni, illustrazzjoni jew ta' eżempji. Żewġ annessi għandhom jinħolqu (70 u 73).

(16) Il-kummerċ internazzjonali f'ilbies li jintlibes u ppakkjat qiegħed jesperjenza tkabbir rapidu. Sabiex jiġi faċilitat dan il-kummerċ, huwa ta' opportun li tkun speċifikata r-regola ta' oriġini applikabbli għal ħwejjeġ li jintlibsu u oġġetti oħra li jintlibsu li jkunu ġew miġbura u ppakkjati. Ir-regola adotta mill-Kumitat

▼B

dwar ir-Regoli ta' Oriġini tat-WTO fil-kuntest ta' l-armonizzazzjoni internazzjonali ta' regoli mhux prefernzjali ta' oriġini (il-Ftehim dwar ir-Regoli ta' Oriġini tatWTO) tibbaża l-istabbiliment ta' l-oriġini ta' ħwejjeġ li jintlibsu u oġġetti oħra li jintlibsu fuq il-kunċett ta' l-aħħar trasformazzjoni sostanzjali.

(17) Ir-Reġolament (KEE) Nru 2454/93 għandu għalhekk jiġi hekk emendat.

(18) Il-miżuri li għalihom jipprovdi dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament (KEE) Nru 2454/93 huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 220(1) jiġi emendat kif ġej:

   (a) fil-punt (b), il-kliem "it-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 556(1)" huma sostitwiti b' "Artikolu 508(1)";

   (b) fil-punti (ċ) u (d), wara "l-awtorizzazzjoni bil-miktub għall-proċedura doganali in kwistjoni", il-kliem "jew kopja ta' l-applikazzjoni ta' l-awtorizzazzjoni fejn japplika l-Artikolu 508(1)." huma miżjuda;

   (ċ) fil-punt (e), il-kliem "it-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 751(1)" huma sostitwiti bi "l-Artikolu 508(1)".

2. L-Artikolu 229(1) jiġi emendat kif ġej:

   (a) il-fraża introduttorja, "l-Artikolu 696" hija sostitwita bi "l-Artikolu 497(3), it-tieni subparagrafu";

   (b) fil-punt (a), l-ewwel u t-tieni paragrafi huma sostitwiti b'dan li ġej:

   "— annimali għat-transumanza jew għall-mergħa jew għall-esekuzzjoni ta' xogħol jew trasport u oġġetti oħrajn li jissodisfaw il-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 567(b), it-tieni subparagrafu, punt (a),

   — l-ippakkjar imsemmi fl-Artikolu 571(a), li jġorr il-marki permanenti, li ma jitħassrux ta' persuna stabbilita barra mit-territorju doganali tal-Komunità,";

   (ċ) fil-punt (a), fir-raba' inċiż, il-kliem "l-Artikolu 671(2)(c)" huma sostitwiti bi "l-Artikolu 569".

3. L-Artikolu 232(1) jiġi mibdul b'dan li ġej:

   "1. Dan li ġej, fejn mhux iddikkajrat lid-dwana jew bil-miktub jew b'mod verbali, għandu jiġi kkunsidrat li ġie ddikkjarat għal importazzjoni temporanja bl-att imsemmi fl-Artikolu 233, suġġett għall-Artikolu 579:

   (a) effetti personali u oġġetti għal skopijiet ta' l-isports importati minn vjaġġaturi skond l-Artikolu 563;

   (b) il-mezzi tat-trasport imsemmija fl-Artikoli 556 sa 561;

   (ċ) materjali għall-bżonnijiet għal vjaġġaturi bil-baħar li jintużaw fuq bastiment ingaġġat fit-traffiku marritimu internazzjonali skond l-Artikolu 564(a)."

4. Il-punt li ġej 1c huwa mdaħħal fl-Artikolu 251:

   "1ċ. Fejn tingħata awtorizzazzjoni retroattiva skond:

   — l-Artikolu 294 għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa bi trattament favorevoli ta' tariffa jew b'rata mnaqqsa jew rata ta' żero ta' dazju akkont ta' l-aħħar użu ta' l-oġġetti, jew

▼B

— l-Artikolu 508 għal proċedura doganali b'impatt ekonomiku.”

5. Fl-Artikoli 268(3) u 269(3), il-kliem “l-Artikolu 529 sa 534” huma sostitwiti bi “l-Artikolu 524”.

6. Fl-Artikolu 270(1), it-tielet subparagrafu, il-kliem “l-Artikolu 497 sa 502” huma sostitwiti bi “l-Artikoli 497, 498 u 499”.

7. Fl-Artikolu 272(2), il-kliem “l-Artikoli 529 sa 534” huma sostitwiti bi “l-Artikolu 524”.

8. Fl-Artikolu 275(1), il-kliem “it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 556 (1)” huma mibdula bi “l-Artikolu 508(1)”.

9. Fit-Taqsima 1 it-Titolu IX il-Kapitolu 3, is-subsezzjoni li ġejja hija mdaħħla wara l-Artikolu 277:

“Subsezzjoni 4

Disposizzjonijiet komuni

Artikolu 277a

Fejn żewġ awtorizzazzjonijiet jew iżjed rigward proċeduri doganali b'impatt ekonomiku jingħataw lill-istess persuna, u proċedura waħda titħassar permezz tad-dħul fis-seħħ ta' proċedura oħra bl-użu tal-proċedura ta' l-ikklirjar lokali, dikjarazzjoni supplimentarja m'għandhiex tinħtieġ.”

10. L-Artikolu 278(3)(d) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(d) l-ebda proċedura simplifikata ma għandha tapplika għall-oġġetti agrikoli tal-Komunità msemmija fl-Artikolu 524 li daħlu għall-proċedura ta' magazzinaġġ doganali.”

11. Fl-Artikolu 313(2), il-punti (b) u (ċ) huma sostitwiti b'dan li ġej:

“(b) oġġetti f'ħażna temporanja jew f'żona ħielsa tat-tip I ta' kontroll skond it-tifsira ta' l-Artikolu 799 jew f'maħżen ħieles;

(ċ) oġġetti imqieghda taħt proċedura sospensiva jew f'żona ħielsa tat-tip II ta' kontroll skond it-tifsrira ta' l-Artikolu 799.”

12. L-Artikolu 313a(1) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. Servizz regolari tal-ġarr bil-vapuri tfisser servizz regolari li jġorr oġġetti f'bastimenti li jipprattikaw biss bejn portijiet li jinstabu fit-territorju doganali tal-Komunità u ma jistgħux jidħlu minn, jmorru għal jew jieqfu x'xi postijiet barra dan it-territorju jew f'żona ħielsa doganali tat-tip I skond it-tifsira ta' l-Artikolu 799 ta' port f'dan it-territorju.”

13. L-Artikolu 313b huwa emendat kif ġej:

(a) L-ewwel inċiż tal-paragrafu 3(d) jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“— fuq ir-rotot li għalihom awtorizzazzjoni tiġi mitluba, l-ebda żjajjar ma għandhom isiru f'xi port ta' pajjiż terz jew f'xi żona ħielsa tat-tip I ta' kontroll skond it-tifsira ta' l-Artikolu 799 f'port fit-territorju doganali tal-Komunità, u li l-ebda trasbord ma għandu jseħħ fil-baħar miftuħ, u li,”;

(b) Il-paragrafu 7 jiġi mibdul b'dan li ġej:

“7. Meta bastiment tat-tip imsemmi fl-Artikolu 313a(1) huwa sforzat minħabba f'ċirkostanzi li m'għandux kontroll fuqhom biex jagħmel trasbord fuq il-baħar jew iżur temporanjament port ta' pajjiż terz jew f'żona ħielsa tat-tip I ta' kontroll skond it-tifsira ta' l-Artikolu 799 ta' port fit-territorju doganali tal-Komunità, il-kumpannija tat-trasport bil-baħar għandha tinforma lill-awtoritajiet doganali tal-portijiet sussegwenti li jżur matul ir-rotta skedata tal-bastiment.”

▼B

14. Fl-Artikolu 322(2), il-kliem “skond it-tifsira ta' l-Artikolu 670” huma mħassra.

15. Fl-Artikolu 346(1), it-tielet subparagrafu li ġej huwa miżjud:

“Iżda, fejn id-data tal-garanzija hija skambjata bejn l-uffiċċju tal-garanzija u l-uffiċċju tat-tluq bl-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika u netowrks tal-kompjuter, l-istrument oriġinali tal-garanzija għandu jinżamm mill-uffiċċju tat-tluq.”

16. Fl-Artikolu 347, il-paragrafu 3a huwa mdaħħal:

“3a. Fejn l-uffiċċju tal-garanzija jagħmel skambju tad-data tal-garanzija ma' l-uffiċċji tat-tluq permezz ta' l-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika u *networks* tal-kopmpjuters, min qed jagħti l-garanzija għandu jipprovdi lil dan l-uffiċċju bid-dettalji kollha meħtieġa dwar l-irċevuti tal-garanzija individwali li jkun ħareġ hu skond il-modalitajiet deċiżi fuqhom mill-awtoritajiet doganali.”

17. L-Artikolu 359(2) jiġi mibdul b'dan li ġej:

“2. Il-ġarrar għandu jippreżenta nota' ta' avviż tat-transitu magħmula fuq il-formola li tikkorrispondi mal-kampjun fl-Anness 46 lil kull uffiċċju tat-transitu, fejn in-nota għandha tinżamm. Iżda, meta id-data tat-transitu hija skambjata bejn l-uffiċċju tat-tluq u l-uffiċċju tat-transitu bl-użu tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u *networks* tal-kompjuters in-nota ta' l-avviż tat-transitu m'għandiex tiġi preżentata.”

18. Fl-Artikolu 365, il-paragrafu 1a huwa mdaħħal:

“1a. Fejn id-disposizzjonijiet tat-Taqsima 2 subsezzjoni 7 tapplika u l-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri tat-tluq ma jkunux irċevew messaġġ ta' 'l-Avviż tal-Wasla' sal-limitu taż-żmien li fih l-oġġetti għandhom jiġu preżentati fl-uffiċċju tad-destinazzjoni dawk l-awtoritajiet għandhom jinformaw lill-prinċipal u jitolbuh biex jipprovdi provi li l-proċedura tkun intemmet.”

19. Fl-Artikolu 366(1), it-tielet subparagrafu li ġej huwa miżjud:

“Fejn id-disposizzjonijiet tat-Taqsima 2 subsezzjoni 7 japplikaw u l-awtoritajiet għandhom ukoll jibdew il-proċedura ta' inkjesta mill-ikatar fis possibli kull darba li ma jkunux irċevew messaġġ ta' ‘l-Avviż tal-Wasla’ sal-limitu taż-żmien li fih l-oġġetti għandhom jiġu preżentati fl-uffiċċju tad-destinazzjoni jew messaġġ ‘tar-Riżultati tal-Kontroll’ fi żmien sitt ijiem wara li jkunu rċevew il-messaġġ ta' ‘l-Avviż tal-Wasla’.”

20. L-Artikolu 368a li ġej huwa mdaħħal:

“L-Artikolu 368a

Fejn l-uffiċċju tal-garanzija u l-uffiċċju tat-tluq jinsabu fi Stati Membri differenti il-messaġġi li għandhom jintużaw għall-iskambju ta' data tal-garanzija għandhom jikkonformaw ma' l-istruttura u l-partikolaritajiet definiti mill-awtoritajiet doganali bi ftehim bejnithom.”

21. L-Artikolu 369 jiġi mibdul b'dan li ġej:

“Mar-rilaxx ta' l-oġġetti, l-uffiċċju tat-tluq għandu jittrasmetti dettalji ta' l-operazzjoni tat-transitu tal-komunità lill-uffiċċju dikjarat tad-destinazzjoni bl-użu tal-messaġġ ta' ‘r-Rekord tal-Wasla Antiċipata’ u kull uffiċċju tat-transitu dikjarat bl-użu tal-messaġġ ta' ‘Rekord tat-Transitu Antiċipat’. Dawn il-messaġġi għandhom jkunu bbażati fuq data derivata mid-dikjarazzjoni tat-transitu, fejn iseħħ dan il-każ emendata, u kompletati kif xieraq. Dawn il-messaġġi għandhom ikunu konformi ma' l-istruttura u l-partikolaritajiet definiti mill-awtoritajiet doganali bi ftehim bejnithom.”

22. L-Artikolu 369a li ġej huwa mdaħħal:

▼B

"L-Artikolu 369a

L-uffiċċju tat-transitu għandu jirrekordja l-passaġġ kontra l-messaġġ 'tar-Rekord tat-Transitu Antiċipat' riċevut mill-uffiċċju tat-tluq. Kull spezzjoni ta' l-oġġetti għandha titwettaq bl-użu tal-messaġġ ta' 'Rekord tat-Transitu Antiċipat' bħala bażi għal kull spezzjoni bħal dik. Il-passaġġ għandu jkun notifikat lill-uffiċċju tat-tluq bl-użu tal-messaġġ ta' 'Notifika tal-Qsim tal-Frontiera'. Dan il-messaġġ għandu jikkonforma ma' l-istruttura u l-partikolaritajiet definiti mill-awtoritajiet doganali bi ftehim bejnithom."

23. Fl-Artikolu 379(1), it-tieni subparagrafu li ġej huwa miżjud:

"Għall-applikazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu għandu jsir kalkolu ta' l-ammont tad-debitu doganali li jista' jsir għal kull operazzjoni ta' transitu. Meta id-data meħtieġa ma tkunx disponibbli l-ammont huwa preżunt li huwa ta' 7 000 EUR sa kemm informazzjoni oħra magħrufa mill-awtoritajiet doganali twassal għal figura differenti."

24. Fl-Artikolu 383(2), it-tieni subparagrafu li ġej huwa miżjud:

"Iżda, fejn id-data tal-garanzija hija skambjata bejn l-uffiċċju tal-garanzija u l-uffiċċju tat-tluq bl-użu tat-teknoloġija ta' l-informatika u *networks* tal-kompjuter, l-ebda ċertifikat ma jiġi preżentat lill-uffiċċju tat-tluq."

25. L-Artikolu 408(1)(b) jiġi mibdul b'dan li ġej:

"(b) mingħajr dewmien, jibgħat lill-uffiċċju tad-destinazzjoni Kopji Nru 4 u Nru 5 tad-dikjarazzjoni tat-transitu li akkompanjat l-oġġetti, li jindikaw, ħlief fejn huwa komunikat bl-użu ta' teknika ta' l-ipproċessar tad-data, id-data tal-wasla u l- kundizzjoni ta' xi siġilli mwaħħla."

26. L-Artikolu 408a li ġej huwa mdaħħal:

"Artikolu 408a

1. Fejn l-uffiċċju tad-destinazzjoni japplika d-disposizzjonijiet tat-Taqsima 2 subsezzjoni 7, persuni jistgħu jingħataw l-istat ta' kunsinnatarju awtorizzat jekk, flimkien mal-ħarsien tal-kondizzjonijiet imniżżla fl-Artikolu 373, jużaw teknika ta' l-ipproċessar tad-data sabiex jikkomunikaw ma' l-awtoritajiet doganali.

2. Il-kunsinnatarju awtorizzat għandu jinforma lill-uffiċċju tad-destinazzjoni bil-wasla ta' l-oġġetti qabel ma jħotthom.

3. L-awtorizzazzjoni għandha tindika, b'mod partikolaritajiet, kif u sa meta l-kunsinnatarju awtorizzat jirċievi d-data 'tar-Rekord tal-Wasla Antiċipata' mill-uffiċċju ta' destinazzjoni għall-għan ta' l-applikazzjoni, *mutatis mutandis*, ta' l-Artikolu 371."

27. Fl-Artikolu 427(2), il-kliem "skond it-tifsira ta' l-Artikolu 670(g)" huma mħassra.

28. It-Titolu III (l-Artikolu 496 sa 787) tat-Taqsima II huwa sostitwit b'dak li ġej:

"TITOLU III

PROĊEDURI DOGANALI B'IMPATT EKONOMIKU

KAPITOLU 1

Disposizzjonijiet komuni għal iktar minn arranġament wieħed

Taqsima 1

Definizzjonijiet

Artikolu 496

Għall-għanijiet ta' dan it-Titolu:

▼B

(a) ‘arranġamenti’ tfisser proċedura doganali b'impatt eknomiku;

(b) ‘awtorizzazzjoni’ tfisser permess mill-awtoritajiet doganali biex jintużaw arranġamenti;

(ċ) ‘awtorizzazzjoni waħda’ tfisser awtorizzazzjoni li tinvolvi amministrazzjonijiet doganali differenti li jkopru dħul għal u/jew skarigu ta' l-arranġamenti, ħażna, operazzjonijiet jew użi suċċessivi ta' l-ipproċessar

(d) ‘detentur’ tfisser id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni;

(e) ‘uffiċċju tas-sorveljanza’ tfisser l-uffiċċju doganali indikat fl-awtorizzazzjoni kif mogħti s-setgħa biex jissorvelja l-arranġamenti;

(f) ‘uffiċċju tad-dħul’ tfisser l-uffiċċju doganali jew uffiċċji indikati fl-awtorizzazzjoni kif mogħtija s-setgħa biex taċċetta dikjarazzjonijiet tad-dħul ta' oġġetti għall-arranġamenti;

(g) ‘uffiċċju ta' skarigu’ tfisser l-uffiċċju doganali jew uffiċċji indikati fl-awtorizzazzjoni kif mogħtija s-setgħa li jaċċettaw dikjarazzjonijiet li jassenjaw oġġetti, wara d-dħul għall-arranġamenti, għal trattament jew użu ġdid doganali permess, jew, fil-każ ta' proċessar 'l barra, id-dikjarazzjoni għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa;

(h) ‘traffiku trijangolari’ tfisser it-traffiku fejn l-uffiċċju ta' skarigu ma huwiex l-istess bħal l-uffiċċju tad-dħul;

(i) ‘kontijiet’ tfisser il-materjali kummerċjali, tat-taxxa jew materjal ieħor tal-kontijiet tad-detentur, jew dik id-data miżmuma għannom tagħhom;

(j) ‘rekords’ tfisser id-data li fiha l-informazzjoni kollha meħtieġa u dettalji tekniċi dwar kull medju, li tippermetti lill-awtoriatjiet doganali bies jissorveljaw u jikkontrollaw l-arranġamenti, b'mod partikolari fir-rigward tax-xejra u t-tibdil fl-istatus ta' l-oġġetti; fl-arranġamenti ta' magazzinaġġ doganali ir-rekords jissejħu rekords tal-ħażna;

(k) ‘prodotti prinċipali li jikkunpensaw’ tfisser prodotti li jikkunpensaw għall-produzzjoni li għaliha ġew awtorizzati l-arraġamenti;

(l) ‘prodotti sekondarji li jikkumpensaw’ tfisser prodotti li jikkumpensaw li huma bi-prodott meħtieġ għall-operazzjoni ta' pproċessar minbarra il-prodotti prinċipali jikkumpensaw speċifikati fl-awtorizzazzjoni;

(m) ‘perjodu ta' skarigu’ tfisser iż-żmien li fih l-oġġetti jew il-prodotti għandhom ikunu ġew assenjati trattament jew użu permess ġdid approvat mid-dwana inkluż, skond il-każ, sabiex jintalab ħlas lura tad-dazji ta' l-importazzjoni wara pproċessar 'l ġewwa (sistema ta' rifużjoni), jew sabiex jinkiseb ħelsien totali jew parzjali minn dazji ta' importazzjoni mar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa wara pproċessar 'l barra.

Taqsima 2

Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni

Artikolu 497

1. L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni għandha ssir bil-miktub bl-użu tal-mudell imniżżel fl-Anness 67.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu tiġdid jew modifikazzjoni ta' awtorizzazzjoni li għaliha għandha ssir applikazzjoni b'talba sempliċi bil-miktub.

▼B

3. Fil-każijiet li ġejjin, l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tista' issir permezz ta' dikjarazzjoni doganali bil-miktub jew permezz ta' teknika ta' l-ipproċessar tad-data bl-użu tal-proċedura normali:

(a) għall-ipproċessar 'il ġewwa, fejn skond l-Artikolu 539 il-kondizzjonijiet ekonomiċi jitqiesu li jkunu tħarsu, bl-eċezzjoni ta' applikazzjonijiet li jinvolvu oġġetti ekwivalenti;

(b) għall-ipproċessar taħt sistemi doganali, fejn skond l-Artikolu 552 (1), l-ewwel subparagrafu, il-kondizzjonijiet ekonomiċi jitqiesu li jkunu mħarsa;

(ċ) għall-importazzjoni temporanja, inkluż l-użu ta' *carnet* ATA jew CPD;

(d) għall-ipproċessar 'l barra, fejn l-operazzjonijiet ta' l-ipproċessar jikkonċernaw tiswijiet, inkluża s-sistema *standard* ta' skambju mingħajr importazzjoni minn qabel, u, wara pproċessar 'l barra, fil-każijiet li ġejjin:

(i) għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa wara l-ipproċessar 'l barra bl-użu tas-sistema *standard* ta' skambju b'importazzjoni minn qabel;

(ii) għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa wara l-ipproċessar 'l barra bl-użu ta' sistema *standard* ta' skambju mingħajr importazzjoni minn qabel, fejn l-awtorizzazzjoni eżistenti ma tkoprix sistema bħal din u l-awtoritajiet doganali jippermett l-modifika tagħha;

(iii) għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa wara l-ipproċessar 'l barra jekk l-operazzjoni ta' l-ipproċessar tikkonċerna oġġetti ta' natura mhux kummerċjali.

L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tista' issir permezz ta' dikjarazzjoni verbali doganali għall-importazzjoni temporanja skond l-Artikolu 229, suġġetta għall-preżentazzjoni ta' dokument magħmul skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 499.

L-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tista' issir permezz ta' dikjarazzjoni doganali għall-importazzjoni temporanja minn kull att ieħor skond l-Artikolu 232(1).

4. Applikazzjonijiet għal awtorizzazzjoni waħda, ħlief għall-importazzjoni temporarja, għandhom isisru skond il-paragrafu 1.

5. L-awtoritajiet doganali jistgħu jirrekjedu applikazzjonijiet għall-importazzjni temporanja b'ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni skond l-Artikolu 578 li jsiru skond il-paragrafu 1.

Artikolu 498

L-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni taħt l-Artikolu 497 għandha tintbagħat:

(a) għall-magazzinaġġ doganali: lill-awtoritajiet doganali nominati għall-post li għandu jiġi approvat bħala maħżen doganali jew fejn jinżammu l-kontijiet prinċipali ta' l-applikant;

(b) għal ipproċessar 'l barra u pproċessar taħt kontroll doganali: ta' l-awtoritajiet doganali nominati għall-post fejn l-operazzjoni ta' l-ipproċessar għandha titwettaq;

(ċ) għal importazzjoni temporanja: lill-awtoritajiet doganali nominati għall-post fejn l-oġġetti għandhom jintużaw, mingħajr preġudizzju għat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 580(1);

(d) għall-ipproċessar 'l barra; lill-awtoritajiet doganali nominati għall-post fejn jinsabu l-oġġetti dikjarati għall-esportazzjoni temporanji;

▼B

Artikolu 499

Fejn l-awtoritajiet doganali jqiesu li xi informazzjoni mogħtija fl-applikazzjoni ma tkunx adegwata, huma jistgħu jeħtieġu dettalji addizzjonali mill-applikant.

B'mod partikolari, fejn applikazzjoni tista' isir permezz ta' dikjarazzjoni doganali, l-awtoritajiet doganali għandhom jirrikjedu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 220, li l-applikazzjoni tkun akkumpanjata b'dokument magħmul mid-dikjarant li fih mill-inqas l-informazzjoni li ġejja, sa kemm dik l-informazzjoni ma titqiesx bħala mhux meħtieġa jew tista' tiddaħħal fuq il-formola użata għad-dikjarazzjoni bil-miktub:

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant, id-dikjarant u l-operatur;

(b) in-natura ta' l-ipproċessar jew l-użu ta' l-oġġetti;

(ċ) deskrizzjoni teknika ta' l-oġġetti u prodotti li jikkumpensaw jew proċessati u mezzi biex jiġu identifikati;

(d) kodiċi ta' kondizzjonijiet ekonomiċi skond l-Anness 70;

(e) ir-rata stmata ta' produzzjoni jew il-metodu li bih dik ir-rata għandha tiġi stabbilita;

(f) perjodu stmat ta' skarigu;

(g) uffiċċju propost ta' skarigu;

(h) post ta' l-ipproċessar jew użu;

(i) il-formalitajiet proposti ta' trasferiment;

(j) fil-każ ta' dikjarazzjoni doganali bil-fomm, il-valur u l-kwantità ta' l-oġġetti.

Fejn id-dokument imsemmi fit-tieni paragrafu huwa preżentat b'dikjarazzjoni doganali bil-fomm għal importazzjoni temporanja, għandu jsir f'żewġ kopji u kopja waħda għandha tkun iffirmata mill-awtoritajiet doganali u tingħata lid-dikjarant.

Taqsima 3

Awtorizzazzjoni waħda

Artikolu 500

1. Fejn issir applikazzjoni għal awtorizzazzjoni waħda, il-ftehim minn qabel ta' l-awtoritajiet ikkonċernati għandu ikun meħtieġ, skond il-proċedura mniżżla fil-paragrafi 2 u 3.

2. Fil-każ ta' importazzjoni temporanja, l-applikazzjoni għandha tiġi sottomessa lill-awtoritajiet doganali nominati għall-post ta' l-ewwel użu, mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 580(1), it-tieni subparagrafu.

F'każijiet oħrajn, għandu jkun sottomess lill-awtoritajiet doganali nominati għall-post fejn jinżammu l-kontijiet prinċipali ta' l-applikant biex ikunu faċilitati kontrolli bbażati fuq verifika ta' l-arranġamenti u fejn għall-inqas parti mill-ħażna, operazzjonijiet ta' l-ipproċessar jew esportazzjoni temporanja li għandhom ikunu koperti mill-awtorizzazzjoni huma kondotti.

3. Dawn l-awtoritajiet doganali nominati skond il-paragrafu 2 għandhom jikkomunikaw l-applikazzjoni u l-abbozz ta' l-awtorizzazzjoni lill-awtoritajiet doganali l-oħrajn konċernati, li għandhom jikkonfermaw id-data ta' l-irċevuta fi żmien 15-il ġurnata.

L-awtoritajiet l-oħrajn doganali konċernati għandhom jinnotifikaw kull oġġezzjonijiet fi żmien 30 ġurnata mid-data li fiha l-abbozz ta' l-awtorizzazzjoni kien riċevut. Fejn l-oġġezzjonijiet huma notifikati f'dak il-perjodu u ma jintlaħaq l-ebda ftehim, l-applikazzjoni m'għandhiex tiġi aċċettata sal-limitu li għalih kienu qajjmu l-oġġezzjonijiet.

▼B

4. L-awtoritajiet doganali jistgħu joħorġu l-awtorizzazzjoni jekk huma ma jkunu rċevew l-ebda oġġezzjonijiet għall-abbozz ta' l-awtorizzazzjoni fi żmien 30 ġurnata.

Huma għandhom jibagħtu kopja ta' l-awtorizzazzjoni miftiehma lill-awtoritajiet doganali konċernati kollha.

Artikolu 501

1. Fejn il-kriterji u l-kondizzjonijiet għall-għoti ta' awtorizzazzjoni waħda jkunu b'mod ġenerali miftiehma bejn żewġ amministrazzjonijiet doganali jew iktar, l-imsemmija amministrazzjonijiet jistgħu ukoll jaqblu li jibdlu l-ftehim minn qabel skond l-Artikolu 500(1) u l-informazzjoni li għandha tiġi provduta skond l-Artikolu 500(2), it-tieni subparagrafu, b'notifika sempliċi.

2. In-notifika għandha dejjem tkun suffiċjenti fejn:

(a) awtorizzazzjoni waħda tiġi mġedda, suġġetta għal-modifiki ta' natura minuri, annullata jew revokata;

(b) l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni waħda tikkonċerna importazzjoni temporanja u m'għandhiex ssir permezz ta' l-użu tal-mudell fl-Anness 67.

3. L-ebda notifika ma għandha tinħtieġ fejn:

(a) l-uniku element li jinvolvi amministrazzjonijiet doganali differenti jkun traffiku trijangolari taħt ipproċessar 'l ġewwa jew il-barra, mingħajr użu ta' folji rikapitulattivi ta' informazzjoni;

(b) jintużaw *carnet*s ta' l-ATA jew CPD;

(ċ) l-awtorizzazzjoni għall-importazzjoni temporanja tingħata billi tkun aċċettata b'dikjarazzjoni bil-fomm jew dikjarazzjoni permezz ta' kull att ieħor.

Taqsima 4

Kondizzjonijiet ekonomiċi

Artikolu 502

1. Ħlief fejn il-kondizzjonijiet ekonomiċi jitqiesu li jkunu mwettqa skond il-Kapitolu 3, 4 jew 6, l-awtorizzazzjoni m'għandhiex tingħata mingħajr eżami tal-kondizzjonijiet ekonomiċi mill-awtoritajiet doganali.

2. Għall-arranġamenti ta' l-ipproċessar 'l ġewwa (il-Kapitolu 3), l-eżami għandu jistabilixxi n-nuqqas ta' vijabilità ekonomika bl-użu ta' sorsi tal-Komunità waqt li jingħata kont b'mod partikolari tal-kriterji li ġejjin, li d-dettalji tagħhom huma preskritti fit-Taqsima B ta' l-Anness 70:

(a) in-nuqqas ta' disponibilità ta' oġġetti manifatturati fil-Komunità li jaqsmu l-istess kwalità u karatteristiċi tekniċi bħal l-oġġetti maħsuba biex jiġu importati għall-operazzjonijiet ta' ipproċessar maħsuba;

(b) differenzi fil-prezz bejn l-oġġetti manifatturati fil-Komunità u dawk maħsuba biex jiġu importati;

(ċ) obbligi kuntrattwali.

3. Għall-ipproċessar taħt arranġamenti ta' kontroll doganali (il-Kapitolu 4), l-eżami għandu jistabilixxi jekk l-użu ta' sorsi mhux tal-Komunità jippermettix li attivitajiet ta' pproċessar jinħolqu jew jiġu mantenuti fil-Komunità.

4. Għall-arranġamenti ta' l-ipproċessar 'barra (il-Kapitolu 6), l-eżami għandu jstabilixxi jekk:

▼B

(a) it-twettiq ta' proċessar 'l barra mill-Komunità aktarx tikkawża żvantaġġi serji għall-proċessuri tal-Komunità; jew

(b) it-twettiq ta' l-ipproċessar fil-Komunità huwiex ekonomikament vijabbli jew m'huwiex possibbli minħabba raġunijiet tekniċi jew minħabba obbligi kuntrattwali.

Artikolu 503

Eżami tal-kondizzjonijiet ekonomiċi li jinvolvu l-Kummissjoni jistgħu jsiru:

(a) jekk l-awtoritajiet doganali konċernati jixtiequ jikkonsultaw qabel jew wara l-ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni;

(b) jekk amministrazzjoni doganali oħra toġġezzjona għall-awtorizzazzjoni maħruġa;

(ċ) fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

Artikolu 504

1. Fejn ikun inbeda eżami skond l-Artikolu 503, il-każ għandu jintbagħat lill-Kummissjoni. Għandu jkollu fih ir-riżultati ta' l-eżami diġa mwettaq.

2. Il-Kummisjoni għandha tibgħat konferma li tkun irċeviet jew notifika lill-awtoritajiet doganali konċernati meta taġixxi fuq l-inizjattiva tagħha stess. Għandha tistabbilixxi b'konsultazzjoni magħhom jekk ikunx meħtieġ eżami tal-kondizzjonijiet ekonomiċi fil-Kumitat.

3. Fejn il-każ jiġi sottomess lill-Kumitat, l-awtoritajiet doganali għandhom jinformaw lill-applikant, jew lid-detentur, li din il-proċedura tkun ġiet mibdija u, jekk il-maneġġ ta' l-applikazzjoni ma jkunx intemm, li l-limiti ta' żmien imniżżla fl-Artikolu 506 ikunu ġew sospiżi.

4. Il-konklużjoni tal-Kumitat għandu jingħata kont tagħha mill-awtoritajiet doganali konċernati u mill-awtoritajiet doganali l-oħrajn li jittrattaw ma' awtorizzazzjonijiet jew applikazzjonijiet simili.

Din il-konklużjoni tista' tinkludi l-publikazzjoni tagħha fis-serje C tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Taqsima 5

Id-deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni

Artikolu 505

L-awtoritajiet doganali kompetenti biex jiddeċiedu għandhom jagħtu l-awtorizzazzjoni kif ġej:

(a) għal applikazzjoni taħt l-Artikolu 497(1), bl-użu tal-mudell imniżżel fl-Anness 67;

(b) għal applikazzjoni taħt l-Artikolu 497(3), b'aċċetazzjoni tad-dikjarazzjoni doganali;

(ċ) għal applikazzjoni ta' tiġdid jew modifika, b'att xieraq.

Artikolu 506

L-applikant għandu jkun informat bid-deċiżjoni sabiex tinħareġ awtorizzazzjoni, jew ir-raġunijiet għaliex l-applikazzjoni kienet rifjutata, fi żmien 30 ġurnata jew 60 ġurnata fil-każ ta' arranġamenti ta' magazzinaġġ doganali, mid-data li fiha kienet intbagħtet l-applikazzjoni jew mid-data li fiha tiġi riċevuta informazzjoni li jkun għad fadal jew informazzjoni addizzjonali mill-awtoritajiet doganali.

Dawn il-perjodi m'għandhomx japplikaw fil-każ ta' awtorizzazzjoni waħda sakemm ma tinħariġx taħt l-Artikolu 501.

▼B

Artikolu 507

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 508, awtorizzazzjoni għandu jkollha effett fid-data tal-ħruġ jew f'xi data iktar tard mogħtija fl-awtorizzazzjoni. Fil-każ ta' maħżen privat, l-awtoritajiet doganali jistgħu jikkomunikaw eċċezzjonalment il-ftehim tagħhom għall-użu ta' arranġamenti minn qabel il-ħruġ attwali ta' l-awtorizzazzjoni.

2. L-ebda limitu dwar il-perjodu ta' limitu ta' validità ma għandu jiġi ffissat għal awtorizzazzjonijiet ta' arranġamenti ta' magazzinaġġ doganali.

3. Għal proċessar 'l ġewwa, proċessar taħt kontroll doganali u proċessar 'l barra, il-perjodu ta' validità m'għandux jeċċedi tliet snin minn meta d-data ta' l-awtorizzazzjoni ikollha effett, ħlief fejn ikun hemm raġunijiet debitament ġustifikati.

4. B'deroga mill-paragrafu 3, għal oġġetti taħt proċessar 'l ġewwa koperti mill-Anness 73, it-Taqsima A, il-perjodu tal-validità m'għandux jaqbeż is-sitt xhur.

Fil-każ ta' ħalib u prodotti tal-ħalib imsemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 (*), il-perjodu ta' validità m'għandux jaqbeż it-tliet xhur.

Artikolu 508

1. Ħlief għall-arranġamenti ta' magazzinaġġ doganali, l-awtoritajiet doganali jistgħu joħorġu awtorizzazzjoni retroattiva.

Mingħajr preġudizzju għall-paragrafi 2 u 3, awtorizzazzjoni retroattiva għandu jkollha effett l-iktar kmieni fid-data meta ġiet sottomessa l-applikazzjoni.

2. Jekk l-applikazzjoni tikkonċerna tiġdid ta' awtorizzazzjoni ta' l-istess tip ta' operazzjoni u oġġetti, tista' tingħata awtorizzazzjoni b'effett retroattiv mid-data ta' l-iskadenza ta' l-awtorizzazzjoni oriġinali.

3. F'ċirkostanzi eċċezzjonali, l-effett retroattiv ta' awtorizzazzjoni jista' jkun estiż iktar, iżda mhux iktar minn sena qabel id-data li fiha tkun ġiet sottomessa l-applikazzjoni, sakemm ikun hemm ħtieġa ekonomika ppruvata u:

(a) l-applikazzjoni ma tkunx relatata ma' l-ebda attentat ta' għerq jew negliġenza ovvja;

(b) il-perjodu tal-validità li kieku kien jingħata taħt l-Artikolu 507 ma jinqabiżx;

(ċ) il-kontijiet ta' l-applikant jikkonfermaw li l-ħtiġiet kollha ta' l-arranġamenti jistgħu jitqiesu li jkunu tħarsu u, fejn jixraq, l-oġġetti jistgħu jkunu identifikati għall-perjodu involut, u dawn il-kontijiet jippermettu li l-arranġamenti jiġu kontrollati; u

(d) l-formalitajiet kollha meħtieġa sabiex tkun regolarizzata s-sitwazzjoni ta' l-oġġetti jistgħu jitwettqu, inkluż, fejn meħtieġ, l-invalidazzjoni tad-dikjarazzjoni.

Taqsima 6

Disposizzjonijiet oħrajn fir-rigward ta' l-operazzjoni ta' l-arranġamenti

Subsezzjoni 1

Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 509

1. Miżuri ta' politika kummerċjali kif provdut għalihom f'atti tal-Komunità għandhom jkunu applikabbli mad-dħul għall-arranġamenti

▼B

ta' oġġetti mhux tal-Komunità biss sal-limitu li jkunu jirreferu għaddħul ta' oġġetti fit-territorju doganali tal-Komunità.

2. Fejn prodotti differenti li jikkumpensaw barra minn dawk imsemmija fl-Anness 75, miksuba taħt arranġamenti ta' proċċessar 'l ġewwa huma rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa, il-miżuri tal-politika kummerċjali li għandhom jiġu applikati għandhom ikunu dawk applikabbli għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' l-oġġetti mportati.

3. Fejn prodotti proċessati, miksuba taħt arranġamenti għall-ipproċessar taħt il-kontroll doganali, huma rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, il-miżuri ta' politika kummerċjali applikabbli għal dawk il-prodotti għandhom jiġu applikati biss meta l-oġġetti ta' l-importazzjoni huma suġġetti għal dawk il-miżuri.

4. Meta atti tal-Komunità jipprovdu għal miżuri ta' politika kummerċjali fuq ir-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, dawn il-miżuri m'għandhomx japplikaw għal prodotti li jikkumpensaw rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa wara proċessar 'l barra:

— li jkunu żammew l-oriġini tal-Komunità skond it-tifsira ta' l-Artikoli 23 u 24 tal-Kodiċi;

— li jinvolvu tiswija, inkluża s-sistema *standard* ta' l-iskambju;

— wara operazzjonijiet suċċessivi ta' pproċessar skond l-Artikolu 123 tal-Kodiċi.

Artikolu 510

Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 131(5) tal-Kodiċi, l-uffiċċju tas-sorveljanza jista' jippermetti li d-dikjarazzjoni doganali tiġi preżentata fl-uffiċċju doganali barra minn dawk speċifikati fl-awtorizzazzjoni. L-uffiċċju tas-sorveljanza għandu jistabbilixxi kif għandu jiġi nformat.

Subsezzjoni 2

Trasferimenti

Artikolu 511

L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika jekk u taħt liema kondizzjonijiet tal-moviment ta' oġġetti jew prodotti mqiegħda taħt arranġamenti sospensivi bejn postijiet differenti jew għall-post ta' operazzjoni ta' detentur ieħor jistgħu jseħħu mingħajr skarigu ta' l-arranġamenti (trasferiment) suġġett, f'każijiet barra minn dawk ta' importazzjoni temporanja, għaż-żamma ta' rekords.

Trasferiment m'għandux ikun possibbli fejn il-post tat-tluq u tal-wasla ta' l-oġġetti huwa maħżen tat-tip B.

Artikolu 512

1. Trasferiment bejn postijiet differenti maħsuba fl-istess awtorizzazzjoni jista' jitwettaq mingħajr formalitajiet doganali.

2. Trasferiment mill-uffiċċju tad-dħul tad-detentur jew il-faċilitajiet ta' l-operatur jew il-post ta' l-użu jista' jitwettaq taħt kopertura tad-dikjarazzjoni tad-dħul għall-arranġamenti.

3. Trasferiment lill-uffiċċju tal-ħruġ bil-għan għar-riesportazzjoni jista' jitwettaq taħt il-kopertura ta' l-arranġamenti. F'dan il-każ, l-arranġamenti m'għandhomx jiġu skarigati sakemm l-oġġetti jew il-prodotti dikjarati għar-riesportazzjoni jkunu attwalment ħallew it-territorju doganali tal-Komunità.

Artikolu 513

Trasferiment minn detentur għall-ieħor jista' jseħħ biss meta dan ta' l-aħħar idaħħal l-oġġetti jew prodotti trasferiti għall-arranġamenti

▼B

taħt awtorizzazzjoni biex juża l-proċedura lokali ta' kklirjar. Notifika lill-awtoritajiet doganali u d-dħul fir-rekords ta' l-oġġetti jew prodotti msemmija fl-Artikolu 266 għandha sseħħ mal-wasla tagħhom fuq il-post ta' l-operazzjoni tat-tieni detentur. Dikjarazzjoni supplimentari m'għandhiex tkun meħtieġa.

Fil-każ ta' importazzjoni temporanjza, it-trasferiment minn detentur għall-ieħor jista' jseħħ ukoll fejn dan ta' l-aħħar idaħħal l-oġġetti taħt l-arranaġamenti permezz ta' dikjarazzjoni doganali bil-miktub bl-użu tal-proċedura normali.

Il-formalitajiet li għandhom jitwettqu huma preskritti fl-Anness 68. Malli jirċievi l-oġġetti jew il-prodotti, it-tieni detentur għandu jkun obbligat li jdaħħluhom għall-arranġamenti.

Artikolu 514

It-trasferiment li jinvolvi riskju miżjud kif imniżżel fl-Anness 44c għandu jkun kopert b'garanzija taħt kondizzjonijiet ekwivalenti għal dawk kif provdut għalihom fil-proċedura tat-transitu.

Subsezzjoni 3

Rekords

Artikolu 515

L-awtoritajiet doganali għandhom jeħtieġu lid-detentur, l-operatur jew il-persuna nominata li tieħu ħsieb il-maħżen biex iżżomm rekords, ħlief għall-importazzjoni temporanja jew fejn ma jqisuhomx meħtieġa.

L-awtoritajiet doganali jistgħu japprovaw il-kontijiet eżistenti li jkun fihom il-partikolaritajiet relevanti bħala rekords.

L-uffiċċju tas-sorveljanza jista' jeħtieġ li jsir inventarju ta' l-oġġetti kollha jew uħud minhom imqiegħda taħt l-arranġamenti.

Artikolu 516

Ir-rekords imsemmija fl-Artikolu 515 u, fejn huma meħtieġa, taħt l-Artikolu 581(2) għal importazzjonijiet temporanji għandu jkollhom fihom l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-informazzjoni kontentuta fil-kaxxi tal-lista minima preskritta fl-Anness 37 għad-dikjarazzjoni tad-dħul għall-arranġamenti;

(b) partikolaritajiet tad-dikjarazzjonijiet li permezz tagħhom l-oġġetti huma assenjati trattament ta' approvazzjoni doganali jew għall-użu ta' skarigu ta' l-arranġamenti;

(ċ) id-data u l-partikolaritajiet ta' referenza ta' dokumenti oħrajn doganali u kull dokument ieħor relatat mad-dħul u l-iskarigu;

(d) in-natura ta' l-operazzjonijiet ta' l-ipproċessar, tipi ta' maniġġ jew użu temporanju;

(e) ir-rata tal-produzzjoni jew il-metodu tagħha ta' kalkolu fejn xieraq;

(f) informazzjoni li tippermetti li l-oġġetti jkunu monitorjati, inkluża l-lokazzjoni u l-partikolaritajiet tagħhom ta' kull trasferiment;

(g) deskrizzjonijiet kummerċjali jew tekniċi meħtieġa għall-identifikazzjoni ta' l-oġġetti;

(g) partikolaritajiet li jippermettu l-monitorjar tal-movimenti taħt arranġamenti ta' l-iproċessar 'l ġewwa li joperaw f'oġġetti ekwivalenti.

Iżda, l-awtoritajiet doganali jistgħu jirrunzjaw din il-ħtieġa għal xi ftit minn din l-informazzjoni fejn dan ma jaffetwax b'mod negattiv

▼B

il-kontroll jew is-sorveljanza ta' l-arranġamenti għall-oġġetti li għandhom jintħażnu, jiġu proċessati jew użati.

Subsezzjoni 4

Ir-rata tal-produzzjoni u l-formula tal-kalkolu

Artikolu 517

1. Fejn l-arranġamenti relevanti li jaqgħu taħt il-Kapitoli 3, 4 u 6, rata ta' produzzjoni jew il-metodu għall-istabbiliment ta' din ir-rata, inklużi rati medji, għandhom jkunu stabbiliti fl-awtorizzazzjoni jew fiż-żmien li l-oġġetti huma mdaħħla għall-arranġamenti. Din ir-rata għandha tiġi stabbilita, sa fejn huwa possibli, fuq il-bażi ta' data ta' produzzjoni jew teknika jew, fejn dawn ma humiex disponibbli, data relatata ma' operazzjonijiet ta' l-istess tip.

2. F'ċirkostanzi partikolari l-awtoritajiet doganali jistgħu jistabilixxu r-rata ta' produzzjoni wara li l-oġġetti jkun daħlu għall-arranġamenti, iżda mhux iktar tard minn meta ġew assenjati trattament jew użu approvat doganali ġdid.

3. Ir-rati *standard* ta' produzzjoni preskritti għal ipproċessar 'l ġewwa fl-Anness 69 għandhom japplikaw għall-operazzjonijiet imsemmija fih.

Artikolu 518

1. Il-proporzjon ta' oġġetti ta' importazzjoni/esportazzjoni temporanja inkorporati fil-prodotti li jikkumpensaw għandu jkun kalkolat sabiex:

— jiġu stabbiliti d-dazji ta' importazzjoni li għandhom jintalbu;

— jiġi stabbilit l-ammont li għandu jitnaqqas meta jsir debitu doganali; jew

— biex ikunu applikati miżuri ta' politika kummerċjali.

Dawn il-kalkoli għandhom jsiru skond il-metodu ta' l-iskala kwantitattiva, jew il-metodu ta' l-iskala tal-valur kif xieraq, jew kull metodu ieħor li jagħti riżultati simili.

Għall-iskopijiet ta' dawn il-kalkoli, prodotti li jikkumpensaw għandhom jinkludu prodotti proċessati jew prodotti intermedji.

2. Il-metodu ta' l-iskala kwantitattiva għandu jiġi applikat fejn:

(a) tip wieħed biss ta' prodott li jikkumpensa huwa derivat mill-operazzjonijiet ta' ipproċessar; f'dan il-każ il-kwantità ta' l-importazzjoni/esportazzjoni temporanja meqjusa li tkun preżenti fil-kwantità ta' prodotti li jikkumpensaw li għalihom isir debitu doganali għandu jkun proporzjonali ma' dan ta' l-aħħar kategorija ta' prodotti bħala perċentwal tal-kwantità totali ta' prodotti li jikkumpensaw;

(b) diversi tipi ta' prodotti li jikkumpensaw huma derivati mill-operazzjonijiet ta' proċessar u l-elementi kollha ta' l-oġġetti ta' importazzjoni/esportazzjoni temporanja jinstabu f'kull wieħed minn dawk il-prodotti li jikkumpensaw; f'dan il-każ il-kwantità ta' l-oġġetti ta' importazzjoni/esportazzjoni temporanja meqjusa li tkun preżenti fil-kwantità ta' prodott partikolari li jikkumpensa li għalih isir debitu doganali għandu jkun proporzjonali għall-:

(i) proporzjoni bejn dan it-tip speċifiku ta' prodott li jikkumpensa, irrispetivament ta' jekk sarx debitu doganali, u l-kwantità totali tal-prodotti li jikkumpensaw kollha, u

(ii) proporzjon bejn il-kwantità ta' prodotti li jikkumpensaw li għalihom isir debitu doganali u l-kwantità totali ta' prodotti li jikkumpensaw ta' l-istess tip.

▼B

Biex jiġi deċiż jekk il-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tal-metodi deskritti f'(a) jew (b) humiex imħarsa, m'għandux jingħata kont tat-telf. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 862, telf tfisser il-proporzjon ta' l-oġġetti ta' importazzjoni/esportazzjoni temporanja distrutti u mitlufa matul l-operazzjoni ta' l-ipproċessar, tnixxif, ventilazzjoni bħal gass jew tlissija. Fl-ipproċessar 'l barra ta' prodotti sekondarji li jikkumpensaw li jikkostitwixxu skart, skrapp, residwi, bċejjeċ maqtugħin barra u fdalijiet għandhom jitqiesu bħala telf.

3. Il-metodu ta' l-iskala tal-valur għandu jkun applikat fejn il-metodu ta' l-iskala kwantitattiva ma japplikax.

Il-kwantità ta' oġġetti ta' importazzjoni/esportazzjoni temporanja meqjusa li tirrappreżenta l-kwantità ta' prodott partikolari li jikkumpensa li għalih isir debitu doganali għandu jkun fi proporzjon għall-:

(a) valur ta' dan it-tip speċifiku ta' prodott li jikkumpensa,irrispettivament ta' jekk sarx f'debitu doganali, bħala perċentwal tal-valur totali tal-prodotti li jikkumpensaw kollha; u

(b) valur tal-prodotti li jikkumpensaw li dwarhom ikun sar debitu doganali, bħala perċentwal tal-valur totali ta' prodotti li jikkumpensaw ta' dak it-tip.

Il-valur ta' kull wieħed mill-prodotti li jikkumpensaw li għandu jintuża għall-applikazzjoni ta' l-iskala tal-valur għandu jkun il-prezz reċenti tal-fabrika fil-Komunità, jew il-prezz reċenti tal-bejgħ fil-Komunità ta' prodotti identiċi jew simili, sakemm dawn ma jkunux ġew influwenzati bir-relazzjoni bejn il-bejjiegħ u x-xerrej.

4. Fejn il-valur ma jistax ikun aċċertat skond il-paragrafu 3, għandu jkun stabbilit permezz ta' kull metodu raġenevoli.

Subsezzjoni 5

Iimgħax li jikkumpensa

Artikolu 519

1. Fejn isir debitu doganali fir-rigward ta' prodotti li jikkumpensaw jew oġġetti mportati taħt proċessar 'l ġewwa jew importazzjoni temporanja, iimgħax ta' kumpens għandu jkun dovut fuq l-ammont ta' dazji ta' importazzjoni għall-perjodu nvolut.

2. Rati ta' l-iimgħax tas-suq monetarju ta' kull tliet xhur ippubblikati fl-anness statistiku tal-Bullettin ta' Kull Xahar għall-Bank Ċentrali Ewropew għandhom japplikaw.

Ir-rata applikabbli għandha tkun dik tax-xahrejn li jiġu qabel ix-xahar li fih isir id-debitu doganali u għall-Istat Membru fejn l-ewwel operazzjoni jew użu hekk kif provdut mill-awtorizzazzjoni tkun seħħet jew kien messha sseħħ.

3. L-iimgħax għandu jkun applikat fuq bażi ta' kull xahar, li jibda mill-ewwel ġurnata tax-xahar ta' wara ix-xahar li fih l-oġġetti mportati li għalihom ikun sar id-debitu doganali kienu ddaħħlu għall-ewwel darba għall-arranġamenti. Il-perjodu għandu jintemm fl-aħħar ġurnata tax-xahar li fih isir id-debitu doganali.

Fejn proċessar 'l ġewwa (sistema ta' rifużjoni) huwa konċernat u rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jintalab taħt l-Artikolu 128(4) tal-Kodiċi, il-perjodu jibda mill-ewwel ġurnata tax-xahar li jiġi wara x-xahar li fih id-dazji ta' importazzjoni jkun tħallsu jew intbagħtu.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 m'għandhomx japplikaw għall-każijiet li ġejjin:

(a) fejn il-perjodu li għandu jingħata kont tiegħu huwa inqas minn xahar;

(b) fejn l-ammont ta' l-iimgħax ta' kumpens applikabbli ma jaqbiżx l-20 EUR għal kull debitu tad-dazju li jsir;

▼B

(ċ) fejn isir debitu tad-dwana sabiex tiġi permessa l-applikazzjoni ta' trattament preferenzjali tat-tariffa taħt ftehim bejn il-Komunità u pajjiż terz fuq importazzjonijiet f'dak il-pajjiż;

(d) fejn skart u skrapp li jirriżulta mid-distruzzjoni jiġi rilaxxat għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa;

(e) fejn il-prodotti sekondarji li jikkumpensaw imsemmija fl-Anness 75 huma rilaxxati għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa, sakemm ikunu fi proporzjon ma' kwantitajiet esportati tal-prodotti prinċipali li jikkumpensaw;

(f) fejn ikun sar debitu doganali bħala riżultat ta' applikazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa taħt l-Artikolu 128(4) tal-Kodiċi, sakemm id-dazji ta' importazzjoni li għandhom jitġallsu fuq il-prodotti in kwistjoni ma jkunux ġew fil-fatt imħallsa lura jew mibgħuta;

(g) fejn id-detentur jitlob rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa u jissottometti prova li ċirkostanzi partikolaritajiet li mhux ġejjin minn xi negliġenza jew qerq min-naħa tiegħu jagħmluha impossibbli jew mhux ekonomiku sabiex titwettaq operazzjoni ta' riesportazzjoni taħt il-kondizzjonijiet li huwa kien antiċipa u debitament sostanzjati waqt l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni;

(h) fejn ikun sar debitu doganali u sal-imitu li tiġi provduta sigurtà permezz ta' depożitu fi flus b'relazzjoni ma' dan id-debitu;

(i) fejn ikun sar debitu doganali skond l-Artikolu 201(1)(b) tal-Kodiċi jew huwa dovut għar-rilaxx fiċ-ċirkolazzjoni ħielsa ta' oġġetti li kienu ddaħħlu għall-arranġamenti ta' mportazzjoni temporanja taħt l-Artikoli 556 sa 561, 563, 565, 568, 573(b) u 576 ta' dan ir-Regolament.

5. Fil-każ ta' operazzjonijiet ta' proċessar 'l ġewwa li fihom innumru ta' oġġetti mportati u/jew prodotti li jikkumpensaw jagħmluha mhux ekonomiku li jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-paragrafi 2 u 3, l-awtoritajiet doganali fuq it-talba tal-persuna konċernata, jistgħu jippermettu metodi semplifikati li jwasslu għal riżultati simili li għandhom jintużaw għall-kalkolu ta' imgħax ta' kumpens.

Subsezzjoni 6

Skarigu

Artikolu 520

1. Fejn l-oġġetti ta' importati jew esportati temporanjament ikunu ddaħħlu taħt żewġ dikjarazzjonijiet jew aktar għall-arranġamenti bissaħħa ta' awtorizzazzjoni waħda:

— fil-każ ta' arranġament sospensiv, l-assenjament ta' oġġetti jew prodotti għal trattament approvata mid-dwana ġdid jew użu għandu jiġi kkunsidrat għal skarigu ta' l-arranġamenti għall-oġġetti mportati in kwistjoni mdaħħla taħt l-iktar dikjarazzjonijiet kmieni;

— fil-każ ta' proċċessar 'l ġewwa (sistema ta' rifużjoni) jew proċċessar 'l barra, l-prodotti li jikkumpensaw għandhom jiġu kkunsidrati li jkunu nkisbu mill-importazzjoni jew esportazzjoni temporanja in kwistjoni rispettivament, imdaħħla taħt l-iktar dikjarazzjonijiet kmieni.

L-applikazzjoni ta' l-ewwel sub-paragrafu m'għandhiex twassal għal vantaġġi mhux ġustifikati fid-dazju ta' importazzjoni.

Id-detentur jista' jitlob li l-iskarigu li jseħħ b'relazzjoni ma' l-oġġetti speċifiċi mportati jew esportati temporanjament.

2. Fejn l-oġġetti taħt l-arranġamenti jitqegħdu flimkien ma' oġġetti oħrajn u jkun hemm id-distruzzjoni totali jew telf għall-kollox, l-awtoritajiet doganali jistgħu jaċċettaw evidenza prodotta

▼B

mid-detentur li jindika l-kwantità attwali ta' oġġetti taħt l-arranġamenti li ġiet distrutta jew intilfet. Fejn ma huwiex possibbli għaddetentur li jipproduċi din l-evidenza, l-ammont ta' oġġetti li jkunu ġew distrutti jew mitlufa għandu jkun stabbilit b'referenza għallproporzjon ta' l-oġġetti ta' dak it-tip taħt l-arranġamenti fil-ħin li seħħet dik id-distruzzjoni jew telf.

Artikolu 521

1. Mhux iktar tard mill-iskadenza tal-perjodu ta' skarigu, irrispettivament ta' jekk l-aggregazzjoni skond l-Artikolu 118(2), it-tieni subparagrafu, tal-kodiċi tintużax jew le:

— fil-każ ta' proċessar 'l ġewwa ta' oġġetti (sistema ta' sospensjoni) jew proċċessar taħt kontroll doganali, id-dokument ta' skarigu għandu jiġi fornut lill-uffiċċju ta' sorveljanza fi żmien 30 ġurnata;

— fil-każ ta' pproċessar 'l ġewwa (sistema ta' rifużjoni), it-talba għal ħlas lura jew remissjoni ta' dazji doganali għandha tintbagħat lill-uffiċċju ta' sorveljanza fi żmien sitt xhur.

Fejn ċirkostanzi speċjali hekk jirrekjedu, l-awtoritajiet doganali jistgħu jestendu l-perjodu anke jekk dan ikun skada.

2. Id-dokument jew it-talba għandu jkun fiha l-partikolari li ġejjin, sa kemm ma jkunx stabbiliti mod ieħor mill-uffiċċju ta' sorveljanza:

(a) il-partikolari ta' referenza ta' l-awtorizzazzjoni;

(b) il-kwantità ta' kull tip ta' oġġetti ta' importazzjoni fir-rigward ta' l-iskarigu, ħlas mill-ġdid jew remissjoni tintalab jew l-oġġetti ta' importazzjoni imdaħħla għall-arranġamenti taħt sistema ta' traffiku triangolari;

(ċ) il-kodiċi tan-NM ta' l-oġġetti ta' importazzjoni;

(d) ir-rata tad-dazji ta' importazzjoni li għalihom l-oġġetti importati huma suġġetti u, fejn japplika, l-valuri doganali tagħhom;

(e) il-partikolari tad-dikjarazzjonijiet li jdaħħlu l-oġġetti importati taħt l-arranġamenti;

(f) it-tip u l-kwantità tal-prodotti li jikkumpensaw jew proċessati jew l-oġġetti fl-istat mhux mibdul u t-trattament approvat middwana jew użu li għalih huma ġew assenjati, inkluż partikolari tad-dikjarazzjonijiet korrispondenti, dokumenti oħrajn doganali jew kull dokument ieħor li jirrelata għall-iskarigu u perjodi ta' skarigu;

(g) il-valur tal-prodotti korrispondenti jew proċessati jekk il-metodu ta' l-iskala tal-valur jintuża għar-raġunijiet ta' skarigu;

(g) ir-rata tal-produzzjoni;

(i) l-ammont ta' dazji ta' importazzjoni li għandhom jitħallsu jew għandhom jerġgħu jitħallsu jew jiġu rimessi u fejn japplika kull interess kompensatorju li għandu jitħallas. Fejn dan l-ammont jirreferi għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 546, hu għandu jkun speċifikat;

(h) fil-każ ta' proċessar taħt kontroll doganali, il-kodiċi tan-NM talprodotti proċessati u l-elementi meħtieġa għall-istabbiliment talvalur doganali.

3. L-uffiċċju ta' sorveljanza jista' joħroġ id-dokument ta' l-iskarigu.

▼B

Taqsima 7

Koperazzjoni amministrattiva

Artikolu 522

L-awtoritajiet doganali għandhom jikkommunikaw l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni fil-każijiet, fil-limitu ta' żmien u fil-format imniżżel fl-Anness 70:

(a) fir-rigward ta' pproċessar 'l ġewwa u proċessar taħt kontroll doganali:

(i) awtorizzazzjonijiet maħruġa;

(ii) applikazzjonijiet rifjutati jew awtorizzazzjonijiet annullati jew revokati fuq bażi ta' kondizzjonijiet ekonomiċi li ma ġewx imħarsa;

(b) fir-rigward ta' proċessar 'l barra:

(i) awtorizzazzjonijiet maħruġa skond l-Artikolu 147(2) tal-Kodiċi;

(ii) applikazzjonijiet rifjutati jew awtorizzazzjonijiet annullati jew revokati fuq bażi ta' kondizzjonijiet ekonomiċi li ma ġewx imħarsa.

Il-Kummissjoni għandha tagħmel dawn il-partikolari disponibbli għall-amministrazzjonijiet doganali.

Artikolu 523

Sabiex informazzjoni pertinenti tkun disponibbli għal uffiċċji oħrajn doganali involuti fl-applikazzjoni ta' l-arranġamenti, il-paġni ta' informazzjoni li ġejjin kif provdut għalihom fl-Anness 71 jistgħu jinħarġu fuq it-talba tal-persuna kkonċernata jew fuq l-inizjattiva ta' l-awtoritajiet doganali, sa kemm l-awtoritajiet doganali ma jaqblux fuq mezzi oħrajn ta' skambju ta' informazzjoni:

(a) għall-magazzinaġġ doganali, l-informazzjoni INF8, sabiex jiġu kommunikati l-elementi għal stima tad-dejn doganali applikabbli fuq l-oġġetti qabel l-forom komuni ta' maniġġ ikunu seħħu;

(b) għall-proċessar 'l ġewwa:

(i) il-paġna ta' informazzjoni INF1, għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni dwar l-ammonti doganali, imgħax kompensatorju, garanzija u miżuri ta' poltika kummerċjali,

(ii) il-paġna ta' informazzjoni INF9, għall-komunikazzjoni ta' l-informazzjoni dwar prodotti li jikkumpensaw li għandhom jiġu assenjati trattament ieħor ta' approvazzjoni doganali jew għall-użu fi traffiku triangolari,

(iii) il-paġna ta' informazzjoni INF5, biex il-komunikazzjoni biex jinkiseb ħelsien mid-dazju fuq oġġetti mportati, ta' informazzjoni jew esportazzjoni minn qabel fi traffiku triangolari,

(iv) il-paġna ta' informazzjoni INF7, għall-komunikazzjoni ta' informazzjoni li tippermetti l-ħlas mill-ġdid jew rimessjoni ta' dazji taħt is-sistema ta' rifużjoni;

(ċ) għall-importazzjoni temporanja, il-paġna ta' informazzjoni INF6 sabiex tikkomunika l-elementi għall-istima tad-debitu doganali jew ta' ammonti ta' dazju diġa imposti għal oġġetti li jkunu ċċaqalqu;

(d) għal proċċessar 'l barra, il-paġna ta' informazzjoni INF2 sabiex tikkomunika informazzjoni dwar oġġetti esportati temporanjament fi traffiku triangolari, sa biex jinkiseb ħelsien parzjali jew totali għall-prodotti li jikkumpensaw.

▼B

KAPITOLU 2

Magazzinaġġ doganali

Taqsima 1

Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 524

Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu li jirrigwardaw prodotti agrikoli, 'oġġetti finanzjati minn qabel' tfisser oġġetti maħsuba għall-esportazzjoni fl-istat mhux alterat li huma s-suġġett tal-pagament ta' ammont ugwali għal rifużjoni ta' esportazzjoni qabel l-oġġetti huma esportati, fejn ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 565/80 (**) jipprovdi għal dak il-ħlas.

Artikolu 525

1. Fejn maħżen doganali huwa pubbliku, il-klassifika li ġejja għandha tapplika:

(a) it-tip A, jekk ir-responsabbiltà taqa' f'idejn il-persuna li tieħu ħsieb il-maħżen;

(b) it-tip B, jekk ir-responsabbiltà taqa' f'idejn id-depożitur;

(ċ) it-tip F, jekk il-maħżen huwa operat mill-awtoritjiet doganali.

2. Fejn maħżen doganali huwa privat u r-responsabbiltà taqa' f'idejn min jieħu ħsieb il-maħżen, li hija l-istess persuna bħad-depożitur iżda mhux neċċessarjament is-sid ta' l-oġġetti, il-klassifika li ġejja għandha tapplika:

(a) it-tip D, fejn rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa jsir permezz tal-proċedura tal-ħruġ lokali u tista' tingħata fuq il-bażi tan-natura tagħha, il-valur doganali u l-kwantità ta' l-oġġetti li għandu jingħata kont tagħhom fiż-żmien tat-tqegħid tagħhom taħt l-arranġamenti;

(b) it-tip E, fejn japplikaw l-arranġamenti għalkemm khux meħtieġ li l-oġġetti jiġu maħżuna f'post approvat bħala maħżen doganali;

(ċ) it-tip Ċ, fejn l-ebda waħda mis-sitwazzjonijiet speċjali taħt il-punti (a) u (b) ma japplikaw.

3. Awtorizzazzjoni għal maħżen tat-tip E tista' tipprovdi li japplikaw il-proċeduri preskritti għat-tip D.

Taqsima 2

Kondizzjonijiet addizzjonali li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni

Artikolu 526

1. Waqt l-għoti ta' awtorizzazzjoni l-awtoritajiet doganali għandhom jiddefinixxu l-fond jew kull lokazzjoni oħra approvata bħala maħżen doganali tat-tip A, B, Ċ jew D. Huma jistgħu japprovaw ukoll faċilitajiet ta' ħażna temporanja bħal dawn it-tipi ta' maħżen jew joperawhom bħala maħżen tat-tip F.

2. Lokazzjoni ma tistax tiġi approvata bħala iktar minn maħżen doganali wieħed fl-istess waqt.

3. Fejn l-oġġetti huma ta' perikolu jew aktarx jħassru oġġetti oħrajn jew jirrekjedu faċilitajiet speċjali għal raġunijiet oħrajn, l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jispeċifikaw li huma jistgħu jinħażnu biss f'fond mgħammar b'mod speċjali biex jirċevihom.

4. L-imħażen tat-tip A, Ċ, D u E jistgħu jiġu approvati bħala mħażen ta' l-ikel skond it-tifsira ta' l-Artikolu 40 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/99 (***).

▼B

5. Awtorizzazzjonijiet singoli jistgħu jingħataw għal mħażen doganali privati biss.

Artikolu 527

1. Awtorizzazzjonijiet jistgħu jingħataw biss jekk il-forom tassoltu ta' maniġġ, proċessar 'l ġewwa jew proċċessar taħt il-kontroll doganali ta' l-oġġetti ma jippreddominawx fuq il-ħażna ta' l-oġġetti.

2. L-awtorizzazzjonijiet m'għandhomx jingħataw jekk il-fondi ta' l-imħażen doganali jew tal-faċilitajiet tal-ħażna jintużaw għall-għanijiet ta' bejgħ bl-imnut.

Awtorizzazzjoni tista', iżda, tingħata, fejn l-oġġetti huma mibjugħa bl-imnut b'ħelsien mid-dazji ta' importazzjoni:

(a) għal vjaġġaturi fi traffiku għal pajjiżi terzi;

(b) taħt arranġamenti diplomatiċi jew konsulari;

(ċ) lill-membri ta' organizazzjonijiet internazzjonali jew għall-forzi tan-NATO.

3. Għall-għanijiet tat-tieni inċiż ta' l-Artikolu 86 tal-Kodiċi, waqt l-eżami dwar jekk l-ispejjeż amministrattivi ta' l-arranġamenti ta' magazzinaġġ doganali humiex sproporzjonati mal-ħtiġiet ekonomiċi involuti, l-awtoritajiet doganali għandhom jagħtu kont, inter alia, tat-tip ta' maħżen u l-proċedura li tista' tiġi applikata ġo fih.

Taqsima 3

Rekords tal-ħażna

Artikolu 528

1. Fl-imħażen tat-tip A, Ċ, D u E, il-persuna nominata biex iżżomm ir-rekords tal-ħażna għandha tkun il-persuna li tieħu ħsieb il-maħżen.

2. Fl-imħażen tat-tip F, l-uffiċċju operattiv doganali għandu jżomm ir-rekords doganali fil-post tar-rekords tal-ħażna

3. F'imħażen tat-tip B, minflok rekords doganali, l-uffiċċju ta' sorveljazna għandu jżomm id-dikjarazzjonijiet tad-dħul għall-arranġamenti.

Artikolu 529

1. Ir-rekords tal-ħażna għandhom f'kull żmien juru l-ħażniet kurrenti ta' l-oġġetti li għadhom taħt arranġamenti ta' magazzinaġġ doganali. Fiż-żmienijiet preskritti mill-awtoritajiet doganali, il-persuna li tieħu ħsieb il-maħżen għandha tiddepożita lista ta' l-imsemmija ħażna fl-uffiċċju ta' sorveljanza.

2. Fejn l-Artikolu 112(2) tal-Kodiċi japplika, il-valur doganali ta' l-oġġetti qabel ma titwettaq kull forma normali ta' maniġġ għandu jidher fir-rekords tal-ħażna.

3. Informazzjoni dwar it-tneħħija temporanja ta' oġġetti u dwar oġġetti f'ħażniet komunu skond l-Artikolu 534(2) għandhom jidhru fir-rekords tal-ħażna.

Artikolu 530

1. Fejn l-oġġetti jiddaħħlu għall-arranġamenti tal-maħżen tat-tip E, d-daħla fir-rekords tal-ħażna għandha sseħħ meta jaslu fil-faċilitajiet tal-ħażna tad-detentur.

2. Fejn il-maħżen doganali jservi ukoll bħala faċilità tal-ħażna temporanja, id-daħla fir-rekords tal-ħażna għandha sseħħ fiż-żmien li d-dikjarazzjoni għall-arranġamenti hija aċċettata.

▼B

3. Daħla fir-rekords tal-ħażna relatata ma skarigu ta' l-arranġamenti għandha l-aktar tard iseħħ meta l-oġġetti jħallu l-maħżen doganali jew il-faċilitajiet tal-ħażna tad-detentur.

Taqsima 4

Disposizzjonijiet oħrajn fir-rigward ta' l-operazzjoni ta' l-arranġamenti

Artikolu 531

Oġġetti mhux tal-Komunità jistgħu jgħaddu mill-forom komuni ta' maniġġ elenkati fl-Anness 72.

Artikolu 532

Oġġetti jistgħu temporanjament jitneħħew għal perjodu li ma jaqbiżx it-tliet xhur. Fejn iċ-ċirkostanzi hekk jirrikjedu, il-perjodu jista' jiġi estiż.

Artikolu 533

Applikazzjonijiet għall-permess biet jitwettqu l-forom normali ta' maniġġ jew ta' tneħħija temporanja ta' oġġetti mill-maħżen doganali għandhom isiru bil-miktub lill-uffiċċju tas-sorveljanza fuq bażi ta' każ b'każ. Huma għandu jkollhom fihom il-partikolari kollha meħtieġa biex japplikaw l-arranġamenti.

Dan il-permess jista' jingħata bħala parti minn awtorizzazzjoni biex joperaw l-arranġamenti ta' magazzinaġġ. F'dan il-każ l-uffiċċju ta' sorveljanza, fil-maniera li jistabbilixxi hu stess, għandu jiġi notifikat li dan il-maniġġ għandu jitwettaq jew li l-oġġetti se jitneħħew temporanjament.

Artikolu 534

1. Fejn l-oġġetti tal-Komunità jinħażnu fil-fond ta' maħżen doganali jew il-faċilitajiet tal-ħażna li tintuża għal oġġetti taħt arranġamenti ta' magazzinaġġ, il-metodi speċifiċi ta' l-identifikazzjoni ta' dawk l-oġġetti jistgħu jiġu preskritti bil-ħsieb, b'mod partikolari, biex jintgħarfu minn oġġetti imdaħħla f'arranġamenti ta' magazzinaġġ doganali.

2. L-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu ħażna komuni fejn huwa impossibbli li jiġi identifikat f'kull żmien l-istatus doganali ta' kull tip ta' oġġett. Oġġetti finanjzati minn qabel għandhom jiġu eskluży minn dan il-permess.

Oġġett f'ħażna komuni għandhom jaqsmu l-istess kodiċi tan-NM ta' tmien ċifri, l-istess kwalità kummerċjali u l-istess karatteristiċi tekniċi.

3. Għall-għan biex ikunu dikjarati għal trattament approvat doganali jew l-użu ta' l-oġġetti f'ħażna komuni, kif ukoll, f'ċirkostanzi partikolaritajiet, oġġetti li jistgħu jiġu identifikati li jilħqu l-kondizzjonijiet tat-tieni subparagrafu tal-paragrafu 2, jistgħu jitqiesu li jkunu jew oġġetti tal-Komunità jew oġġetti mhux tal-Komunità.

L-applikazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu m'għandhiex, iżda, ma tirriżultax illi ma jiġix assenjat status partikolari lil kwantità ta' oġġetti iktar mill-kwantità attwali li jkollha dak l-istatus li hija maħżuna fil-maħżen doganali jew fil-faċilitajiet tal-ħażna meta l-oġġetti dikjarati għal trattament approvat doganali jew għall-użu jitneħħew.

Artikolu 535

1. Fejn operazzjonijiet għal proċessar 'l ġewwa jew proċessar taħt kontroll doganali jitwettqu fil-fond ta' mħażen doganali jew f'faċilitajiet tal-ħażna, id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 534 għandhom japplikaw, *mutatis mutandis*, għall-oġġetti taħt dawn l-arranġamenti.

▼B

Fejn, iżda, dawn l-operazzjonijiet jikkonċernaw proċessar 'l ġewwa mingħajr ekwivalenza jew proċessar taħt kontroll doganali, id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 534 dwar ħażna komuni m'għandhomx japplikaw għall-oġġetti tal-Komunità.

2. Daħliet fir-rekords għandhom jippermettu lill-awtoritjiet doganali biex jagħmlu monitorjar tas-sitwazzjoni preċiża ta' l-oġġetti kollha jew prodotti taħt l-arranġamenti f'kull żmien.

KAPITOLU 3

Proċessar 'l ġewwa

Taqsima 1

Dispożizzjonijiet ġenerali

Artikolu 536

Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) 'Esportazzjoni minn qabel' tfisser is-sistema li permezz tagħha prodotti li jikkumpensaw miksuba minn oġġetti ekwivalenti għandhom jiġu esportati qabel l-oġġetti ta' importazzjoni jiddaħħlu għall-arranġamenti bl-użu tas-sistema tas-sospensjoni;

(b) 'Proċessar tax-xogħol' tfisser kull proċessar ta' oġġetti ta' importazzjoni direttament jew indirettament imqegħda għad-dispożizzjoni tad-detentur li huwa imwettaq skond l-ispeċifikazzjonijiet f'isem il-prinċipal stabbilit f'pajjiż terz, ġeneralment għal ħlas ta' l-ispejjeż ta' l-ipproċessar biss.

Taqsima 2

Kondizzjonijiet addizzjonali li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni

Artikolu 537

Awtorizzazzjoni għandha tingħata biss meta l-applikant għandu l-intenzjoni li jerġa jesporta jew jesporta il-prodotti prinċipali li jikkumpensaw.

Artikolu 538

Awtorizzazzjoni tista' ukoll tingħata għall-oġġetti msemmija fir-raba' inċiż ta' l-Artikolu 114(2)(ċ) tal-Kodiċi, bl-eċċezzjoni ta':

(a) karburanti u sorsi oħra ta' enerġija differenti minn dawk meħtieġa għall-ittestjar ta' prodotti li jikkumpensaw jew għall-kxif ta' difetti fl-oġġetti ta' importazzjoni li jeħtieġu tiswija;

(b) lubrikanti barra minn dawk meħtieġa għall-ittestjar, aġġustament jew irtirar ta' prodotti li jikkumpensaw;

(ċ) apparat u għodda.

Artikolu 539

Il-kondizzjonijiet ekonomiċi għandhom jitqiesu li jkun tħarsu ħlief fejn l-applikazzjoni tikkonċerna oġġetti ta' importazzjoni imsemmija fl-Anness 73.

Iżda, il-kondizzjonijiet għandhom jitqiesu ukoll li jkunu tħarsu fejn applikazzjoni tikkonċerna l-oġġetti ta' importazzjoni msemmija fl-Anness 73, sakemm:

(a) l-applikazzjoni tikkonċerna:

(i) operazzjonijiet li jinvolvu oġġetti mhux ta' natura kummerċjali,

(ii) kuntratt ta' proċessar ta' xogħol,

▼B

(iii) l-ipproċessar ta' prodotti li jikkumpensaw li diġà akkwistaw permezz ta' proċessar taħt awtorizzazzjoni preċedenti li l-għoti tagħha kien soġġett għal eżami tal-kondizzjonijiet ekonomiċi,

(iv) il-forom komuni ta' maniġġ imsemmija fl-Artikolu 531,

(v) tiswija,

(vi) l-ipproċessar ta' qamħ durum li jaqa' taħt il-kodiċi NM 1001 10 00 biex jipproduċi għaġin li jaqa' fil-kodiċi NM 1902 11 00 u 1902 19; jew

(b) il-valur aggregat ta' l-oġġetti ta' importazzjoni għal kull applikant għal kull sena kalendarja għal kull kodiċi tan-NM ta' tmien ċifri ma jaqbiżx il-150 000 EUR; jew

(ċ) skond l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93 (****), l-oġġetti ta' importazzjoni msemmija taħt Taqsima A ta' l-Anness 73 huma kkonċernati u l-appplikant jippreżenta dokument maħruġ minn awtorità kompetenti li jippermetti d-dħul ta' dawk l-oġġetti għall-arranġamenti, fil-limiti ta' kwantità stabbilita fuq il-bażi ta' bilanċ ta' provvista.

Artikolu 540

L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika l-mezzi u l-metodi ta' l-identifikazzjoni ta' l-oġġetti ta' importazzjoni fil-prodotti li jikkumpensaw u tippreskrivi l-kondizzjonijiet għat-twettieq kif imiss ta' operazzjonijiet li jużaw oġġetti ekwivalenti.

Dawn il-metodi ta' identifikazzjoni jew kondizzjonijiet jistgħu jinkludu eżami tar-rekords.

Taqsima 3

Disposizzjonijiet li jikkonċernaw l-operazzjoni ta' l-arranġamenti

Artikolu 541

1. L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika jekk u taħt liema kondizzjonijiet oġġetti ekwivalenti msemmija fl-Artikolu 114(2)(e) tal-Kodiċi u l-qsim ta' l-istess kodiċi tan-NM ta' tmien ċifri, l-istess kwalità kummerċjali u l-istess karatterisitiċi kummerċjali bħall-oġġetti ta' importazzjoni jistgħu jintużaw għall-operazzjonijiet ta' proċessar.

2. Oġġetti ekwivalenti jistgħu jingħataw permess li jkunu fi stadju iktar avvanzat ta' manifattura mill-oġġetti mportati fejn il-parti essenzjali ta' l-ipproċessar fir-rigward ta' dawn l-oġġetti ekwivalenti titwettaq fl-impriża tad-detentur jew fl-impriża fejn titwettaq l-operazzjoni f'isem id-detentur, ħlief f'każijiet eċċezzjonali.

3. Id-disposizzjonijiet speċjali, mniżżla fl-Anness 74, għandhom japplikaw fir-rigward ta' l-oġġetti msemmija f'dak l-Anness.

Artikolu 542

1. L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika l-perjodu għall-iskarigu. Fejn iċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, dan il-perjodu jista' jiġi estiż anke meta jkun skada dak li oriġinarjament ingħata.

2. Fejn il-perjodu ta' l-iskarigu jiskadi f'data speċifika għall-oġġetti kollha imqegħda taħt arranġamenti f'perjodu partikolari, l-awtorizzazzjoni tista' jipprovdi li dak il-perjodu għall-iskarigu għandu jiġi awtomatikament estiż għall-oġġetti kollha li għadhom taħt l-arranġamenti f'din il-data. Iżda, l-awtoritajiet doganali jistgħu jirrekjedu li dawn l-oġġetti jingħataw permess tat-trattament doganali ġdid jew jintużaw fil-limitu tal-perjodu li huma għandhom jiffissaw.

▼B

3. Irrispetivament ta' jekk tintużax aggregazzjoni jew le jew jekk jiġix applikat il-paragrafu 2, il-perjodu għall-iskarigu tal-prodotti jew oġġetti li jikkumpensaw li ġejjin fl-iistat mhux mibdul m'għandux jeċċedi:

(a) erba' xhur fil-każ ta' ħalib jew prodotti tal-ħalib imsemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KE) Nru 1255/1999;

(b) xahrejn fil-każ ta' qtil ta' l-annimali mingħajr is-simna ta' annimali msemmija fil-Kapitolu 1 tan-NM;

(ċ) tliet xhur fil-każ ta' simna (inkluż il-qtil ta' l-annimali fejn huwa relevanti) ta' annimali li jaqgħu taħt il-kodiċi 0104 u 0105 tan-NM;

(d) sitt xhur fil-każ ta' simna (inkluż il-qtil ta' annimali fejn huwa relevanti) ta' annimali oħrajn imsemmija fil-Kapitolu 1 tan-NM;

(e) sitt xhur fil-każ ta' proċessar ta' laħam;

(f) sitt xhur fil-każ ta' proċessar ta' prodotti agrikoli oħrajn tat-tip eliġibbli għall-ħlas bil-quddiem jew rifużjonijiet ta' l-esportazzjoni msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament (KEE) Nru 565/80, u proċessat fi prodotti jew oġġetti msemmija fl-Artikolu 2(b) jew (ċ) ta' l-istess Regolament.

Fejn operazzjonijiet ta' proċessar suċċessiv jitweqqu jew fejn ċirkostanzi eċċezzjonali jirrekjedu dan, il-perjodi jistgħu jiġu estiżi fuq talba, il-perjodu totali ma jeċċedix it-tnax-il xahar.

Artikolu 543

1. Fil-każ ta' esportazzjoni minn qabel l-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika il-perjodu li fiha l-oġġetti mhux tal-Komunità għandhom jiġu dikjarati għall-arranġamenti, waqt li jingħata kont taż-żmien meħtieġ għall-ksib tat-trasport lejn il-Komunità.

2. Il-perjodu msemmi fil-paragrafu 1 m'għandux jeċċedi:

(a) tliet xhur għall-oġġetti suġġetti għall-organizzazzjoni tas-suq komuni;

(b) sitt xhur għall-oġġetti l-oħrajn kollha.

Il-perjodu ta' sitt xhur jista, iżda, jiġi estiż fejn id-detentur jissottometti talba raġonata, sakemm il-perjodu totali ma jeċċediex it-tnax-il xahar. Fejn iċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu din l-estensjoni tista' tkun permessa wkoll wara li l-perjodu oriġinali jkun skada.

Artikolu 544

Għall finijiet ta' l-iskarigu ta' l-arranġamenti jew it-talba għall-ħlas mill-ġdid ta' dazji ta' importazzjoni, dan li ġej għandu jitqies bħala esportazzjoni mill-ġdid jew esportazzjoni:

(a) it-twassil ta' prodotti li jikkumpensaw lill-persuni li huma eliġibbli għal ħelsien mid-dazji ta' importazzjoni skond il-Konvenzjoni ta' Vjenna tat-18 ta' April 1961 dwar Relazzjonijiet Diplomatiċi, jew għall-Konvenzjoni ta' Vjenna ta' l-24 ta' April 1963 dwar Relazzjonijiet Konsulari jew konvenzjonijiet oħrajn konsulari, jew il-Konvenzjoni ta' New York tas-16 ta' Diċembru 1969 fuq Missjonijiet Speċjali;

(b) it-twassil ta' prodotti li jikkumpensaw lill-forzi armati ta' pajjiżi oħrajn li jinsabu fit-territorju ta' Stat Membru, fejn dak l-Istat Membru jagħti ħelsien speċjali mid-dazji ta' importazzjoni skond l-Artikolu 136 tar-Regolament (KEE) Nru 918/83;

(ċ) it-twassil ta' ajruplani ċivili; iżda, l-uffiċċju ta' sorveljanza għandu jippermetti li l-arranġamenti jiġu skarigati malli l-oġġetti ta' importazzjoni jkunu ntużaw għall-ewwel darba għall-manifattura, tiswija, modifikazzjoni jew konverżjoni ta' ajruplani ċivili jew partijiet tagħhom, bil-kundizzjoni li r-rekords tad-detentur huma tali li jagħmluha possibbli biex jiġi verifikat li l-arranġamenti huma applikati u operati b'mod korrett;

▼B

(d) it-twassil ta' vetturi spazjali u apparat relatat; iżda, l-uffiċċju ta' sorveljanza għandu jippermetti li l-arranġamenti biex jiġu skarigati la darba l-oġġetti ta' importazzjoni jkunu ntużaw għall-ewwel darba għall-manifattura, tiswija, modifikazzjoni jew konverżjoni ta' satelliti, il-vetturi tat-titjir u l-apparat fuq l-art ta' l-istazzjon u partijiet tagħhom li huma parti integrali tas-sistemi, bil-kundizzjoni li r-rekords tad-detentur huma tali li jagħmluha possibbli li jiġu verifikati li l-arranġamenti huma applikati u operati b'mod korrett;

(e) id-disponiment skond id-disposizzjonijiet relevanti ta' prodotti sekondarji li jikkumpensaw li d-distruzzjoni tagħhom taħt sorveljanza doganali hija pprojbita għal raġunijiet ambjentali; għal dawn il-finijiet, id-detentur għandu jipprovdi li l-arranġamenti ta' skarigu skond ir-regoli normali huwa jew impossibbli jew mhux ekonomiku.

Taqsima 4

Disposisizzjonijiet li jikkonċernaw l-operazzjoni tas-sistema ta' suspensjoni

Artikolu 545

1. L-użu ta' oġġetti ekwivalenti għal operazzjonijiet ta' pproċċessar skond l-Artikolu 115 tal-Kodiċi m'għandux ikun suġġett għall-formalitajiet għad-dħul ta' oġġetti għall-arranġamenti.

2. L-oġġetti ekwivalenti u l-prodotti li jikkumpensaw li jsiru minn hemm għandhom isiru oġġetti mhux tal-Komunità u l-oġġetti ta' importazzjoni jsiru oġġetti tal-Komunità fiż-żmien li d-dikjarazzjoni li tiskariga l-arranġamenti tiġi aċċettata.

Iżda, fejn l-oġġetti ta' importazzjoni jitqegħdu fis-suq qabel ma jiġu skarikati l-arranġamenti, huma għandhom jibdlu l-istatus tagħhom fiż-żmien li huma jitqegħdu fis-suq. F'każijiet eċċezzjonali, fejn l-oġġetti ekwivalenti huma mistennija li ma jknux preżenti f'dak iż-żmien, l-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu, fuq it-talba tad-detentur, biex l-oġġetti ekwivalenti jkunu preżenti fi żmien iktar tard, li għandu jiġi stabbilit minnhom f'perjodu raġonevoli ta' żmien.

3. F'każ ta' esportazzjoni minn qabel:

— il-prodotti li jikkumpensaw għandhom isiru oġġetti mhux tal-Komunità ma' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni ta' esportazzjoni bil-kundizzjoni li l-oġġetti li għandhom jiġu mportati jiddaħħlu għall-arranġamenti;

— oġġetti ta' importazzjoni għandhom isiru oġġetti tal-Komunità fiż-żmien tad-dħul tagħhom għall-arranġamenti.

Artikolu 546

L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika jekk il-prodotti jew oġġetti li jikkumpensaw fl-istat mhux mibdul tagħhom jistgħux jiġu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa mingħajr dikjarazzjoni doganali, mingħajr preġudizzju għall-miżuri projbittivi jew ristrettivi. F'dan il-każ huma għandhom jitqiesu li ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa, jekk huma ma jkunux ġew assenjati trattament ta' approvazzjoni doganali jew użu ma' l-iskadenza tal-perjodu għal skariku.

Għall-finijiet ta' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 218(1) tal-Kodiċi, id-dikjarazzjoni għar-rilaxx għaċ-ċirkolazzjoni ħielsa għandha titqies li ġiet sottomessa u aċċettata u ingħatat ir-rilaxx fiż-żmien tal-preżentazzjoni tad-dokument ta' l-iskariku.

Il-prodotti jew oġġetti għandhom jsiru oġġetti tal-Komunità meta huma jitqegħdu fis-suq.

▼B

Artikolu 547

Fil-każ ta' rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa ta' prodotti li jikkumpensaw, il-kaxxi 15, 16, 34, 41 u 42 tad-dikjarazzjoni għandhom jirreferu għall-oġġetti ta' importazzjoni. Alternattivament, l-informazzjoni relevanti tista' tiġi provduta ukoll bil-paġna ta' informazzjoni INF1 jew kull dokument ieħor li jakkompanja id-dikjarazzjoni.

Artikolu 548

1. Il-lista ta' prodotti li jikkumpensaw suġġetti għad-dazji ta' importazzjoni xierqa għalihom skond l-ewwel inċiż ta' l-Artikolu 122 (a) tal-Kodiċi hija fl-Anness 75.

2. Fejn prodotti li jikkumpensaw barra minn dawk imsemmija fil-lista msemmija fil-paragrafu 1 huma destrutti, huma għandhom jiġu trattati bħal li kieku ġew esportati mill-ġdid.

Artikolu 549

1. Fejn il-prodotti jew oġġetti li jikkumpensaw fl-istat mhux mibdul tagħhom jiddaħħlu għal wieħed mill-arranġamenti sospensivi jew jiġu introdotti f'żona ħielsa tat-tip I ta' kontroll skond it-tifsira ta' l-Artikolu 799 jew f'maħżen ħieles jew jitqegħdu f'żona ħielsa tat-tip II ta' kontroll skond it-tifsira ta' l-Artikolu 799 li jippermetti li l-arranġamenti jiġu skarikati, d-dokumenti jew rekords użati għall-imsemmi trattament ta' approvazzjoni doganali jew użu jew kull dokumenti li jissostitwuhom, għandu jkollhom fihom waħda mill-indikazzjonijiet li ġejjin:

— Mercancías PA/S,

— AF/S-varer,

— AV/S-Waren,

— Εμπορεύματα ΕΤ/Α,

— IP/S goods,

— Marchandises PA/S,

— Merci PA/S,

— AV/S-goederen,

— Mercadorias AA/S,

— SJ/S-tavaroita,

— AF/S-varor.

2. Fejn l-oġġetti ta' importazzjoni mdaħħla għall-arranġamenti huma suġġetti għall-miżuri speċifiċi ta' politika kummerċjali u dawk il-miżuri jibqgħu applikabbli fiż-żmien meta l-oġġetti, jew fl-istat mhux mibdul tagħhom jew fil-forma ta' prodotti li jikkumpensaw, jiddaħħlu għal wieħed mill-arranġamenti sospensivi jew jiġu ntrodotti f'żona ħielsa tat-tip I ta' kontoll skond it-tifsira ta' l-Artikolu 799 jew f'maħżen ħieles jew jitqegħdu f'żona ħielsa tat-tip II ta' kontroll skond it-tifsira ta' l-Artikolu 799, l-indikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi supplimentata b'wieħed minn dawk li ġejjin:

— Política comercial,

— Handelspolitik,

— Handelspolitik,

— Εμπορική πολιτική,

— Commercial policy,

— Politique commerciale,

— Politica commerciale,

▼B

— Handelspolitiek,

— Politica comercial,

— Kauppapolitiikka,

— Handelspolitik.

Taqsima 5

Disposizzjoni li tikkonċerna l-operazzjoni tas-sistema ta' rifużjoni

Artikolu 550

Fejn oġġetti skond is-sistema ta' rifużjoni huma assenjati trattament ta' approvazzjoni doganali jew użu imsemmi fl-Artikolu 549(1), l-indikazzjonijiet meħtieġa għal dik id-disposizzjoni għandhom ikunu kif ġej:

— Mercancías PA/R,

— AF/T-varer,

— AV/R-Waren,

— Εμπορεύματα ΕΤ/Ε,

— IP/D oġġetti,

— Marchandises PA/R,

— Merci PA/R,

— AV/T-goederen,

— Mercadorias AA/D,

— SJ/T-tavaroita,

— AF/R-varor.

KAPITOLU 4

Proċessar taħt il-kontroll tad-Dwana

Artikolu 551

1. L-arranġamenti għal ipproċessar taħt kontroll doganali għandhom japplikaw għal oġġetti li l-ipproċessar tagħhom iwassal li l-prodotti li huma suġġetti għal ammont iktar baxx ta' dazji ta' importazzjoni minn dawk applikabbli għall-oġġetti mportati.

L-arranġamenti għandhom japplikaw wkoll għal oġġetti li jridu jgħaddu minn operazzjonijiet sabiex tiġi żgurata l-konformità tagħhom mal-ħtiġiet tekniċi għar-rilaxx tagħhom għal ċirkolazzjoni ħielsa.

2. L-Artikolu 542(1) u (2) għandu japplika *mutatis mutandis*.

3. Għall-finijiet ta' l-istabbiliment tal-valur doganali ta' prodotti pproċessati dikjarati għal ċirkolazzjoni ħielsa, id-dikjarant jista' jagħżel xi wieħed mill-metodi msemmija fl-Artikolu 30(2) (a), (b) jew (ċ) tal-Kodiċi jew il-valur doganali ta' l-oġġetti mportati u n-nefqa ta' l-ipproċessar.

Artikolu 552

1. Għat-tipi ta' oġġetti u operazzjonijiet imsemmija fl-Anness 76, it-Taqsima A, il-kondizzjonijiet ekonomiċi għandhom jitqiesu bħala mwettqa.

Għal tipi oħra ta' oġġetti u operazzjonijiet l-eżami tal-kondizzjonijiet ekonomiċi għandu jsir.

2. Għat-tipi ta' oġġetti u operazzjonijiet imsemmija fl-Anness 76, Taqsima B u mhux koperti mit-Taqsima A, l-eżami tal-kondizzjoni-

▼B

jiet ekonomiċi għandu jseħħ fil-Kumitat. L-Artikolu 504(3) u (4) għandu japplika.

KAPITOLU 5

Importazzjoni temporanja

Taqsima 1

Disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 553

1. Annimali, sakemm mhux ta' valur kummerċjali negliġibbli, imwielda minn annimali mqegħda taħt l-arranġamenti huma kkunsidrati li huma oġġetti mhux tal-Komunità u mqiegħeda huma stess taħt dawk l-arranġamenti.

2. L-awtoritajiet doganali għandhom jiżguraw li l-perjodu totali li fih l-oġġetti jibqgħu taħt l-arranġamenti għall-istess għan u taħt ir-responsabilità ta' l-istess sid ma jaqbiżx l-24 xahar, wkoll fejn l-arranġamenti kienu skarikati bid-dħul ta' arranġament sospensiv ieħor u sussegwentament reġgħu ddaħħlu għal importazzjoni temporanja.

Iżda, fuq it-talba tas-sid, jistgħu jestendu dan il-perjodu għaż-żmien li matulu l-oġġetti m'humiex użati, skond il-kondizzjonijiet preskritti minnhom.

3. Għall-finijiet ta' l-Artikolu 140(3) tal-Kodiċi, ċirkostanzi eċċezzjonali jfissru kull ġrajja li b'riżultat tagħha l-oġġetti jridu jintużaw għal perjodu ieħor sabiex iwettqu l-għan ta' l-operazzjoni ta' importazzjoni temporanja.

4. Oġġetti mqegħda taħt l-arranġamenti għandhom jibqgħu fl-istess stat.

Tiswijiet u manutenzjoni, li jinkludu tiswijiet estensivi u aġġustamenti jew miżuri biex jippreservaw l-oġġetti jew biex jiżguraw il-konformità tagħhom mal-ħtiġiet tekniċi għall-użu tagħhom skond l-arranġamenti huma ammissibbli.

Artikolu 554

Importazzjoni temporanja b'ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni (hawnhekk iżjed 'l quddiem: 'ħelsien totali minn dazji ta' importazzjoni') għandhom jingħataw biss skond l-Artikoli 555 sa 578.

Importazzjoni temporanja b'ħelsien parzjali mid-dazji ta' importazzjoni m'għandhomx jingħataw għal oġġetti ta' konsum.

Taqsima 2

Kondizzjonijiet għall-ħelsien totali miid-dazji ta' importazzjoni

Subsezzjoni 1

Mezzi ta' trasport

Artikolu 555

1. Għall-finijiet ta' din is-subsezzjoni:

(a) 'użu kummerċjali' tfisser l-użu ta' mezzi ta' trasport għat-trasport ta' persuni jew ta' oġġetti bi ħlas jew fil-qafas ta' l-attività ekonomika ta' l-intrapriża;

(b) 'użu privat' tfisser l-użu barra minn dak kummerċjali ta' mezzi ta' trasport;

▼B

(ċ) ‘traffiku intern’ tfisser il-ġarr ta' persuni jew oġġetti miġbura jew mgħobbija fit-territorju doganali tal-Komunità biex jitniżżlu jew jinħattu f'post f'dak it-territorju.

2. Mezzi ta' trasport jinkludu partijiet addizzjonali normali għattiswija, aċċessorji u tgħamir li jakkumpanjawhom.

Artikolu 556

Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandhom jingħata għall-pàliti.

L-arranġamenti għandhom ukoll ikunu skarikati meta pàliti ta' l-istess tip u sostanzjalment ta' l-istess valur huma esportati jew esportati mill-ġdid.

Artikolu 557

1. Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata għall-kontejners fejn huma kienu mmarkati b'mod li ma jitħassarx f'post xieraq u li jidher ċar bl-informazzjoni li ġejja:

(a) l-identità tas-sid jew operatur muri jew bl-isem sħiħ tiegħu jew b'identifikazzjoni stabbilita, simboli bħal emblemi jew bnadar huma esklużi;

(b) bl-eċċezzjoni ta' żewġ korpi li jpartu wżati għal trasport kombinat bil-ferrovija, il-marki ta' identifikazzjoni u n-numri tal-kontejner, mgħotija mis-sid jew operatur, il-piż tal-ġbid tiegħu, inkluż it-tgħamir kollu tiegħu li jkun imwaħħal b'mod permanenti;

(ċ) bl-eċċezzjoni ta' kontejners użati għat-trasport bl-ajru, il-pajjiż li tiegħu il-kontjener jappartjeni, muri jew sħiħ jew permezz ta' ISO alpha-2 kodiċi tal-pajjiż kif provdut għalih fl-I *standard*s Internazzjonali ISO 3166 jew 6346 jew minn inizjali li jiddistingwu wżati biex jindikaw il-pajjiż tar-reġistrazzjoni tal-vetturi bil-mutur fit-traffiku internazzjonali bit-toroq, jew b'numri, fil-każ ta' korpi li jpartu għat-trasport kombinat bil-ferrovija.

Fejn l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ssir skond l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 497(3)(ċ), il-kontejners għandhom ikunu monitorjati minn persuna rappreżentanta fit-territorju doganali tal-Komunità li tkun tista' tikkomunika f'kull żmien il-lokazzjoni tagħhom u partikolaritajiet ta' dħul u skariku.

2. Kontejners jistgħu jintużaw fi traffiku intern qabel ikunu esportati mill-ġdid. Iżda, jista' jintużaw biss darba matul kull waqfa fi Stat Membru, għall-ġarr ta' oġġetti mgħobbija u maħsuba li biex jinħattu fit-territorju ta' l-istess Stat Membru, fejn il-kontejners kien ikollhom mod ieħor jagħmlu vjaġġ mhux mgħobbija f'dak it-territorju.

3. Skond il-kondizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Ġeneva tal-21 ta' Jannar 1994 dwar Trattament Doganali ta' Kontejners Flimkien użati għal Trasport Internazzjonali, kif approvati mid-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/137/KE (*****), l-awtoritajiet doganali għandhom jippermettu li l-arranġamenti jiġu skarikati fejn kontejners ta' l-istess tip jew ta' l-istess valur huma esportati jew esportati mill-ġdid.

Artikolu 558

1. Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandhom jingħataw għal mezzi ta' trasport bit-triq, ferrovija, ajru, baħar u trasport minn kanali nterni ta' l-ilma fejn huma:

(a) reġistrati barra t-territorju doganali tal-Komunità f'isem persuna stabbilita barra dak it-territorju; iżda, jekk il-mezzi ta' trasport m'humiex reġistrati, il-kundizzjonijiet msemmija hawn fuq jistgħu jitqiesu li jkunu tħarsu fejn huma l-proprjetà ta' persuna stabbilita barra t-territorju doganali tal-Komunità;

▼B

(b) huma wżati minn persuna stabbilita barra dak it-territorju, minghajr preġudizzju għal l-Artikoli 559, 560 u 561; u

(ċ) fil-każ ta' użu kummerċjali u bl-eċċezzjoni ta' mezz ta' trasport tal-ferrovija, huma wżati esklussivament għal trasport li jibda jew jintemm barra t-territorju doganali tal-Komunità; iżda, jistgħu jintużaw fi traffiku intern fejn id-disposizzjonijiet fis-seħħ fil-qasam tat-trasport, partikolarment dawk li jikkonċernaw id-dħul u l-operazzjonijiet, hekk jipprovdu.

2. Fejn il-mezzi ta' trasport imsemmija fil-paragrafu 1 huma jerġgħu jinkrew minn servizz tal-kiri professjonali stabbilit fit-territorju doganali tal-Komunità lil persuna stabbilita barra dak it-territorju, huma għandhom ikunu esportati mill-ġdid fi żmien tmint ijiem mid-dħul fis-seħħ tal-kuntratt.

Artikolu 559

Persuni stabbiliti fit-territorju doganali tal-Komunità għandhom jibbenefikaw minn ħelsien totali ta' dazji ta' importazzjoni fejn:

(a) mezzi ta' trasport bil-ferrovija jitqegħdu għad-disposizzjoni ta' dawk il-persuni skond ftehim fejn kull retikolat jista' juża l-vaguni tar-retikolat l-ieħor bħala tiegħu stess;

(b) trejler jitwaħħal ma' mezz ta' trasport tat-triq reġistrat fit-territorju doganali tal-Komunità;

(ċ) mezzi ta' trasport jintużaw b'konnessjoni ma' sitwazzjoni ta' emerġenza u l-użu tagħhom ma jaqbiżx ħamest ijiem; jew

(d) mezzi ta' trasport huma wżati minn kumpannija ta' kiri professjonali għall-għan ta' esportazzjoni mill-ġdid f'perjodu li ma jaqbiżx il-ħamest ijiem.

Artikolu 560

1. Persuni naturali stabbiliti fit-territorju doganali tal-Komunità għandhom jibbenefikaw minn ħelsien totali tad-azji ta' importazzjoni fejn privatament jużaw mezzi ta' trasport okkażjonalment, fuq struzzjonijiet tad-detentur tar-reġistrazzjoni, b'dan id-detentur ikun fit-territorju doganali fiż-żmien ta' l-użu.

Dawk il-persuni għandhom ukoll jibbenefikaw minn ħelsien totali, għall-użu privat ta' mezzi mikrija ta' trasport skond kuntratt bil-miktub, okkażjonalment:

(a) ir-ritorn lejn il-post ta' residenza tagħhom fil-Komunità;

(b) biex iħallu l-Komunità; jew

(ċ) fejn dan hu permess fuq livell ġenerali mill-ammistrazzjonijiet doganali konċernati.

2. Il-mezzi ta' trasport għandhom ikunu esportati mill-ġdid jew mibgħuta lura lis-servizz tal-kiri mwaqqaf fit-territorju doganali tal-Komunità fi żmien:

(a) ħamest ijiem mid-dħul fis-seħħ tal-kuntratt fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1(a);

(b) tmint ijiem mid-dħul fis-seħħ tal-kuntratt fil-każ imsemmi fil-paragrafu 1(ċ);

Il-mezzi ta' trasport għandhom ikunu esportati mill-ġdid fi żmien jumejn mid-dħul fis-seħħ tal-kuntratt fil-każ imsemmi taħt il-paragrafu 1(b).

Artikolu 561

1. Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata fejn mezzi ta' trasport għandhom ikunu reġistrati taħt sensiela temporanja

▼B

fit-territorju doganali tal-Komunità, bil-ħsieb ta' l-esportazzjoni mill-ġdid fl-isem ta' waħda mill-persuni li ġejjin:

(a) f'isem persuna stabbilita barra dak it-territorju;

(b) f'isem persuna naturali stabbilita ġewwa dak it-territorju fejn il-persuna konċernata qegħda tħejji t-rasferiment normali tar-residenza għal post barra dak it-territorju.

Fil-każ imsemmi fil-punt (b), il-mezz ta' trasport irid ikun esportat fi żmien tlett xhur mid-data tar-reġistrazzjoni.

2. Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata fejn mezzi ta' trasport huma wżati kummerċjalment jew privatament minn persuna naturali stabbilita fit-territorju doganali tal-Komunità u mpjegata mis-sid tal-mezzi tat-trasport stabbilit barra dak it-territorju jew mod ieħor awtorizzata mis-sid.

Użu privat kellu jkun ġie provdut għalih fil-kuntratt tax-xogħol.

Awtoritajiet doganali jistgħu jirrestrinġu l-importazzjoni temporanja ta' mezzi tat-trasport taħt din id-disposizzjoni fil-każ ta' użu sistematiku.

3. Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni jista' jingħata f'każi eċċezzjonali fejn mezzi ta' trasport huma wżati kummerċjalment għal perjodu limitat minn persuni stabbilita fit-territorju doganali tal-Komunità.

Artikolu 562

Mingħajr preġudizzju għal disposizzjonijiet speċjali oħra, il-perjodi għall-iskariku huma kif ġej:

(a) għal mezzi ta' trasport bil-ferrovija: 12-il xahar;

(b) għal mezzi ta' trasport użati kummerċjalment barra minn trasport bil-ferrovija: il-ħin rikjest għat-twettieq ta' l-operazzjonijiet ta' trasport;

(ċ) għal mezzi ta' trasport bit-triq użati privatament:

— minn studenti: il-perjodu li l-istudent joqgħod fit-territorju doganali tal-Komunità għall-għan uniku li jsegwu l-istudji tagħhom;

— minn persuni li jwettqu assenjazzjonijiet tagħhom għal tul ta' żmien speċifiku: il-perjodu li din il-persuna toqgħod fit-territorju doganali tal-Komunità għall-għan uniku li twettaq l-assenjazzjoni tagħha;

— f'każi oħra, li jinkludu annimali bis-sarġ jew miġbuda u l-vetturi miġbuda minnhom: sitt xhur;

(d) għal mezzi ta' trasport bl-ajru wżati privatament: sitt xhur;

(e) għal mezzi ta' trasport bil-baħar u kanali nterni ta' l-ilma nterni wżati privatament: 18-il xahar.

Subsezzjoni 2

Effetti personali u oġġetti għal għanijiet ta' sport importati minn vjaġġaturi; materjal ta' benefiċċju għal vjaġġaturi bil-baħar

Artikolu 563

Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata fejn effetti personali raġonevolment meħtieġa għall-vjaġġ u oġġetti għal għanijiet ta' sports huma mportati minn vjaġġatur kif definit fl-Artikolu 236(A)(1).

▼B

Artikolu 564

Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandhom jingħataw għal materjali ta' benefiċċju għal vjaġġaturi bil-baħar fil-każi li ġejjin:

(a) fejn huma wżati fuq bastiment imqabbad fi traffiku marittimu internazzjonali;

(b) fejn huma jkunu mħatta minn dak il-bastiment u temporanjament użati max-xatt mill-ekwipaġġ;

(ċ) fejn ikunu wżati mill-ekwipaġġ ta' dak il-bastiment fi stabbilimenti kulturali jew soċjali amministrati minn organizzazzjonijiet li ma jagħmlux qliegħ jew f'postijiet ta' adorazzjoni fejn servizzi għall-vjaġġaturi jinżammu regolarment.

Subsezzjoni 3

Materjal ta' ħelsien minn disastru; tagħmir mediku, kirurġiku u tal-laboratorju; annimali; oġġetti għall-użu ta' żoni mal-fruntieri

Artikolu 565

Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandhom jingħataw għal materjal ta' għajnuna f'każi ta' disastru fejn jintuża b'konnessjoni mal-miżuri meħuda biex jikkuntrabattu effetti ta' disastri jew sitwazzjonijiet simili li jaffettwaw it-territorju doganali tal-Komunità u maħsub għal korpi ta' l-istat jew korpi approvati mil-awtoritajiet kompetenti.

Artikolu 566

Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata fejn tgħamir mediku, kiruġiku u tal-laboratorju jintbagħat b'self fuq it-talba ta' sptar jew istituzzjoni medika oħra li jkollha ħtieġa urġenti ta' dak it-tgħamir biex tikkumpensa għal inadekwatezza tal-faċilitajiet tagħha stess u fejn hu maħsub għal għanijiet ta' djanjosi u terapewtiċi.

Artikolu 567

Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata għal annimali proprjetà ta' persuna li tkun stabbilita barra t-territorju doganali tal-Komunità.

Għandu jingħata għall-oġġetti li ġejjin maħsuba għal attivitajiet biex iżommu mal-partikolari taż-żona mal-fruntiera kif definita bid-dispożizzjonijiet fis-seħħ:

(a) tgħamir proprjetà ta' persuna stabbilita fiż-żona ta' frunitera adjaċenti maż-żona tal-fruntiera ta' importazzjoni temporanja u wżat minn persuna stabbilita f'żona mal-fruntiera adjaċenti;

(b) oġġetti wżati għal bini, tiswija u manutenzjoni ta' infrastruttura ta' dik iż-żona mal-fruntiera taħt ir-responsabilità ta' awtoritajiet pubbliċi.

Subsezzjoni 4

Apparat tal-ħoss, immaġni jew data, materjal ta' pubbliċità; tgħamir professjonali; materjal pedagoġiku u tgħamir xjentifiku

Artikolu 568

Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata għal oġġetti:

(a) li jġorru l-ħoss, l-immaġni jew proċessar ta' data għall-informazzjoni għall-għan ta' preżentazzjoni qabel il-kummerċjalizzazzjoni, jew mingħajr ħlas, jew għall-provvista b'sound track, iddabbjar jew kopjar; jew

▼B

(b) esklussivament użati għal għanijiet ta' pubbliċità.

Artikolu 569

1. Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata fejn tgħamir professjonali huwa:

(a) l-proprjetà ta' persuna stabbilita barra t-territorju doganali tal-Komunità;

(b) importat jew minn persuna stabbilita barra t-territorju doganali tal-Komunità jew minn ħaddiem tas-sid, il-ħaddiem jista' jkun stabbilit fit-territorju doganali tal-Komunità; u

(ċ) wżat mill-importatur jew taħt is-sorveljanza tiegħu, minbarra f'każi ta' ko-produzzjonijiet awdjoviżwali.

2. Ħelsien totali m'għandux jingħata fejn tgħamir għandu jintuża għall-manifattura industrijali jew ippakkjar ta' oġġetti jew, minbarra fil-każ ta' għodod ta' l-idejn, għall-esplojtazzjoni ta' risorsi naturali, għall-kostruzzjoni, tiswija jew manutenzjoni ta' bini jew għal ġarr ta' ħamrija u proġetti simili.

Artikolu 570

Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata fejn materjali pedagoġiċi u tagħmir xjentifiku huma:

(a) l-proprjetà ta' persuna stabbilita barra t-territorju doganali tal-Komunità;

(b) importati minn stabbiliment xjentifiku pubbliku jew privat, ta' tagħlim jew taħriġ vokazzjonali li essenzjalment ma jagħmlux profitt u esklussivament użati għat-tagħlim, taħriġ vokazzjonali jew riċerka xjentifika taħt ir-responsabilità tagħhom;

(ċ) importati f'numri raġonevoli, wara li jingħata kont ta' l-għan ta' l-importazzjoni; u

(d) mhux użati għal għanijiet purament kummerċjali.

Subsezzjoni 5

Pakketti, forom, forom oħra, blokki, disinji, tpinġijiet, kejl, verifikar u ttestjar ta' strumenti u oġġetti simili oħra, għodod speċjali u strumenti; oġġetti biex iwettqu testijiet jew suġġetti għal testijiet, kampjuni; mezzi ta' sostituzzjoni għall-produzzjoni

Artikolu 571

Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata fejn pakketti:

(a) jekk importati mimlija, huma maħsuba għall-esportazzjoni mill-ġdid kemm jekk vojta jew mimlija;

(b) jekk importati vojta, huma maħsuba għall-esportazzjoni mill-ġdid mimlija.

Pakketti m'għandhomx jintużaw fi traffiku intern, ħlief bil-ħsieb ta' l-esportazzjoni ta' l-oġġetti. Fil-każ ta' pakketti mportati mimlija, dan għandu japplika biss miż-żmien li huma jkunu żvojtati mill-kontenuti tagħhom.

Artikolu 572

1. Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata fejn forom, forom oħra, blokki, disinji, tpinġijiet, kejl, verifika u ttestjar ta' strumenti u oġġetti simili oħra huma:

(a) l-proprjetà ta' persuna stabbilita barra t-territorju doganali tal-Komunità; u

▼B

(b) użati fil-manifattura minn persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Komunità u mill-inqas 75 % tal-produzzjoni li tirriżulta mill-użu tagħhom hija esportata.

2. Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata għal għodod speċjali u strumenti fejn l-oġġetti huma:

(a) l-proprjetà ta' persuna stabbilita barra t-territorju doganali tal-Komunità; u

(b) magħmula disponibbli bla ħlas għal persuna stabbilita fit-territorju doganali tal-Komunità għall-manifattura ta' oġġetti li għandhom ikunu esportati fl-intier tagħhom.

Artikolu 573

Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata għall-oġġetti li ġejjin:

(a) oġġetti suġġetti għal testijiet, esperimenti jew wirjiet;

(b) oġġetti mportati, suġġetti għal testijiet ta' aċċettazzjoni sodisfaċenti b'konnessjoni ma' kuntratt ta' bejgħ li jkun fih id-disposizzjonijiet tat-testijiet ta'aċċettazzjoni sodisfaċenti u suġġetti għal dawk it-testijiet;

(ċ) oġġetti wżati biex iwettqu testijiet, esperimenti jew wirjiet mingħajr qliegħ finanzjarju.

Għall-oġġetti msemmija fil-punt (b), il-perjodu għall-iskariku huwa ta' sitt xhur.

Artikolu 574

Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata fejn kampjuni huma mportati fi kwantitajiet raġonevoli u wżati biss għal wiri jew demostrazzjoni fit-territorju doganali tal-Komunità.

Artikolu 575

Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata fejn mezzi ta' sostituzzjoni ta' produzzjoni jintgħamlu temporanjament disponibbli mill-provditur jew dak li jsewwihom, sakemm isir it-twassil jew it-tiswija ta' oġġetti simili.

Il-perjodu ta' skariku huwa ta' sitt xhur.

Subsezzjoni 6

Oġġetti għall-okkażjonijiet jew għall-bejgħ

Artikolu 576

1. Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata għal oġġetti li jkunu sejrin jiġu esebiti jew użati f'okkażjoni pubblika mhux purament organizzata għall-bejgħ kummerċjali ta' l-oġġetti, jew miksuba f'dawk l-okkażjonijiet minn oġġetti mqegħda taħt l-arranġamenti.

F'każi eċċezzjonali, l-awtoritajiet doganali kompetenti jistgħu jawtorizzaw l-arranġamenti għal okkażjonijiet oħra.

2. Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata għal oġġetti għall-approvazzjoni meta ma jistgħux ikunu mportati bħala kampjuni u l-kunsinnatur min-naħa tiegħu jixtieq ibigħ l-oġġetti u d-destinatarju jista' jiddeċiedi li jixtrihom wara l-spezzjoni.

Il-perjodu għall-iskarigu huwa ta' xahrejn.

3. Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata għal dan li ġej:

(a) xogħolijiet ta' l-arti, oġġetti tal-kollezzjoni u antikitajiet kif definiti fl-'L-Anness I' li jinsab mad-Direttiva 77/388/KEE, im-

▼B

portati għall-għanijiet ta' esebizzjoni, bil-ħsieb possibbli ta' bejgħ;

(b) oġġetti barra minn dawk manifatturati ġodda importati bil-ħsieb tal-bejgħ tagħhom permezz ta' rkant.

Subsezzjoni 7

Partijiet spare, aċċessorji u tgħamir; oġġetti oħra

Artikolu 577

Ħelsien totali mid-dazji ta' importazzjoni għandu jingħata fejn partijiet spare, aċċessorji u tagħmir jintuża għal tiswija u manutenzjoni, inkluż xogħol estensiv, aġġustamenti u preservazzjoni ta' oġġetti mdaħħla għall-arranġamenti.

Artikolu 578

Ħelsien totali minn dazji ta' importazzjoni jista' jingħata fejn oġġetti barra minn dawk elenkati fl-Artikoli 556 sa 577 jew li ma jikkonformawx mal-kondizzjonijiet ta' dawn l-Artikoli, huma mportati:

(a) okkażjonalment u għal perjodu li ma jaqbiżx it-tlett xhur; jew

(b) f'sitwazzjonijiet partikolari li ma jkollhom l-ebda effett ekonomiku.

Taqsima 3

Disposizzjonijiet li jikkonċernaw l-operazzjoni ta' l-arranġamenti

Artikolu 579

Fejn effetti personali, oġġetti mportati għal għanijiet ta' sports jew mezzi ta' trasport huma dikjarati bil-fomm jew permezz ta' kull att ieħor għad-dħul ta' l-arranġamenti, l-awtoritajiet doganali jistgħu jeħtieġu dikjarazzjoni bil-miktub meta ammont għoli ta' dazji ta' importazzjoni jkun nvolut jew ikun jeżisti riskju serju ta' nuqqas ta' konformità ma' l-obbligazzjonijiet ta' l-arranġamenti.

Artikolu 580

1. Dikjarazzjoni għad-dħul ta' l-arranġamenti bl-użu ta' karneti ATA/CPD għandhom ikunu aċċettati jekk ikunu maħruġa f'pajjiż parteċipant u endorsjati u garantiti minn assoċjazzjoni li tagħmel parti minn katina ta' garanzija internazzjonali.

Sakemm ma jkunx provdut mod ieħor minn patti ta' ftehim bilaterali jew multilaterali, 'pajjiż parteċipant' tfisser parti kontraenti għal Konvenzjoni ATA, jew għal Konvenzjoni ta' Istanbul li tkun aċċettat ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill ta' Koperazzjoni Doganali tal-25 ta' Ġunju 1992 li jittrattaw l-aċċettazzjoni tal-Karnet ATA u l-Karnet CPD għall-proċedura ta' dħul temporanju.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika biss jekk il-karneti ATA/CPD:

(a) jirrelataw għal oġġetti u użi koperti minn dawk il-Konvenzjonijiet u patti ta' ftehim;

(b) huma ċertifikati minn awtoritajiet doganali fit-taqsima xierqa tal-paġna ta' quddiem; u

(ċ) huma validi matul it-territorju doganali kollu tal-Komunità.

Il-karnet ATA/CPD għandu jkun preżentat fl-uffiċċju tad-dħul fit-territorju doganali tal-Komunità, ħlief meta dan l-uffiċċju ma jkunx jista' jispezzjona t-tħaris tal-kondizzjonijiet għall-proċedura.

3. L-Artikoli 454, 455 u 458 sa 461 japplikaw *mutatis mutandis* għal oġġetti mqegħda taħt l-arranġamenti u koperti minn karneti ATA.

▼B

Artikolu 581

1. Mingħajr preġudizzju għas-sistemi speċjali ta' garanzija għall-karneti ATA/CPD, id-dħul għall-arranġamenti permezz ta' dikjarazzjoni bil-miktub għandu jkun suġġett għall-provvista ta' sigurtà, ħlief fil-każi msemmija fl-Anness 77.

2. Sabiex jiffaċilitaw il-kontroll ta'l-arranġamenti, l-awtoritajiet doganali jistgħu jitolbu li jinżammu rekords.

Artikolu 582

1. Fejn oġġetti mqegħda taħt arranġamenti skond l-Artikolu 576 huma skarikati bid-dħul tagħhom għal ċirkolazzjoni ħielsa, l-ammont tad-debitu għandu jkun stabbilit fuq il-bażi ta' l-elementi ta' l-istima xierqa ta' dawn l-oġġetti fil-mument ta' l-aċċettazzjoni tad-dikjarazzjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa.

Fejn oġġetti mqegħda taħt l-arranġamenti skond l-Artikolu 576 jitqegħdu fis-suq, huma għandhom ikunu kkunsidrati bħala preżentati lid-dwana meta huma jkunu dikjarati għar-rilaxx f'ċirkolazzjoni ħielsa qabel it-tmiem tal-perjodu ta' l-iskarikar.

2. Għall-finijiet ta' l-iskariku ta' l-arranġamenti fir-rigward ta' l-oġġetti msemmija fl-Artikolu 576(1), il-konsum tagħhom, il-qerda jew tqassim mingħajr ħlas lill-pubbliku fil-ġrajja għandu jkun ikkunsidrat bħala esportazzjoni mill-ġdid, sakemm il-kwantità tagħhom tkun tikkorrispondi man-natura tal-ġrajja, in-numru ta' viżitaturi u l-limitu tal-parteċipazzjoni tad-detentur tagħhom fiha.

L-ewwel subparagrafu m'għandux japplika għal xorb alkoliku, oġġetti ta' tabakk jew karburanti.

Artikolu 583

Fejn l-oġġetti mqegħda taħt l-arranġamenti jiddaħħlu taħt wieħed mill-arranġamenti sospensivi jew jiġu ntrodotti f'żona ħielsa tat-tip I ta' kontroll skond it-tifsira ta' l-Artikolu 799 jew f'mħażen ħieles jew mqegħda f'żona ħielsa tat-tip II ta' kontroll skond it-tifsira ta' l-Artikolu 799, li jippermetti importazzjoni temporanja għall-iskariku, id-dokumenti jew użu jew kull dokument ieħor li jissostitwihom għandu jkun fih waħda mill-indikazzjonijiet li ġejjin:

— Mercancías IT,

— MI-varer,

— VV-Waren,

— Εμπορεύματα ΠΕ,

— TA goods,

— Marchandises AT,

— Merci AT,

— TI-goederen,

— Mercadorias IT,

— VM-tavaroita,

— TI-varor.

Artikolu 584

Għal mezzi ta' trasport bil-ferrovija użati konġutement skond ftehim, l-arranġamenti għandhom ukull ikun sarikati meta l-mezzi tat-trasport bil-ferrovija ta' l-istess tip jew tal-istess valur bħal dawk li kienu magħmula għad-disposizzjoni ta' persuna stabbilità fit-territorju doganali tal-Komunità huma esportati jew esportati mill-ġdid.

▼B

KAPITOLU 6

Proċessar 'il barra

Taqsima 1

Kondizzjonijiet addizzjonali li jikkonċernaw l-awtorizzazzjoni

Artikolu 585

1. Ħlief fejn jeżistu indikazzjonijiet għal kuntrarju, l-interessi essenzjali tal-proċessaturi tal-Komunità għandhom jitqiesu li ma ssirilihomx ħsara serja.

2. Meta applikazzjoni għal awtorizzazzjoni tkun magħmula minn persuna li tesporta l-oġġetti ta' esportazzjoni temporanji mingħajr ma tirranġa għal operazzjonijiet ta' proċessar, l-awtoritajiet doganali għandhom iwettqu eżami minn qabel tal-kondizzjonijiet preskritti fl-Artikolu 147(2) tal-Kodiċi fuq il-bażi ta' dokumenti ta' appoġġ. L-Artikoli 503 u 504 għandhom japplika *mutatis mutandis*.

Artikolu 586

1. L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika l-mezzi u l-metodi biex tistabilixxi li l-prodotti ta' kumpens irriżultaw minn proċessar ta' oġġetti esportati temporanjament jew biex jivverifikaw li l-kondizzjonijiet għall-użu tas-sistema ta' skambju *standard* ikunu tħarsu.

Dawk il-mezzi u l-metodi jistgħu jinkludu l-użu tad-dokument ta' informazzjoni preskritt fl-Anness 104 u l-eżami tar-rekords.

2. Fejn in-natura ta' l-operazzjonijiet ta' proċessar ma tippermettix li jkun stabbilit li l-prodotti ta' kumpens ikunu rriżultaw minn oġġetti ta' esportazzjoni temporanja, l-awtorizzazzjoni tista' ma' dana kollu tingħata f' każi debitament ġustifikati, sakemm l-applikant jista' joffri garanziji biżżejjed li l-oġġetti wżati fl-operazzjonijiet ta' proċessar igawdu l-istess Kodiċi NM bi tmien ċifri, l-istess kwantità kummerċjali u l-istess karatterisitiċi tekniċi bħal l-oġġetti ta' esportazzjoni temporanji. L-awtorizzazzjoni għandha tippreskrivi l-kondizzjonijiet għall-użu ta' l-arranġamenti.

Artikolu 587

Fejn l-arranġamenti huma mitluba għal tiswija, l-oġġetti esportati temporanji iridu jkunu jistgħu ikunu msewwija u l-arranġamenti m'għandhomx jintużaw biex itejjbu t-twettieq tekniku ta' l-oġġetti.

Taqsima 2

Disposizzjonijiet li jikkonċernaw l-operazzjoni ta' l-arranġamenti

Artikolu 588

1. L-awtorizzazzjoni għandha tispeċifika l-perjodu għall-iskarigu. Fejn iċ-ċirkostanzi hekk jeħtieġu, dan il-perjodu jista' jiġi estiż anke meta jkun skada dak li oriġinarjament ingħata.

2. L-Artikolu 157(2) tal-Kodiċi japplika, wkoll wara li l-perjodu oriġinali jkun skada.

Artikolu 589

1. Id-dikjarazzjoni li ddaħħal l-oġġetti ta' esportazzjoni temporanja għall-arranġamenti għandha ssir skond id-disposizzjonijiet preskritti għall-esportazzjoni.

2. Fil-każ ta' importazzjoni minn qabel, id-dokumenti mehmuża mad-dikjarazzjoni għal ċirkolazzjoni ħielsa għandhom jinkludu kopja ta' l-awtorizzazzjoni kemm-il darba dik l-awtorizzazzjoni tkun applikata skond l-Artikolu 497(3)(d). L-Artikolu 220(3) japplika *mutatis mutandis*.

▼B

Taqsima 3

Disposizzjonijiet li jitrattaw il-kalkulazzjoni ta' ħelsien mid-dazju.

Artikolu 590

1. Għall-kalkulazzjoni ta' l-ammont li għandu jitnaqqas, l-ebda kont m'għandu jingħata tad-dazji *anti-dumping* u dazji ta' kumpens.

Prodotti sekondarji ta' kumpens li jikkostitwixxu skart, skrapp, *off-cuts* u fdalijiet għandhom jitqiesu bħala inklużi.

2. Fl-istabbiliment tal-valur ta' l-oġġetti esportati temporanjament skond wieħed mill-metodi msemmija fit-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 151(2) tal-Kodiċi, it-tagħbija, trasport, u l-ispiża ta' l-assigurazzjoni għall-oġġetti esportati temporanjament lejn il-post fejn l-operazzjoni ta' proċessar jew l-aħħar operazzjoni bħal dik tkun seħħet m'għandhomx ikunu inklużi fil-:

(a) valur ta' l-oġġetti esportat temporanjament li għandu jingħata kont tiegħu fl-istabbiliment tal-valur doganali tal-prodotti li jikkumpensaw skond l-Artikolu 32(1)(b)(i) tal-Kodiċi; jew

(b) l-infieq ta' proċessar, fejn il-valur ta' l-oġġetti esportati temporanjament ma jistax ikun stabbilit skond l-Artikolu 32(1)(b)(i) tal-Kodiċi.

It-tgħabija, trasport u spiża ta' assigurazzjoni għall-prodotti li jikkumpensaw mill-post fejn l-operazzjoni ta' proċessar jew l-aħħar operazzjoni ta' proċessar tkun seħħet lejn il-post tad-dħul tagħhom fit-territorju doganali tal-Komunità għandhom ikunu nklużi fl-infieq ta' l-ipproċessar.

It-tgħabija, trasport u spiża ta' assigurazzjoni għandhom jinkludu:

(a) il-kummissjonijiet jew is-senseriji, għajr il-kummissjonijiet fuq ix-xiri;

(b) in-nefqa ta' kontejners mhux integrali għall-esportazzjoni temporanja ta'l-oġġetti;

(ċ) l-ispiża ta' l-ippakkjar, inkluż ix-xogħol u l-materjal;

(d) spejjeż magħmula fl-immaniġġar b'konnessjoni mat-trasport ta' l-oġġetti.

Artikolu 591

Ħelsien parzjali mid-dazji ta' importazzjoni billi tittieħed in-nefqa ta' l-operazzjoni ta' proċessar bħala l-bażi tal-valur għad-dazju għandu jingħata fuq talba.

Bl-eċċezzjoni ta' oġġetti ta' natura mhux kummerċjali, l-ewwel paragrafu m'għandux japplika fejn oġġetti esportati temporanjament li m'humiex ta' oriġini mill-Komunità skond it-tifsira tat-Titolu II, il-Kapitolu 2, it-Taqsima 1, tal-Kodiċi jkunu ġew rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa b'rata ta' dazju żero.

Artikolu 592

Fil-każ ta' impriżi li ta' spiss li jwettqu operazzjonijiet ta' proċessar skond awtorizzazzjoni li ma tkoprix tiswija, l-awtoritajiet doganali jistgħu, fuq talba tad-detentur, jiffissaw rata medja ta' dazju applikabbli għal dawk l-operazzjonijiet kollha (skariku aggregat).

Din ir-rata għandha tkun stabbilita għal kull perjodu li ma jaqbiżx tnax-il xhar u għandha tapplika proviżżorjament għal prodotti li jikkumpensaw rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa matul dak il-perjodu. Fit-tmiem ta' kull perjodu, l-awtoritajiet doganali għandhom jagħmlu kalkulazzjoni finali u, fejn xieraq, japplikaw d-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 220(1) jew l-Artikolu 236 tal-Kodiċi.

▼B

L-Artikoli 29 sa 35 tal-Kodiċi għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-infieq ta'l-ipproċessar, li m'għandhomx jagħtu kont l-oġġetti esportati temporanjament.”

(*) ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 48.
(**) ĠU L 62, tas-7.3.1980, p. 5.
(***) ĠU L 102, tas-17.4.1999, p. 11.
(****) ĠU L 318, 20.12.1993, p.18.
(*****) ĠU L 91, 22.4.1995, p.45.

29. Il-Kapitolu 1 (L-Artikoli 799 sa 840) tat-Titolu V tat-Taqsima II huwa sostitwit b'dan li ġej:

“KAPITOLU I

Żoni ħielsa u maħżen ħielsa

Taqsima 1

Disposizzjonijiet komuni għas-Sezzjonijiet 2 u 3

Subsezzjoni 1

Definizzjonijiet u disposizzjonijiet ġenerali

Artikolu 799

Għall-għanijiet ta' dan il-Kapitolu:

(a) ‘tip ta' kontroll I’ tfisser kontroll prinċipalment ibbażat fuq l-eżistenza ta' lqugħ;

(b) ‘tip ta' kontroll II’ tfisser kontolli prinċipalment ibbażati fuq formalitajiet imwettqa skond il-ħtiġiet tal-proċedura ta' magazzinaġġ doganali;

(ċ) ‘operatur’ tfisser kull persuna li twettaq attività li tinvolvi ħżien, xogħol, proċessar, bejgħ jew xiri ta' oġġetti f'żona ħielsa jew maħżen ħieles.

Artikolu 800

Kull persuna tista' tapplika lill-awtoritajiet doganali maħtura mill-Istati Membri biex parti tat-territorju doganali tal-Komunità tkun nominata bħala żona ħielsa jew għal maħżen ħieles biex jiġi stabbilit.

Artikolu 801

1. L-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni biex tinbena żona ħielsa għandu jsir bil-miktub.

2. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika l-attività li għaliha l-bini għandu jintuża u tagħti kull informazzjoni oħra li tippermetti lill-awtoritajiet doganali maħtura mill-Istati Membri biex jevalwaw il-bażi għall-għoti ta' l-awtorizzazzjoni.

3. L-awtoritajiet doganali kompetenti għandhom jagħtu awtorizzazzjoni f'każi fejn l-applikazzjoni tar-regoli doganali ma jiġux imfixkla.

4. Il-paragrafi 1, 2 u 3 għandhom ukoll japplikaw fejn bini f'żona ħielsa jew bini li jikkostitwixxi maħżen ħieles ikun konvertit.

Artikolu 802

L-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw l-informazzjoni li ġejja lill-Kummissjoni:

(a) iż-żoni ħielsa eżistenti u mħaddma fil-Komunità skond il-klassifika taħt l-Artikolu 799;

▼B

(b) l-awtoritajiet doganali maħtura li għalihom l-applikazzjoni msemmija fl-Artikolu 804 trid tkun preżentata.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-informazzjoni msemmija f'(a) u (b) fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, serje C.

Subsezzjoni 2

Approvazzjoni tar-rekords tal-ħażna

Artikolu 803

1. It-twettieq ta' attivitajiet minn operatur għandhom ikunu suġġetti għall-approvazzjoni mill-awtoritajiet doganali tar-rekords tal-ħażna msemmija:

— fl-Artikolu 176 tal-Kodiċi fil-każ ta' żona ħielsa tat-tip I ta' kontroll jew maħżen ħielsa;

— fl-Artikolu 105 tal-Kodiċi fil-każ ta' żona ħielsa tat-tip II ta' kontroll.

2. L-approvazzjoni għandha tinħareġ bil-miktub. Għandha tingħata biss lill-persuni li joffru l-garanziji kollha meħtieġa li jikkonċernaw l-applikazzjoni tad-disposizzjonijiet dwar żoni ħielsa jew imħażen ħielsa.

Artikolu 804

1. L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tar-rekords tal-ħażna għandhom ikunu sottomessi bil-miktub lill-awtoritajiet doganali maħtura mill-Istat Membru fejn żona ħielsa jew maħżen ħieles ikun allokat.

2. L-applikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tispeċifika liema attivitajiet huma maħsuba, b'din l-informazzjoni tkun kunsidrata bħala n-notifika msemmija fl-Artikolu 172(1) tal-Kodiċi. Għandha tinkludi dan li ġej:

(a) deskrizzjoni dettaljata tar-rekords tal-ħażna miżmuma jew li għandhom jinżammu;

(b) in-natura u l-istatus doganali ta' l-oġġetti li għalihom dawn l-attivitajiet jirrelataw;

(ċ) fejn japplika, l-proċedura doganali li taħtha l-attivitajiet għandhom jitwettqu;

(d) kull informazzjoni oħra meħtieġa mill-awtoritajiet doganali sabiex jiżguraw l-applikazzjoni kif imiss tad-disposizzjonijiet.

Taqsima 2

Disposizzjonijiet applikabbli għal żoni ħielsa tat-tip I ta' kontroll u għal imħażen ħielsa

Subsezzjoni 1

Kontrolli

Artikolu 805

L-ilqugħ li jagħlaq żoni ħielsa għandu ikunu b'mod li jiffaċilita s-sorveljanza mill-awtoritajiet doganali barra ż-żona ħielsa u jipprevjeni li xi oġġetti jitneħħew irregolarment miż-żona ħielsa.

L-ewwel paragrafu għandu wkoll japplika *mutatis mutandis* għal imħażen ħielsa.

Iż-żona minnufih barra l-ilqugħ għandha tkun tali li tippermetti sorveljanza xierqa mill-awtoritajiet doganali. L-aċċess għall-imsemmija żona għandu jeħtieġ il-kunsens ta' l-awtoritajiet doganali.

▼B

Artikolu 806

Ir-rekords tal-ħażna li jridu jinżammu għaż-żona ħielsa jew maħżen ħieles għandu jinkludi partikolarment:

(a) partikolari ta' marki, numri ta' identifikazzjoni, numru u tip ta' pakketti, il-kwantità u d-deskrizzjoni kummerċjali normali ta' l-oġġetti u, fejn relevanti, il-marki ta' identifikazzjoni tal-kontejner;

(b) informazzjoni li tipperemetti li l-oġġetti li jkunu osservati f'kull ħin, partikolarment il-lokazzjoni tagħhom, it-trattament doganali approvat jew użu assenjat lilhom wara l-ħażna fiż-żona ħielsa jew maħżen ħieles jew id-dħul tagħhom mill-ġdid f'parti oħra tat-territorju doganali tal-Komunità;

(ċ) partikolari ta' referenza tad-dokument tat-trasport użat mad-dħul u tneħħija ta' l-oġġetti;

(d) indikazzjoni ta' l-istatus doganali u, fejn relevanti, partikolari ta' referenza taċ-ċertifikat li jiċċertifika dan l-istatus kif imsemmi fl-Artikolu 812;

(e) partikolari ta' formoli normal ta' maniġġ;

(f) skond kif il-każ, waħda mill-indikazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 549, 550 jew 583;

(g) partikolari li jittrattaw oġġetti li ma kienux ikunu suġġetti marrilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa jew importazzjoni temporanja għal dazji ta' importazzjoni jew miżuri ta' politika kummerċjali, l-użu jew destinazzjoni li jridu jkunu spezzjonati.

L-awtoritajiet doganali jistgħu jirrinunzjaw għall-ħtieġa ta' xi wħud minn din l-informazzjoni fejn sorveljanza jew kontroll taż-żona ħielsa jew maħżen ħieles ma jkunx affettwat.

Fejn rekords għandhom jinżammu għall-għanijiet ta' proċedura doganali, l-informazzjoni li tkun tinsab f'dawk ir-rekords m'għandhiex għalfejn tidher fir-rekords tal-ħażna.

Artikolu 807

L-ipproċessar 'l ġewwa jew proċessar taħt proċeduri ta' kontroll doganali għandu jiġi skarikat fir-rigward ta' prodotti li jikkumpensa, prodotti proċessati jew oġġetti fl-istat mhux mibdul li jkunu jinsabu f'żona ħielsa jew maħżen ħieles permezz ta' daħla fir-rekords tal-ħażna taż-żona ħielsa jew maħżen ħieles. Partikolari ta' referenza ta' dik id-daħla għandhom jitniżżlu fir-rekords għal ipproċessar 'l ġewwa jew proċessar taħt kontroll doganali, skond il-każ.

Subsezzjoni 2

Disposizzjonijiet oħra li jittrattaw l-operazzjoni ta' żona ħielsa tat-tip I ta' kontroll u maħżen ħielsa.

Artikolu 808

Miżuri ta' politika kummerċjali kif provduti fl-atti tal-Komunità għandhom ikunu applikabbli għal oġġetti mhux tal-Komunità mqegħda f'żona ħielsa jew maħżen ħieles biss sal-limitu li huma jirreferu għad-dħul ta' oġġetti fit-territorju doganali tal-Komunità.

Artikolu 809

Fejn l-elementi għal stima tad-debitu doganali li għandu jingħata kont tiegħu huma dawk applikabbli qabel l-oġġetti jgħaddu minn forom normali ta' trattament imsemmija fl-Anness 72, Paġna ta' Informazzjoni INF8 tista' tinħareġ skond l-Artikolu 523.

▼B

Artikolu 810

Maħżen għal provvisti ta' l-ikel jista' jiġi stabbilit f'żona ħielsa jew maħżen ħieles skond l-Artikolu 40 tar-Regolament (KE) Nru 800/1999.

Artikolu 811

Fil-każ ta' esportazzjoni mill-ġdid ta' oġġetti mhux tal-Komunità li ma jinħattux jew li huma trasbordati, in-notifika msemmija fl-Artikolu 182(3) tal-Kodiċi m'għandhiex tkun meħtieġa.

Artikolu 812

Fejn l-awtoritajiet doganali jiċċertifikaw l-istatus ta' oġġetti tal-Komunità jew mhux tal-Komunità, skond l-Artikolu 170(4) tal-Kodiċi, huma għandhom jużaw formola li taqbel mall-mudell u disposizzjonijiet fl-Anness 109.

L-operatur għandu jiċċertifika l-istatus tal-Komunità tal-oġġetti permezz ta' dik il-formola fejn oġġetti mhux tal-Komunità huma dikjarati għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa skond l-Artikolu 173(a) tal-Kodiċi, inkluż fejn l-iskariku ta' l-ipproċessar 'l ġewwa jew ipproċessar taħt il-proċeduri ta' kontroll doganali.

Taqsima 3

Disposizzjonijiet applikabbli għal żoni ħielsa ta' tip II ta' kontroll

Artikolu 813

Mingħajr preġudizzju għad-disposizzjonijiet fis-sezzjoni 1 u fl-Artikolu 814, id-disposizzjonijiet preskritti għall-arranġamenti ta' maħżen doganali għandhom ikunu applikabbli għal żona ħielsa ta' tip II ta' kontroll.

Artikolu 814

Fejn oġġetti mhux tal-Komunità li ma jinħattux jew li huma biss trasbordati huma mqegħda taħt żona ħielsa bl-użu ta' proċedura ta' żdoganar lokali u esportazzjoni mill-ġdid iktar tard bl-użu ta' l-istess proċedura, l-awtoritajiet doganali jistgħu jeħilsu lill-operatur mill-obbligazzjoni li jinforma lill-uffiċju doganali kompetenti b'kull wasla jew tluq ta' dak l-oġġetti. F'dan il-każ, il-miżuri ta' kontroll għandhom jagħtu kont tan-natura speċjali tas-sitwazzjoni.

Il-ħażna ta' oġġetti għal żmien qasir b'konnessjoni ma' dak it-trasbord għandha tkun ikkunsidrata li hi parti ntegrali mit-trasbord."

30. L-Artikolu 859 huwa emendat kif ġej:

(a) il-punt 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Fil-każ ta' oġġetti f'ħażna temporanja jew li daħlu għal proċedura doganali, sdoganar tal-oġġetti mit-territorju doganali tal-Komunità jew l-introduzzjoni tagħhom f'żona ħielsa ta' tip I ta' kontroll skond it-tifsira ta' l-Artikolu 799 jew f'maħżen ħieles mingħajr ma jimtlew il-formalitajiet meħtieġa;"

(b) il-punt 9 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"9. Fil-qafas ta' proċessar 'l ġewwa u proċessar taħt kontroll doganali, li jaqbeż il-limitu ta' żmien limitat mgħoti għassottomissjoni tad-dokument ta' żdoganar, sakemm il-limitu kien ikun estiż li kieku kienet intalbet estensjoni fil-ħin;"

(ċ) il-punt 10 li ġej hu miżjud:

"10. Li jeċċedi l-limitu ta' żmien permess għat-tneħħija temporanja minn maħżen doganali, sakemm il-limitu kien ikun estiż kieku intalbet estensjoni fil-ħin."

▼B

31. Fl-Anness 10, dan li ġej huwa miżjud:

"6309	Ħwejjeġ li jintlibsu u oġġetti oħra li jintlibsu	Ġbir u ppakkjar għat-trasbord"

32. Fl-Anness 37, il-paragrafu li ġej huwa miżjud mat-Titolu I(B)(2)(f)(aa):

"Fejn awtorizzazzjoni għal tip E ta' maħżen tipprovdi għall-proċeduri preskritti għat-tip D li jkunu applikati, l-kaxxi 33 u 47 għandhom ukoll ikunu meħtieġa."

33. L-Anness 37a huwa emendat skond l-Anness I li jinsab ma' dan ir-Regolament.

34. L-Anness 38 huwa emendat skond l-Anness II li jinsab ma' dan ir-Regolament.

35. L-Anness 45a huwa emendat skond l-Anness III li jinsab ma' dan ir-Regolament.

36. L-Anness 47a huwa emendat skond l-Anness IV li jinsab ma' dan ir-Regolament.

37. L-Annessi 67 sa 103 huma sostitwiti bit-test (l-Annessi 67 sa 77) murija f'L-Anness V li jinsab ma' dan ir-Regolament.

38. L-Annessi 105, 106 u 107 huma mħassra.

Artikolu 2

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fis-seba' jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

2. Il-punti 1 sa 30 u 32 sa 38 ta' l-Artikolu 1 għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2001.

3. Kull awtorizzazzjoni li tgħati l-istatus ta' destinatarju awtorizzat għandha tikkonforma ma' l-Artikolu 408º tar-Regolament (KEE) Nru 245/93 mid-data deċiża mill-awtoritajiet doganali, u l-iktar tard sal-31 ta' Marzu 2004. ►**M1** Dan is-subparagrafu ma japplikax għall-operazzjonijiet ta' transitu meta l-konsenjat awtorizzat jirċievi oġġetti bl-użu ta' proċedura simplifikata msemmija fl-Artikolu 372(1)(g). ◄

Qabel l-1 ta' Jannar 2004, il-Kummissjoni għandha tevalwa l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 408º tar-Regolament (KEE) Nru 245/93 b'relazzjoni ma' l-Artikoli 367 sa 371 ta' dak ir-Regolament. L-evalwazzjoni għandha tkun ibbażata fuq rapport imħejji minn kontribuzzjonijiet ta' l-Istati Membri. Il-Kummissjoni tista' tiddeċiedi fuq dan il-bażi u skond il-proċedura tal-Kumitat jekk u suġġett għal liema kondizzjonijiet differiment tad-data imsemmija fl-ewwel subparagrafu huwa meħtieġ.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fil-Pajjiżi Membri kollha.

▼B

ANNESS I

L-Anness 37º, it-Titolu II, il-paragrafu B, huwa emendat kif ġej:

1. Fil-grupp tad-*data*“Referenza tal-Garanzija” taħt l-attribuzzjoni GRN, fit-tmien tat-test bħala spjegazzjoni, dan li ġej għandu jkun miżjud:

“‘In-numru’ Referenza tal-Garanzija' (GRN) huwa allokat mill-uffiċju ta'garanzija li jidentifika kull garanzija singolari u huwa strutturat kif ġej:

Qasam	Kontenut	Tip tal-qasam	Eżempji
1	L-aħħar żewġ figuri tas-sena li fiha l-garanzija kienet ġiet aċċettata (SS)	Numeriċi 2	97
2	L-identifikatur tal-pajjiż ta' fejn il-garanzija tkun ġiet ippreżentata (ISO alpha 2 kodiċi tal-pajjiż)	Alfabetiċi 2	IT
3	Identifikatur uniku għall-aċċettazzjoni mogħtija mill-uffiċċju tal-garanziji għal kull sena u pajjiż	Alfanumeriċi 12	1234AB788966
4	Ċifra tal-verifika	Alfanumeriċi 1	8
5	Identifikatur tal-garanzija individwali permezz ta' fattura (1 ittra + 6 ċifri) jew NULL għal tipi oħrajn tal-garanzija	Alfanumeriċi 7	A001017

L-oqsma 1 u 2 kif spjegati hawn fuq.

Qasam 3 għandu jkun mimli bl-identifikatur uniku għal kull sena u pajjiż għall-aċċettazzjoni tal-garanzija mogħtija mill-uffiċċju tal-garanzija. L-amministrazzjonijiet nazzjonali li jixtiequ li jkollhom in-Numru ta' Referenza ta' l-Uffiċju Doganali ta' l-uffiċċju tal-garanzija inkluż fil-GRN, għandhom jużaw l-ewwel sitt karattri sabiex idaħħlu n-numru nazzjonali ta' l-uffiċċju ta' garanzija.

Il-qasam 4 għandu jkun mimli bil-valur li tkun iċ-ċifra tal-verifika għall-oqsma 1 sa 3 tal-GRN. Dan il-qasam jippermettu għas-sejbien ta' żball meta jkunu maqbuda l-ewwel erba' oqsma tal-GRN.

Il-qasam 5 huwa użat biss meta l-GRN hija relatata mal-garanzija individwali permezz ta' fatturi irreġistrati fis-sistema kumpeterizzata tat-transitu. F'dak il-każ, dan il-qasam għandu jkun mimli bl-identifikatur tal-fattura.”

2. It-test ta' spjegazzjoni tal-grupp tad-*data*“Referenza tal-Garanzija” huwa mibdul b'dan li ġej:

“Numru: 99

Il-grupp tad-*data* għandu jkun utilizzat jekk l-attribwit ‘Tip tal-Garanzija’ jkun fih il-kodiċi ‘0’, ‘1’, ‘2’, ‘4’ jew ‘9’.”

3. It-test ta' spjegazzjoni ta' l-attribwit tad-*data*“GRN” huwa mibdul b'dan li ġej:

“Tip/tul: an24

L-attribwit għandu jkun utilizzat sabiex tkun inkluż in-numru ta' referenza tal-garanzija (GRN) jekk l-attribwit ‘Tip tal-Garanzija’ jkun fih il-kodiċi li jkollha il-kodiċi ‘0’, ‘1’, ‘2’, ‘4’ jew ‘9’. F'dan il-każ l-attribwit ‘Referenza oħra tal-garanzija’ ma jistax ikun utilizzat.”

4. It-test ta' spjegazzjoni ta' l-attribwit tad-*data*“Referenza oħra tal-Garanzija” huwa mibdul b'dan li ġej:

“Tip/tul: an..35

Dan l-attribwit għandu jkun utilizzat jekk l-attribwit ‘Tip tal-Garanzija’ jkun fih il-kodiċi ‘0’, ‘1’, ‘2’, ‘4’ jew ‘9’. F'dan il-każ l-attribwit ‘GRN’ ma jistax ikun utilizzat.”

5. Taħt il-grupp tad-*data*“Referenza tal-Garanzija” it-test ta' spjegazzjoni taħt l-attribwit “kodiċi ta' l-aċċess” huwa mibdul b'dan li ġej:

“Tip/tul: an4

▼B

L-attribwit għandu jkun utilizzat meta l-attribwit ‘GRN’ ikun utiliżżat, inkella dan l-attribwit ikun voluntarju għall-Istati Membri. Jiddependi mit-tip ta' garanzija, jekk din tkun maħruġha mill-uffiċċju tal-garanzija, dak li jagħti l-garanzija jew il-propjetarju u użat sabiex jassiguraw garanzija speċifika.”

▼B

ANNESS II

L-Anness 38, il-kaxxa 52, huwa emendat kif ġej:

Taħt “dħul oħrajn” għall-kodiċi 2, dan li ġej huwa miżjud:

“— referenza għall-impenn tal-garanzija

— l-uffiċċju tal-garanzija”

▼B

ANNEX III

Fis-subparagrafu 1 ta' l-Anness 45a, il-Kapitolu II, il-paragrafu A, l-aħħar sentenza li ġejja hija miżjuda:

“Il- ‘MRN’ għandu wkoll ikun stampat fil-*bar code mode* bl-użu tal-i*standard*‘-kodiċi 128’, is-sett tal-karattru ‘B’.”

▼B

ANNESS IV

It-tieni inċiż ta' l-Artikolu 47º, il-punt 3 huwa mibdul b'dan li ġej:

"— apparti minn meta d-*data* tal-garanzija hija skambjata bejn l-uffiċċju tal-garanzija u l-uffiċċju tat-tluq bl-użu tat-teknoloġija ta' l-informazzjoni u n-*networks* tal-*computer*, din il-garanzija individwali tista' tkun użata biss fl-uffiċju tat-tluq kif identifikat fid-dokument tal-garanzija;"

▼B

ANNESS V

"ANNESS 67

FORMOLI TA' L-APPLIKAZZJONI U L-AWTORIZZAZZJONI

(l-Artikoli 292, 293, 497 u 505)

RIMARKI ĠENERALI

1. It-tqasim tal-kampjuni mhux obligatorju; e.g. minflok il-kaxxi l-Istati Membri jistgħu jipprovvdu sabiex il-formoli jkunu bi struttura ta' linji jew jekk meħtieġ l-ispazju tal-kaxxi jista' jkun estiż.

   B'dana kollu, l-ordni tan-numri u t-test applikabli huma obbligatorji.

2. L-Istati Membri jistgħu jipprovvdu għal kaxxi jew linji għal skopijiet nazzjonali. Dawn il-kaxxi jew linji għandhom ikunu indikati bin-numru b'ordni sekwenzjali flimkien ma ittra kapitali (e.g. 5A).

3. Bħala prinċipju, il-kaxxi b'numru sekwenzjali aktar sewdieni għandhom ikunu mimlija. In-nota ta' spjegazzjoni tireferi għall-aċċezzjonijiet. L-amministrazzjonijiet doganali jistgħu jipprovvdu li l-mili tal-kaxxa 5 jkun obbligatorju biss meta tkun saret biss applikazzjoni għal awtorizzazzjoni waħda.

4. L-Appendiċi tan-noti għandu jinkludi IPR *economic-condition-codes* (kodiċi-kundizzjoni-ekonomiċi) skond l-Anness 70.

▼B

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

MUDELL

Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' l-użu ta' proċedura doganali b'impatt ekonomiku/użu finali

Nota: Mitlub li tirreferi għan-nota ta' spjegazzjoni xierqa meta timla din il-formola

Oriġinali	1. **L-Applikant**	Irriservat għal skopijiet doganali	
	2. **Proċedura(i) doganali**	3. **It-Tip ta' l-applikazzjoni**	4. Formuli bħala kontinwazzjoni
	5. **Post u u tip ta' kontijiet/reġistri**		
	6. **Perjodu tal-validità ta' l-awtorizzazzjoni** a: b:		
	7. **Oġġetti li għandhom jitqiegħdu taħt proċedura doganali**		

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwantità	Valur

8. **Prodotti kompensatorji jew ipproċessati**	

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Ir-rata tal-produzzjoni

9. **Dettalji ta' l-attivitajiet ippjanati**	
10. **Kondizzjonijiet ekonomiċi**	
11. **L-uffiċċju (l-uffiċċji) doganali**	
a **Tad-dħul**	
b **Tar-rilaxx**	
c Uffiċċju (uffiċċji) tas-superviżjoni	

12. **Identifikazzjoni**	13. **Perjodu tar-rilaxx (xhur)**	14. Proċeduri simplifikati a: b:	15. Trasferiment
16. Informazzjoni addizzjonali			
17. **Iffirmata** ..... **Data** ..... **Isem**			

▼B

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

MUDELL

Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni sabiex ikun operat maħżen doganali jew għall-użu ta' l-arranġamenti f'maħżen tat-tip E

Formula (kontinwazzjoni)

Originali

18. **Tip ta' maħżen**		
19. **Maħżen jew faċilità tal-ħażna (tip E)**		
20. Limitu taż-żmien għall-preżentazzjoni ta' l-inventarju ta' l-oġġetti		
21. Rata tat-telf		
22. Ħażna ta' l-oġġetti li ma jkunux taħt arranġamenti ta' maġażinaġġ		
Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kategorija/proċedura doganali
23. Tipi normali tat-tqandil		
24. Tneħħija temporanja. Skop:		
25. Informazzjoni addizzjonali		
26. **Iffirmata** ..... **Data** ..... **Isem**		

▼B

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

MUDELL

Applikazzjoni ghall-awtorizzazzjoni ta' l-użu ta' l-ipproċessar il-ġewwa

Formula (kontinwazzjoni)

Oriġinali

18. **Oġġetti ekwivalenti**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni

19. Esportazzjoni preċedenti

20. Rilaxx ghal ċirkolazzjoni hielsa minghajr dikjarazzjoni doganali?

21. Informazzjoni addizzjonali

22.

Iffirmata ..... **Data** .....

Isem .....

▼B

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

MUDELL

Applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' l-użu ta'l-ipproċessar il-barra

Formula (kontinwazzjoni)

Originali

18. **Sistema**

19. Prodotti bħala kambjament

Kodiċi NM	Deskrizzjoni

20. L-Artikolu 147(2) tal-Kodiċi

21. L-Artikolu 586(2)

22. Informazzjoni addizzjonali

23.

Iffirmata ..... **Data** .....

Isem .....

▼B

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

MUDELL

Awtorizzazzjoni ghall-użu ta' proċedura doganali b'impatt ekonomiku/użu finali

		GB ..... (Numru ta' l-awtorizzazzjoni)	
Originali	1. **Id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni**	**L-awtorità tal-ħruġ**	
	1a. **Din id-deċiżjoni tirreferi ghall-applikazzjoni tieghek ta':** **Nru ta' Ref.:**		
	2. **Proċedura(i) doganali**	3. **It-Tip ta' l-awtorizzazzjoni**	4. Formuli ta' kontinwazzjoni
	5. **Post u tip ta' kontijiet/reġistri**		
	6. **Perjodu tal-validità ta' l-awtorizzazzjoni** **a** **b**		
	7. **Oġġetti li jistghu jkunu mqieghda taht il-proċedura doganali:**		
	Kodiċi NM / Deskrizzjoni / Kwantità / Valur		
	8. **Prodotti kompensatorji jew ipproċessati:**		
	Kodiċi NM / Deskrizzjoni / Ir-rata tal-produzzjoni		
	9. **Dettalji ta' l-attivitajiet ippjanati:**		
	10. **Kondizzjonijiet ekonomiċi:**		
	11. **L-uffiċċju (l-uffiċċji) doganali** a **Tad-dhul:** b **Tar-rilaxx:** c **Uffiċċju (uffiċċji) tas-superviżjoni:**		
	12. **Identifikazzjoni**	13. **Perjodu tar-rilaxx (xhur)**	14. Proċeduri simplifikati a b
			15. Trasferiment
	16. Informazzjoni addizzjonali/kondizzjonijiet (e.g. ħtiġiet ta' garanzija)		
	17. **Data** **Iffirmata** **Isem**		**Timbru**

▼B

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

MUDELL

Awtorizzazzjoni sabiex ikun operat maħżen doganali jew għall-użu ta' l-arranġamenti f'maħżen tat-tip E

Formula (kontinwazzjoni)

GB .....
(Numru ta' l-awtorizzazzjoni)

Oriġinali

18. **Tip ta' maħżen**	Numru ta' l-identifikazzjoni tal-maħżen	
19. **Maħżen jew faċilità tal-ħażna (tip E)**		
20. **Limitu taż-żmien għall-preżentazzjoni ta' l-inventarju ta' l-oġġetti**		
21. Rata tat-telf		

22. Ħażna ta' l-oġġetti li ma jkunux taħt arranġamenti ta' maġażżinaġġ

Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kategorija/proċedura doganali

23. Tipi normali tat-tqandil

24. Tneħħija temporanja. Skop:

25. Informazzjoni addizzjonali

26.

Data **Iffirmata** **Timbru**

Isem

▼B

IL-KOMUNITÀ EWROPEA

MUDELL

Awtorizzazzjoni għall-użu ta'l-ipproċessar il-ġewwa

Formula (kontinwazzjoni)

	GB ..... (Numru ta' l-awtorizzazzjoni)

Original

18. **Oġġetti ekwivalenti**

Kodiċi NM	Deskrizzjoni

19. Esportazzjoni preċedenti

20. Rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa minghajr dikjarazzjoni doganali

21. Informazzjoni addizzjonali

22.

Data **Iffirmata** **Timbru**

Isem

▼B



IL-KOMUNITÀ EWROPEA

MUDELL

Awtorizzazzjoni ghall-użu ta'l-ipproċessar il-barra

Formula (kontinwazzjoni)

GB .....
(Numru ta' l-awtorizzazzjoni)

Original

18. **Sistema**

19. Prodotti bhala kambjament

Kodiċi NM	Deskrizzjoni

20. L-Artikolu 147(2) tal-Kodiċi

21. L-Artikolu 586(2)

22. Informazzjoni addizzjonali

23.

Data **Iffirmata** **Timbru**

Isem

▼B

NOTI ESPLANATORJI

Titolu I

Partikolaritajiet li għandhom ikunu miktuba fid-diversi kaxxi tal-formola ta' l-applikazzjoni

Nota ġenerali:

Ir-referenzi huma għad-disposizzjonijiet ta' l-implementazzjoni tal-Kodiċi Doganali sakemm ma jkunx mistqarr mod ieħor.

1. **L-Applikant**

Ikteb l-isem u l-indirizz sħaħ ta' l-applikant. L-applikant huwa l-persuna li lilu l-awtorizzazzjoni għandha tkun maħruġha.

2. **Proċedura(i) doganali**

Ikteb il-proċedura(i) doganali li permezz tagħha l-oġġetti elenkati fil-kaxxa 7 jkunu ntiżi li jitqieghdu. Il-proċeduri doganali relevanti huma moghtija hawn taht:

— ċirkolazzjoni ħielsa b'użu finali

— magażżinaġġ doganali

— proċessar il-ġewwa — sistema ta' sospensjoni

— proċessar il-barra — sistema ta' teħid lura

— proċessar taht il-kontroll doganali

— importazzjoni temporanja

— proċessar il-barra

Nota:

Jekk l-applikant japplika għal awtorizzazzjoni sabiex juża aktar minn proċedura doganali waħda (awtorizzazzjoni integrata) u l-formula ma tkunx adekwata għall-ħtiġiet (e.g. minħabba li l-oġġetti għandhom ikunu mqieghda taht il-proċeduri doganali ma jkunux l-istess għal kull proċedura) formoli separati għandhom ikunu użati.

3. **It-Tip ta' l-applikazzjoni**

It-tip ta' l-applikazzjoni għandu jkun miktub f'din il-kaxxa bl-użu ta' mill-anqas waħda mill-kodiċi li ġejjin:

1 = l-ewwel applikazzjoni

2 = l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni modifika jew imġedda (indika wkoll in-numru xieraq ta' l-awtorizzazzjoni)

3 = l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni singola

4 = l-applikazzjoni għal awtorizzazzjoni suċċessiva (proċessar il-ġewwa)

4. Formuli ta' kontinwazzjoni

Ikteb in-numru tal-formoli tal-kontinwazzjoni mhemuża hawnhekk.

Nota:

Il-formoli tal-kontinwazzjoni huma disponibbli għal dawn il-proċeduri doganali li ġejjin: magażżinaġġ doganali, proċessar il-ġewwa (meta mehtieġ) u proċessar il-barra (meta mehtieġ)

5. **Post u tip ta' kontijiet/reġistri**

Ikteb il-post tal-kontijiet. Dan il-post huwa ta' fejn il-materjal kummerċjali, tat-taxxa u materjal ieħor tal-kontijiet ta' l-applikant, jew jekk tali materjali jkunu miżmuma f'ismu, huwa lokalizzat. Speċifika wkoll it-tip ta' kontijiet billi tagħti d-dettalji dwar is-sistema użata.

Stqarr ukoll it-tip ta' reġistri (reġistri tal-ħażniet) li għandhom ikunu użati għall-proċedura doganali. Reġistri jfissru: id-dettalji kollha li jkun fihom l-informazzjoni kollha mehtieġa u d-dettalji tekniċi, li jiffaċċilitaw lil-awtoritajiet doganali sabiex iwettqu l-proċedura ta' superviżjoni u kontroll doganali.

Nota:

Jekk ikun intiż li jsir użu mill-magażżinaġġ doganli tat-tip B, il-kaxxa 5 għandha tkun mimlija.

Fil-każ ta' importazzjoni temporanja, il-kaxxa 5 għandha tkun mimlija biss meta dan ikun mehtieġa mill-awtoritajiet doganali.

Fil-każ ta' applikazzjoni għal awtorizzazzjoni singola, indika l-post u t-tip ta' kontijiet ewlenija.

▼B

6. **Perjodu tal-validità ta' l-awtorizzazzjoni**			
a		b	

Indika fil-kaxxa 6a id-data meħtieġa li fiha l-awtorizzazzjoni għandha jkollha effett (jum/xahar/sena. Bħala prinċipju l-awtorizzazzjoni jkollha effett, l-aktar kmieni, mid-data tal-ħruġ. F'dan il-każ ikteb "id-data tal-ħruġ". Id-data ta' l-iskadenza ta' l-awtorizzazzjoni tista tkun suġġerita fil-kaxxa 6b.

7. **Oġġetti li għandhom jitqiegħdu taħt proċedura doganali**			
Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kwantità	Valur

— *Kodiċi NM*

Imla skond in-Nomenklatura Magħqudha (kodiċi NM tmin ċifri).

— *Deskrizzjoni*

Id-deskrizzjoni ta' l-oġġetti tfisser id-deskrizzjoni kummerċjali u/jew teknika.

— *Kwantità*

Ikteb il-kwantita kif ikkalkolata ta' l-oġġetti intiżi li jkunu mqiegħda taħt il-proċedura doganali.

— *Valur*

Ikteb il-valur kif ikkalkolat f'euro jew f'xi munita oħra ta' l-oġġetti intiżi li jkunu mqiegħda taħt il-proċedura doganali.

Nota:

Utenti finali:

1. Jekk l-applikazzjoni tikkonċerna oġġetti oħrajn apparti minn dawk taħt "2" hawn taħt, għandek tikteb fis-sub-kaxxa "kodiċi NM", meta xieraq; il-Kodiċi Taric (10 ċifri jew 14 ċifri).
2. Jekk l-applikazzjoni tikkonċerna l-oġġetti taħt id-disposizzjonijiet speċjali (il-Parti A u B) li jinsabu fid-disposizzjonijiet preliminari tan-Nomenklatura Magħqudha (oġġetti għal ċerti kategoriji ta' vapuri, dgħajjes u inġenji oħrajn tal-baħar u għall pjattaformi tat-thaffir jew il-produzzjoni/ajruplani ċivili u oġġetti għall-użu f'ajruplani ċivili) il-kodiċi NM ma humiex meħtieġa. L-applikanti għandhom jistqarru fis-sub-kaxxa "Deskrizzjoni", per eżempju: "Ajruplani ċivili u partijiet tagħhom/disposizzjonijiet speċjali, il-parti B tan-NM". Aktar minn hekk mhux imbagħad meħtieġ li jkunu mogħtija dettalji dwar il-kodiċi NM, il-kwantità u l-valur ta' l-oġġetti;

Magażżinaġġ Doganali:

Jekk l-applikazzjoni tkopri numru ta' punti ta' oġġetti differenti, tista tikteb il-kelma "varji" fis-sub-kaxxa "kodiċi NM". F'dan il-każ iddeskrivi, n-natura ta' l-oġġetti li għandhom ikunu maħżuna, fis-sub-kaxxa "Deskrizzjoni". Mhux meħtieġ li jkunu mogħtija dettalji dwar il-kodiċi NM, il-kwantità u l-valur ta' l-oġġetti;

Proċessar il-ġewwa u l-barra:

Kodiċi NM: Il-kodiċi ta' erba' ċifri tista tkun indikata. B'dana kollu il-kodiċi ta' tmin ċifri għandha tkun mogħtija meta:

— oġġetti ekwivalenti jew sistema ta' skambju normali għandhom ikunu wżati,

— l-Artikolu 586 (2) jkun applikabbli,

— il-kondizzjonijiet ekonomiċi huma identifikati bil-kodiċi 10, 11 jew 99,

— ħalib u prodotti tal-ħalib referuti f'Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/ 1999 huma kkonċernati u l-kodiċi 30 huwa wżat b'relazzjoni ma l-għamliet normali tat-tqandil, il-valur de minimis jew il-bilanċ tal-forniment bi qbil ma' l-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3448/93, jew

— l-awtoritajiet doganali jeħtieġ dan bi qbil ma l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 499.

Deskrizzjoni: Id-deskrizzjoni tal-kummerċ u/jew teknika għandha tkun biż-żejjed ċara u dettaljata sabiex tiffaċilita li titħaħed deċiżjoni dwar l-applikazzjoni. Meta jkun ippjanat li jintużaw oġġetti ekwivalenti jew sistema standard ta' skambju, għati dettalji rigward il-kwalità kummerċjali u l-karatteristiċi tekniċi ta' l-oġġetti.

Kwantità: Din l-informazzjoni ma hemmx ħtieġa li tkun miktuba f'dak li jirrigwardja l-ipproċessar il-ġewwa meta l-kodiċi użata sabiex tirreferi għall-kondizzjonijiet ekonomiċi tkun il-kodiċi 30 sal-limitu li din ma tkunx intiża għall-użu ta' oġġetti ekwivalenti. B'dana kollu, il-kwantità għandha tkun indikata meta jkun involut il-proċesar tal-qamħ durum għall-produzzjoni ta' l-għaġin jew meta kodiċi bi tmin ċifri għandha tkun mogħtija għall-ħalib u l-prodotti tal-ħalib.

Valur: Din l-informazzjoni mhix meħtieġa li tingħata meta l-kwantità ma tkunx meħtieġa, sakemm l-applikant ikollu l-intenzjoni li jagħmel użu mill-kodiċi 30 (il-valur de minimis).

▼B

8. Prodotti kompensatorji jew ipproċessati		
Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Ir-rata tal-produzzjoni

Rimarki ġenerali:

Ikteb id-dettalji tal-prodotti kompensatorji kollha li jirriżultaw mill-operazzjonijiet li jindikaw prodott kompensatorji ewlieni (MCP) jew prodott kompensatorji sekondarji (SCP) skond kif xieraq.

Kodiċi NM u deskrizzjoni:
Ara l-kummenti dwar il-kaxxa 7.

Ir-rata tal-produzzjoni:
Indika ir-rata ikkalkolata tal-produzzjoni jew il-metodu li bih dik ir-rata għandha tkun determinata. Fil-każ ta' rati standard tal-produzzjoni, irreferi lejn l-Anness 69 u indika l-ordni numerika kif xieraq.

9. Dettalji ta' l-attivitajiet ippjanati

Iddeskrivi n-natura ta' l-attivitajiet ippjanati (e.g. dettalji ta' l-operazzjonijiet skond il-kuntratt ta'l-ipproċessar ta' l-appalt jew it-tip ta' l-għamliet normali ta'l-immaniġġjar) li għandhom ikunu mwettqa fuq l-oġġetti fi ħdan il-proċedura doganali.<0} {0>Indicate also the appropriate place(s).<}0{>Indika wkoll il-post(ijiet) xierqa.
Jekk aktar min proċedura doganali waħda tkun hemm applikazzjoni dwarha fil-kaxxa 2, id-deskrizzjoni għandha tindika b'mod ċar jekk l-oġġetti għandhomx ikunu mqieghda taht il-proċeduri doganali b'mod alternattiv jew suċċessiv.
Jekk aktar minn amministrazzjoni doganali waħda tkun involuta, indika l-isem tal-Istat(i) Membru(i) kif ukoll il-postijiet tagħhom.

Nota:

Fil-każ ta' "utent finali" ikteb l-utent finali intiż u l-post(ijiet) ta' fejn l-oġġetti għandhom ikunu assenjati għall-utent finali kif preskritt.

Meta xieraq, ikteb l-isem, l-indirizz u l-funzjoni ta' l-operaturi involuti.

Jekk ikun intiż it-trasferiment tad-drittijiet u l-obbligi (l-Artikoli 82(2) u 90 tal-Kodiċi), ikteb fil-kaxxa 9, jekk possibbli, dettalji dwar it-trasferenti.

10. Kondizzjonijiet ekonomiċi

L-applikant għandu jagħti r-raġunijiet għat-twettieq tal-kondizzjonijiet ekonomiċi.

Partikolarment għal:

— magażżinaġġ doganali minħabba li il-ħtieġa ekonomika għall-magazinaġġ tkun teżisti,

— proċessar il-ġewwa bl-użu ta' mill-anqas wieħed mil-kodiċi ta' żewġ ċifri stabbiliti fl-appendiċi għal kull kodiċi NM li tkun ġiet indikata fil-kaxxa 7.

— proċessar taht il-kontroll doganali li l-użu ta' sorsi mhux-Komunitarji jkunu jiffaċċiltaw l-attivitajiet ta'l-ipproċessar li jkunu maħluqa jew b'manutenzjoni fil-Komunità.

Nota:

Fil-każ ta':

— użu finali il-kaxxa 10 m'għandhiex tkun mimlija,

— importazzjoni temporanja jkun mehtieġ li jkunu indikati l-Artikolu(i) li permezz tagħhom l-awtorizzazzjoni tkun saret applikazzjoni dwarha u għati dettalji dwar is-sid ta' l-oġġetti deskritti fil-kaxxa 7,

— proċessar il-barra, imla il-kaxxa 10 biss jekk mehtieġ mill-awtoritajiet doganali bis-saħħa ta' l-Artikolu 585(1).

11. **Uffiċċju(i) doganali**	
a	**tad-dħul**
b	**tar-rilaxx**
c	uffiċċju(i) tas-superviżjoni

Indika l-uffiċċju(i) doganali issuġġerit(i).

Nota:

Fil-każ ta' użu finali il-kaxxa 11b m'għandhiex tkun mimlija.

12. Identifikazzjoni

Ikteb fil-kaxxa 12 il-mezzi ntiżi ta' l-identifikazzjoni bl-użu ta' mill-anqas waħda mill-kodiċi li ġejjin:

1 = numru serjali jew tal-manifattur

2 = it-twaħħil taċ-ċomba, siġilli, marki bit-tnalja jew marki distintivi oħrajn

3 = il-folja ta' l-informazzjoni INF

4 = il-ġbir ta' kampjuni, disinji jew deskrizzjonijiet tekniċi

▼B

5 = it-twettieq ta' l-analiżi

6 = dokument ta' l-informazzjoni stabbilit fl-Anness 104 (adattat biss għall-ipproċessar il-barra)

7 = mezzi oħrajn ta' l-identifikazzjoni (għati spjegazzjoni fil-kaxxa 16 "informazzjoni addizzjonali")

8 = mingħajr il-miżuri ta' l-identifikazzjoni skond l-Artikolu 139, it-tieni subparagrafu, tal-kodiċi (adattat biss għall-importazzjoni temporanja)

Nota:

Fil-każ ta' magażżinaġġ doganali, il-mili tal-kaxxa huwa mehtieġ biss jekk ikunu nvoluti oġġetti b'finanzjament bil-quddiem jew jekk dan ikun mehtieġ mill-awtoritajiet doganali.

Il-kaxxa 12 m'għandhiex tkun mimlija fil-każ ta'l-ipproċessar il-ġewwa b'oġġetti ekwivalenti, proċessar il-bara b'sistema standard ta' skambju jew meta l-Artikolu 586 (2) jkun applikat. Il-kaxxa 18 għal formola ta' kontinwazzjoni "proċessar il-ġewwa" jew il-kaxxi 19 sa 21 tal-formola tal-kontinwazzjoni "Proċessar il-barra" għandhom minflok ikunu mimlija.

13. **Perjodu tar-rilaxx (xhur)**

Ikteb il-Perjodu ikkalkolat mehtieġ għall-operazzjonijiet sabiex ikunu mwettqa jew l-użu fi ħdan il-proċedura(i) doganali li tkun saret applikazzjoni dwarhom (il-kaxxa 2). Il-Perjodu jibda meta l-oġġetti jkunu mqiegħda taħt proċedura doganali. Dan il-Perjodu jispiċċa meta l-oġġetti jew il-prodotti jkunu ġew assenjati trattament ġdid permissibbli approvat mid-dwana jew l-użu inkluż, skond ma jkun il-każ, sabiex issir talba għal rifużjoni tad-dazji ta' l-importazzjoni wara l-ipproċessar il-ġewwa (sistema ta' drawback), jew sabiex ikun akkwistat ħelsien totali jew parzjali mid-dazji ta' l-importazzjoni mar-rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa wara l-ipproċessar il-barra.

Nota:

— Fil-każ ta' użu finali stqarr il-Perjodu li jkun mehtieġ sabiex l-oġġetti jkunu assenjati lejn l-użu finali kif preskritt jew għat-trasferiment ta' l-oġġetti lejn detentur ieħor ta' l-awtorizzazzjoni.

— Fil-każ ta' magażżinaġġ doganali il-Perjodu huwa mingħajr limitu; għalhekk ħalliha vojta.

— Fil-każ ta'l-ipproċessar il-ġewwa: meta l-Perjodu għar-rilaxx jiskadi f'data speċifika għall-oġġetti kollha mqiegħda taħt l-arranġamenti matul Perjodu partikolari, l-awtorizzazzjoni tista jkollha provvediment li l-Perjodu għar-rilaxx għandu awtomatikament ikun estiż għall-oġġetti kolla li jkunu għadhom taħt l-arranġamenti sa din id-data. Jekk din is-simplifikazzjoni hija mehtieġa ikteb: "l-Artikolu 542(2)" u għati dettalji fil-kaxxa 16.

14. **Proċeduri simplifikati**			
a		b	

Kaxxa 14 a:

Jekk ikun intiż li tintuża proċedura sempliċi tad-dhul, speċifika bl-użu ta' mill-anqas waħda minn dawn il-kodiċi li ġejjin:

1 = Dikjarazzjoni mhux kompluta (l-Artikolu 253 (1))

2 = proċedura ta' dikjarazzjoni simplifikata (l-Artikolu 253 (2))

3 = proċedura bi preżentazzjoni ta' rilaxx lokali (l-Artikolu 253 (3))

4 = proċedura mingħajr preżentazzjoni ta' rilaxx lokali (l-Artikolu 253 (3))

Kaxxa 14b:

Jekk ikun intiż li tintuża proċedura sempliċi tar-rilaxx, speċifika bl-użu ta' mill-anqas waħda minn dawn il-kodiċi li ġejjin:

L-istess bħal fil-klaż tal-kaxxa 14 a.

Nota:

Fil-każ tal-proċedura ta' użu finali il-kaxxa 14b m'għandhiex tkun mimlija.

15. **Trasferiment**

Jekk trasferiment ta' oġġetti jew prodotti jkun intiż, stqarr il-formalitajiet proponuti tat-trasferiment bl-użu ta' mill-anqas waħda minn dawn il-kodiċi li ġejjin:

1 = mingħajr formalitajiet doganali bejn postijiet differenti nnominati fl-awtorizzazzjoni li tkun saret applikazzjoni dwarha

2 = trasferiment mill-uffiċċju tad-dħul lejn il-faċilitajiet ta' l-applikant jew ta' l-operatur jew tal-post ta' l-użu permezz tal-koperta tad-dikjarazzjoni għad-dħul għall-proċedura tad-dwana

3 = trasferiment lejn l-uffiċċju tal-ħruġ bil-għan ta' l-esportazzjoni mill-ġdid għandu jseħħ taħt il-koperta tal-proċedura doganali

4 = it-trasferiment minn detentur wieħed lejn ieħor bi qbil ma' l-Artikolu 68

Nota:

Indika fil-kaxxa 16 il-proċedura suġġerita

5 = kopja T5 tal-kontroll (adattata biss għal użu finali)

6 = dokumenti oħrajn (adattati biss għal użu finali; għati deskrizzjoni fil-kaxxa 16).

Nota:

It-trasferiment ma jkunx possibbli meta l-post tat-tluq jew tal-wasla ta' l-oġġetti jkun maħżen tat-tip B.

16. **Informazzjoni addizzjonali**

Indika l-informazzjoni addizzjonali kollha meqjusa bħala utili.

▼B

17. **Iffirmata** ..... **Data** ..... **Isem** .....

Jekk formola tal-kontinwazzjoni tkun użata, minflok imla biss il-kaxxa xierqa (22, 23 jew 26).

Titolu II

Rimarki li jikkonċernaw il-formoli tal-kontinwazzjoni

Formula tal-kontinwazzjoni "magażżinaġġ doganali"

18. **Tip ta' maħżen**

Indika waħda minn dawn it-tipi li ġejjin:
Tip A, B, C, D jew E.

19. **Maħżen jew faċilità tal-ħażna (tip E)**

Ikteb il-post eżatt intiż li jkun użat bħala maħżen doganali jew, meta l-applikazzjoni tkun relatata ma maħżen tat-tip E, bħala faċilitajiet tal-ħażna.

20. Limitu taż-żmien għall-preżentazzjoni ta' l-inventarju ta' l-oġġetti

Tista' taghmel suġġeriment għal limitu taż-żmien dwar il-preżentazzjoni ta' l-inventarju ta' l-oġġetti.

21. Rata tat-telf

Aghti dettalji, meta xieraq, tar-rata(i) tat-telf.

22. Ħażna ta' l-oġġetti li ma jkunux taħt l-arranġamenti		
Kodiċi NM	Deskrizzjoni	Kategorija/proċedura doganali

Kodiċi NM u deskrizzjoni

Meta jkun ippjant li jintuża magażaniġġ ekwivalenti, iddikjara l-kodiċi NM ta' tmin ċifri, il-kwalità kummerċjali u l-karatteristiċi tekniċi ta' l-oġġetti. Fil-każi l-oħrajn, id-deskrizzjoni tal-kummerċ u/jew teknika hija suffiċjenti jekk il-ħażna ta' l-oġġetti li ma jkunux taħt l-arranġamenti tkopri numru ta' punti ta' oġġetti differenti, inti tista tikteb il-kelma "varji" fis-sub-kaxxa "kodiċi NM". F'dan il-każ iddeskrivi, n-natura ta' l-oġġetti li għandhom ikunu maħżuna, fis-sub-kaxxa "Deskrizzjoni".
Kategorija/proċedura doganali

Indika fil-kolonna "Kategorija/proċedura doganali" il-kodiċi xierqa:

1 = Oġġetti agrikoli tal-Komunità

2 = Oġġetti industrijali tal-Komunità

3 = Oġġetti agrikoli mhux tal-Komunità

4 = Oġġetti industrijali mhux tal-Komunità

u speċifika l-proċedura doganali jekk ikun hemm, li l-oġġetti huma suġġetti għaliha.

23. Tipi normali tat-tqandil

Imla jekk il-għamliet normali tat-tqandil huma ntiżi.

24. Tneħħija temporanja. Skop:

Imla jekk tneħħija temporanja hija ntiża.

25. Informazzjoni addizzjonali

Indika l-informazzjoni addizzjonali kollha meqjusa bħala utili fir-rigward tal-kaxxi 18 sa 24.

▼B

Formula tal-kontinwazzjoni "proċessar il-ġewwa"

18. Oġġetti ekwivalenti	
Kodiċi NM	Deskrizzjoni

Meta jkun ippjanat li jsir użu minn oġġetti ekwivalenti, stqarr il-kodiċi NM ta' tmin ċifri, il-kwalità kummerċjali u l-karatteristiċi tekniċi ta' l-oġġetti ekwivalenti sabiex tiffaċilita lill-awtoritajiet doganali li jwettqu t-tqabbil meħtieġ bejn l-oġġetti importati u l-oġġetti ekwivalenti. Il-kodiċi li hemm provvediment dwarhom fil-kaxxa 12 jistgħu jkunu użati sabiex jissuġġerixxu meżżi ta' sostenn, li jistgħu jkunu utili għal dan it-tqabbil. Jekk l-oġġetti ekwivalenti ikunu fi stat aktar avvanzat tal-manifattura milli l-oġġetti importati, agħti l-informazzjoni xierqa fil-kaxxa 21.

19. Esportazzjoni preċedenti

Meta jkun ippjanat li tkun użata s-sistema ta' l-esportazzjoni preċedenti, indika il-Perjodu li fih l-oġġetti mhux-tal-Komunità għandhom ikunu iddikjarati għall-arranġamenti billi jkun meqjus iż-żmien meħtieġ għall-akkwist u t-trasport lejn il-Komunità.

20. Rilaxx għal ċirkolazzjoni ħielsa mingħajr dikjarazzjoni doganali?

Meta jkun mitlub li l-prodotti kompensatorji jew l-oġġetti fi stat mhux mibdul għandhom ikunu rilaxxati għal ċirkolazzjoni ħielsa mingħajr formalitajiet, ikteb "IVA".

21. Informazzjoni addizzjonali

Indika l-informazzjoni addizzjonali kollha meqjusa bħala utili fir-rigward tal-kaxxi 18 sa 20.

Formula tal-kontinwazzjoni "proċessar il-barra"

18. Sistema

Meta intiża, ikteb il-kodiċi applikabbli:
1 = sistema ta' skambju standard mingħajr importazzjoni preċedenti
2 = sistema ta' skambju standard bl-importazzjoni preċedenti

19. Prodotti bħala kambjament	
Kodiċi NM	Deskrizzjoni

Meta jkunu miġbura kampjuni jew meta disinji jew deskrizzjonijiet tekniċi jkunu użati, dan l-uffiċċju għandu jawtentika l-kampjuni, id-disinji jew id-deskrizzjonijiet tekniċi billi jwaħħa is-siġill doganali tiegħu jew fuq l-oġġetti, meta n-natura tagħhom tkun tippermetti dan, jew fuq l-ippakkjar, b'tali mod li dan ma jistax ikunu imbagħbas.

Tikketta li jkollha t-timbru ta' l-uffiċċju u referenza għall-partikolaritajiet tad-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni għandha tkun imwaħħla mal-kampjuni, id-disinji jew id-deskrizzjonijiet tekniċi b'tali manjera hekk li ma tħallix li jkun hemm xi sostituzzjoni.

Il-kampjuni, id-disinji jew id-deskrizzjonijiet tekniċi, awtentikati u issiġġilati, għandhom ikunu mibgħuta lura lejn l-esportatur, li għandu

▼B

jippreżenthom bis-siġilli intatti meta l-prodotti kompensatorji jew imbiddla jkunu importati mill-ġdid.

Meta analiżi tkun meħtieġa u r-riżultati ma jkunux magħrufa sakemm l-uffiċċju tad-dħul ikun ikkonferma l-INF 2, id-dokument li jkun fih ir-riżultati ta' l-analiżi għandu jkun mogħti lill-esportatur f'envelop issiġġillat li ma jistax ikun imbagħbas.

(e) L-uffiċċju tal-ħruġ għandu jiċċertifika fuq l-oriġinali li l-oġġetti jkunu ħallew it-territorji doganali tal-Komunità u għandu jibgħatu lura lejn il-persuna li tkun ippreżentatu.

(f) L-importatur tal-prodotti kompensatorji jew tal-kambjament għandu jippreżenta l-oriġinali tal-INF 2 u, meta xierq, il-meżżi ta' l-identifikazzjoni, lejn l-uffiċċju tar-rilaxx.

▼B

ANNESS 72

LISTA TA' GĦAMLIET NORMALI TAT-TQANDIL MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 531 U FL-ARTIKOLU 809

Sa kemm ma jkunx speċifikat xorta oħra, l-ebda waħda minn dawn it-tipi li ġejjin ta' tqandil ma' għandha tagħti bidu għal kodiċi NM differenti ta' tmien ċifri.

L-għamliet normali tat-tqandil elenkati hawn taħt m' għandhomx jiġu konċessi jekk, fl-opinjoni ta' l-awtoritajiet doganali, l-operat x'aktarx iżid ir-riskju ta' frodi:

1. il-ventilazzjoni, il-frix, it-tnixxif, it-tneħħija ta' trab, operati sempliċi ta' tindif, it-tiswija ta'l-ippakkjar, it-tiswija elementari ta' ħsarat miġrura waqt il-ġarr jew il-ħażna sa fejn għandhom x'jaqsmu operati sempliċi, it-tqegħid u t-tneħħija ta' kisi protettiv għat-trasport:

2. il-bini mill-ġdid ta' l-oġġetti wara l-ġarr;

3. iċ-ċekkjar/inventarji tal-ħażna, it-teħid/taqbil ta' kampjuni, l-għażla/tqegħid skond l-għażla, il-filtrazzjoni mekkanika u l-użin ta' l-oġġetti;

4. it-tneħħija ta' komponenti bil-ħsara jew kontaminati;

5. il-konservazzjoni, permezz tal-pasturizzazzjoni, l-isterilizzazzjoni, l-irradjazzjoni jew iż-żieda ta' preservattivi;

6. trattament kontra l-parassiti;

7. trattament kontra s-sadid;

8. trattamenti:

   — permezz ta' sempliċi żieda fit-temperatura, mingħajr il-proċess ta' aktar trattament jew distillazzjoni, jew

   — b'sempliċi tnaqqis fit-temperatura;

   anki jekk dan jirriżulta f'kodiċi differenti ta' tmien ċifri differenti;

9. it-trattament elettrostatiku, it-tneħħija tat-tikmix jew il-mogħdija tat-tessuti;

10. trattament li jikkonsisti fi:

    — it-tneħħija taż-żerriegħa u/jew it-tneħija tal-qalba tal-frott, it-tqattigħ jew it-tibdil tal-forma kimika tal-frott jew tal-ħxejjex imqadda, it-tixrib mill-ġdid tal-frott, jew

    — it-ixrib mill-ġdid tal-frott anki jekk dan jirriżulta f'kodiċi NM differenti ta' tmien ċifri differenti;

11. it-tneħħija ta'l-imluħ, it-tindif u t-tneħħija tat-truf mil-ġlud;

12. iż-żieda ta' oġġett jew iż-żieda jew l-iskambju tal-komponenti aċċessorji sakemm din iż-żieda jew tqegħid mill-ġdid huma relattivament limitati jew maħsuba sabiex jassiguraw konformità mal-livelli tekniċi u ma jibdlux in-natura jew itejbu t-twettiq tax-xogħol ta' l-oġġetti oriġinali, saħansitra jekk dawn jirriżultaw f'kodiċi NM differenti ta' tmien ċifri minħabba ż-żiediet fl-oġġetti jew l-iskambju tagħhom;

13. it-tagħmid jew konċentrazzjoni tal-likwidi, mingħajr iktar proċessi ta' trattament jew distillazzjoni, anki jekk dan jirriżulta f'kodiċi NM differenti ta' tmien ċifri;

14. it-taħlit bejniethom ta' l-istess kwalità ta' oġġeti, ma kwalità differenti, sabiex tinkiseb kwalità kostanti jew il-kwalità mitluba mill-konsumaturi, mingħajr ma tinbidel in-natura ta' l-oġġetti;

15. it-taqsim jew qtugħ skond il-qies ta' l-oġġetti basta iżda li jiġu involuti biss operati sempliċi;

16. l-ippakkjar, l-ispakkjar, il-bdil tal-pakkeġġ, id-dekantazzjoni u t-trasferiment sempliċi f'kontenituri, saħansitra jekk dan jirriżulta f'kodiċi NM differenti ta' tmien ċifri, it-twaħħil, it-tneħħija u l-bdil ta' marki, siġilli, tikketti, tabelli tal-prezzijiet jew sinjali oħra simili ta' distinzjoni;

17. it-testjar, l-aġġustament, ir-regolazzjoni u t-tqegħid fl-ordni tax-xogħol ta' magni, apparat u vetturi, partikolarment sabiex jikkontrollaw il-konformità ma' livelli tekniċi, biss jekk operati sempliċi huma involuti;

18. l-offuskar ta' *fittings* tal-kanen/pajpijiet sabiex jitħejjew l-oġġetti għal ċerti swieq.

▼B

ANNESS 73

OĠĠETTI TA' L-IMPORTAZZJONI LI DWARHOM IL-KONDIZZJONIJIET EKONOMIÌ HUMA MEQJUSA BĦALA LI MA KIENUX IMWETTQA BIS-SAĦĦA TA' L-ARTIKOLU 539, L-EWWEL PARAGRAFU

Parti A: Prodotti agrikoli koperti bl-Anness I tat-Trattat

1. Dawn il-prodotti li ġejjin jidħlu taħt waħda mill-organizzazzjonijiet tas-suq komuni kif ġejjin:

   settur taċ-ċereali: prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 ([1]),

   settur tar-ross: prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3072/95 ([2]),

   settur tar-ross: prodotti msemmija fl-Artikolu 1(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2038/1999 ([3]),

   settur taż-żejt: prodotti msemmija fl-Artikolu 1(2)(c) tar-Regolament tal-Kunsill Nru 136/66/KEE ([4]),

   settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib: prodotti msemmija fl-Artikolu 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999,

   settur ta' l-inbid: prodotti referuti fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 ([5]), u li jidħlu taħt il-kodiċi NM:

   0806 10 90

   2009 60

   2204 21 (bl-eċċezzjoni ta' l-inbid ta' kwalità)

   2204 29 (bl-eċċezzjoni ta' l-inbid ta' kwalità)

   2204 30

2. Dawn il-prodotti li ġejjin li jidħlu taħt il-kodiċi NM:

   0204 10 sa 0204 43

   2207 10

   2207 20

   2208 90 91

   2208 90 99

3. Prodotti apparti minn dawn ta' taħt il-punti 1 u 2, li dwarhom ir-rifużjoni agrikola hija ugwali għal, jew aktar minn żero, huma stabbiliti.

Parti B: Oġġetti mhux koperti bl-Anness I tat-Trattat li jirriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli

Oġġetti li jiriżultaw mill-ipproċessar tal-prodotti agrikoli u elenkati f'dawn l-Annessi li ġejjin tar-Regolamenti dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur agrikolu jew li jikkonċernaw ir-rifużjoni tal-produzzjoni:

— Anness B tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1766/92 (settur taċ-ċereali),

— Anness B tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 3072/95 (settur tar-ross),

— Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2038/1999 (settur taz-zokkor),

— Anness II tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1255/1999 (settur tal-ħalib u l-prodotti tal-ħalib),

— Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2771/75 ([6]) (settur tal-bajd),

([1]) ĠU L 181, 1.7.1992, p. 21.
([2]) ĠU L 329, 30.12.1995, p. 18.
([3]) ĠU L 252, 25.9.1999, p. 1.
([4]) ĠU 172, 30.9.11966, p. 3025/66.
([5]) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1.
([6]) ĠU L 282, 1.11.1975, p. 49.

▼B

— Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1010/86 ([1]) (rifużjoni tal-produzzjoni fuq ċerti prodotti taz-zokkor użati fl-industrija tal-kimika), u

— Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 1722/93 ([2]) (rufużjoni tal-produzzjoni fis-setturi taċ-ċereali u tar-ross).

Parti Ċ: Prodotti tas-sajd

Il-prodotti tas-sajd elenkati fl-Annessi I, II u V tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000 ([3]) dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tas-sajd u l-akwakoltura u l-prodotti elenkati fl-Anness VI ta' dan ir-Regolament li huma suġġetti għal sospensjoni awtonoma parzjali.

Il-prodotti kollha tas-sajd li huma suġġetti għal kwota awtonoma.

([1]) ĠU L 94, 9.4.1986, p. 9.
([2]) ĠU L 159, 1.7.1993, p. 112.
([3]) ĠU L 17, 21.1.2000, p. 22

▼B

ANNESS 74

DISPOSIZZJONIJIET SPEĊJALI LI JIKKONĊERNAW L-OĠĠETTI EKWIVALENTI

(Artikolu 541)

1. **Ross**

Ross ikklassifikat taħt il-kodiċi NM 1006 m'għandux ikun meqjus bħala ekwivalenti sakemm ma jidħolx fi ħdan l-istess kodiċi NM ta' tmien ċifri tan-Nomenklatura Maqgħudha. B'dana kollu, għal ross b'tul li ma jeċċedix 6,0 mm u relattività ta' tul/wisa ugwali għal, jew aktar minn 3, u għal ross b'tul ugwali għal, jew anqas minn 5,2 mm u relattività ta' tul/wisa ugwali għal, jew aktar minn 2, l-ekwivalenza għandha tkun stabbilita bid-determinazzjoni biss tar-relattività tat-tul/wisa. Il-kejl tal-qamħa tar-ross għandu jseħħ b'konformità ma' l-Anness A(2)(d) tar-Regolament (KE) Nru 3072/95 dwar l-organizzazzjoni komuni fis-suq tar-ross.

L-użu ta' oġġetti ekwivalenti għandu jkun ipprojbit meta l-operazzjonijiet ta'l-ipproċesar il-ġewwa jkunu jikkonsisti minn 'għamliet normali ta' tqandil' elenkati fl-Anness 71 ta' dan ir-Regolament.

2. **Qamħ**

Oġġetti ekwivalenti jistgħu biss ikunu wżati bejn il-qamħ maħsud f'pajjiż terz u dak diġa rilaxxat għal ċirkolazzjoni ħielsa u l-qamħ mhux tal-Komunità, ta' l-istess kodiċi NM ta' tmin ċifri, li jkolu l-istess kwalità kummerċjali u l-istess karatteristiċi tekniċi.

B'dana kollu:

— derogi mill-projbizzjoni dwar l-użu ta' l-oġġetti ekwivalenti jistgħu jkunu adottati fir-rigward tal-qamħ fuq il-bażi ta' komunikazzjoni mil-Kummissjoni lejn l-Istati Membri, wara eżami mill-Kumitat,

— l-użu ta' oġġetti ekwivalenti huwa permissibbli bejn il-qamħ durum tal-Komunità u l-qamħ durum ta' oriġini minn pajjiż terz, basta li dan ikun għall-produzzjoni ta' l-għaġin li jiħol taħt il-kodiċi NM 1902 11 00 u 1902 19.

3. **Zokkor**

Resqien lejn l-użu ta' oġġetti ekwivalenti huwa permissibbli bejn zokkor tal-kannamieli mhux maħdum li jidħol taħt il-kodiċi NM 1701 11 90 u z-zokkor tal-pitravi mhux maħdum li jidħol taħt il-kodiċi NM 1701 12 90 permezz tal-kundizzjoni li l-prodotti kompensatorji li jidħlu taħt il-kodiċi NM 1701 99 10 (zokkor abjar) ikunu milħuqa.

4. **Annimali ħajjin u laħam**

Oġġetti ekwivalenti ma jistgħux ikunu wżati għall-operazzjoni ta' l-ipproċessar il-ġewwa ta' l-annimali ħajjin jew laħam.

Deroga mill-projbizzjoni dwar l-użu ta' oġġetti ekwivalenti tista ssir għal-laħam li kien suġġett għall-kommunikazzjoni mill-Kummissjoni lejn l-Istati Membri, wara l-eżamijiet mwettqa mill-Kumitat tal-Kodiċi Doganali jekk l-applikant jista jagħti prova li l-ekwivalenza hija ekonomikament meħtieħa u jekk l-awtoritajiet doganali jittrasmettu l-abozz tal-proċeduri previsti dwar il-kontroll ta' l-operazzjoni.

5. **Qamħ-ir-rum**

Resqien lejn l-użi ta' l-oġġetti ekwivalenti bejn il-qamħ-ir-rum tal-Komunità u dak mhux tal-Komunita huwa possibbli biss f'dawn il-każi li ġejjin u suġġett għal dawn il-kondizzjonijiet li ġejjin:

1. Fil-każ ta' qamħ-ir-rum għal-użu għala għalf ta' l-annimali, l-użu ta' oġġetti ekwivalenti huwa possibbli basta li sistema ta' kontroll doganali tkun stabbilita sabiex tassigura li l-qamħ-ir-rum mhux tal-Komunità ikun fil-fatt użat għall-ipproċessar f'għalf ta' l-annimali.

2. Fil-każ ta' qamħ-ir-rum użat fil-manifattura ta' lamtu jew prodotti tal-lamtu, l-użu ta' l-oġġetti ekwivalenti huwa possibbli bejn il-varjetajiet kollha bl-eċċezzjoni tal-qamħ-ir-rum qawwi fil-amilopektin (xama' bħal-qamħ-ir-rum jew qamħ-ir-rum 'imxamma') li huma ekwivalenti biss bejnjiethom.

▼B

3. Fil-każ ta' qamħ-ir-rum użat fil-manifattura ta' prodotti tal-laħam, l-użu ta' l-oġġetti ekwivalenti huwa possibbli bejn il-varjetajiet kollha bl-eċċezzjoni tal-qamħ-ir-rum tat-tip vitrus (qamħ-ir-rum 'Plata' tat-tip 'Dura', qamħ-ir-rum 'Flint') li huma ekwivalenti biss bejnjiethom.

6. **Żejt taż-Żebbuġa**

A. Resqien lejn l-użu ta' oġġetti ekwivalenti huwa permissibli biss f'dawn il-każi li ġejjin u skond dawn il-kondizzjonijiet:

1. Żejt verġni taż-żebbuġa

(a) bejn iż-żejt extra verġni taż-żebbuġa li jidħol taħt il-kodiċi NM 1509 10 90 li jkun jikkorrispondi għad-deskrizzjoni fil-punt 1(a) ta' l-Anness tar-Regolament Nru 136/66/KEE u ż-żejt extra verġni taż-żebbuġa mhux tal-Komunità ta' l-istess kodiċi NM, basta li l-operazzjoni ta' l-ipproċessar tipproduċi żejt extra verġni taż-żebbuġa li jidħol fl-istess kodiċi NM u li jissodisfa l-ħtiġiet ta' l-istess punt 1 (a);

(b) bejn iż-żejt verġni taż-żebbuġa li jidħol taħt il-kodiċi NM 1509 10 90 li jkun jikkorrispondi għad-deskrizzjoni fil-punt 1(b) ta' l-Anness tar-Regolament Nru 136/66/KEE u ż-żejt verġni taż-żebbuġa mhux tal-Komunità ta' l-istess kodiċi NM, basta li l-operazzjoni ta' l-ipproċċessar tipproduċi żejt verġni taż-żebbuġa li jidħol fl-istess kodiċi NM u li jissodisfa l-ħtiġiet ta' l-istess punt 1(b);

(ċ) bejn iż-żejt verġni ordinarju taż-żebbuġa li jidħol taħt il-kodiċi NM 1509 10 90 li huwa korrispondenti għad-deskrizzjoni fil-punt 1(c) ta' l-Anness tar-Regolament Nru 136/66/KEE u ż-żejt verġni ordinarju taż-żebbuġa mhux tal-Komunità ta' l-istess kodiċi NM, basta li l-prodott kompensatorji huwa:

— żejt taż-żebbuġa raffinat li jidħol taħt il-kodiċi NM 1509 90 00 li huwa korrispondenti għad-deskrizzjoni fil-punt 2 ta' l-Anness imsemmi hawn fuq,

— żejt taż-żebbuġa li jidħol taħt il-kodiċi NM 1509 90 00 li huwa korrispondenti għad-deskrizzjoni fil-punt 3 ta' l-imsemmi Anness u huwa akkwistat bit-taħlit ma żejt verġni taż-żebbuġa tal-Komunità li jidħol taħt il-kodiċi 1509 10 90;

(d) bejn iż-żejt verġni lampanti taż-żebbuġa li jidħol taħt il-kodiċi NM 1509 10 10 li huwa korrispondenti għad-deskrizzjoni fil-punt 1(d) ta' l-Anness tar-Regolament Nru 136/66/KEE u ż-żejt verġni lampanti taż-żebbuġa mhux tal-Komunità ta' l-istess kodiċi NM, basta li l-prodott kompensatorji huwa:

— żejt taż-żebbuġa raffinat li jidħol taħt il-kodiċi NM 1509 90 00 li huwa korrispondenti għad-deskrizzjoni fil-punt 2 ta' l-Anness imsemmi hawn fuq, jew

— żejt taż-żebbuġa li jidħol taħt il-kodiċi NM 1509 90 00 li huwa korrispondenti għad-deskrizzjoni fil-punt 3 ta' l-imsemmi Anness u huwa akkwistat bit-taħlit ma żejt verġni taż-żebbuġa tal-Komunità li jidħol taħt il-kodiċi 1509 10 90.

2. Żejt pomace taż-żebbuġa

bejn żejt *pomace* taż-żebbuġa mhux raffinat li jidħol taħt il-kodiċi NM 1510 00 10 li huwa korrispondenti għad-deskrizzjoni fil-punt 4 ta' l-Anness tar-Regolamnet Nru 136/66/KEE u żejt *pomace* taż-żebbuġa mhux raffinat mhux tal-Komunità ta' l-istess kodiċi NM, basta li ż-żejt *pomace* taż-żebbuġa ikun prodott kompensatorji li jidħol taħt il-kodiċi NM 1510 00 90 u jkun korrispondenti għad-deskrizzjoni fil-punt 6 ta' l-imsemmi Anness ikunu akkwistat mit-taħlit ma' żejt verġni tal-Komunità li jidħol taht il-kodiċi NM 1509 10 90.

B. It-taħlitiet referuti fil-punt A.1(c) it-tieni inċiż u (d) it-tieni inċiż u l-punt A.2, ma żejt verġni taż-żebbuġa mhux tal-Komunità, użat b'mod identiku, huma awtorizzati biss meta l-arranġamenti għas-superviżjoni tal-proċedura huma organizzati f'manjiera li tagħmilha possibbli li jkun identifikat il-proporzjon taż-żejt verġni taż-żebbuġa mhux tal-Komunità fil-kwantità totali taż-żejt imħallat li jkun esportat.

Ċ. Il-prodotti kompensatorji għandhom ikunu mqiegħda f'pakketti immedjati ta' 220 litru jew anqas. Bħala deroga, fil-każ ta' kontenituri mifthiema ta' 20 tunnellata massimu, l-awtoritajiet doganali jistgħu jippermettu l-espor-

▼B

tazzjoni taż-żjut misjuba fil-punti preċedenti bil-kundizzjoni li jkun hemm kontroll sistematiku tal-kwalità u l-kwantità tal-prodott esportat.

D. L-ekwivalenza għandha tkun ivverifikata bl-użu ta' reġistri kummerċjali sabiex tkun verifikata l-kwantità ta' żjut użati għat-taħlit u, għall-iskopijiet tal-verifika tal-kwalità ikonċernata, billi jkunu mqabbla l-karatteristiċi tekniċi tal-kampjuni taż-żejt mhux tal-Komunità meta dan ikun imnaħħal għall-proċedura, mal-karatteristiċi tekniċi tal-kampjuni taż-żejt tal-Komunità użat li jkun meħud meta l-prodott kompensatorju ikkonċernat ikun ipproċessat, kontra l-karatteristiċi tekniċi tal-kampjuni miġbura fil-waqt ta' l-esportazzjoni attwali tal-prodotti kompensatorji fil-punt tal-ħruġ. Kampjunu għandhom jittieħdu b'konformita ma'l-i*standards* internazzjoni EN ISO 5555 (kampjunar) u EN ISO 661 (it-trasmissjoni ta' kampjuni lejn laboratorji u l-preparazzjoni ta' kampjuni għal testijiet). L-analiżi għandha tkun imwettqa b'referenza għall-parametri fl-Anness I tar-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2586/91 ([1]).

7. **Ħalib u prodotti tal-ħalib**

Resqien lejn l-użu ta' l-ekwivalenza huwa permissibbli biss permezz tal-kundizzjoni li l-kontenut fil-materja xotta tal-ħalib, il-materja xaħmija tal-ħalib u l-proteini tal-ħalib ta' l-oġġetti ekwivalenti ma jkunx aktar baxx mill-kontenut ta' dawk il-materjali fl-oġġetti importati.

Il-kontenut f'materja xotta tal-ħalib fil-materja xaħmija tal-ħalib u l-proteini tal-ħalib ta' l-oġġetti importati u l-oġġetti ekwivalenti ikkonċernati għandhom ikunu miktuba fid-dikjarazzjoni għad-dħul (IM/EX) jew id-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni (EX/IM) u, meta użata, fuq il-folja ta' l-informazzjoni INF 9 jew fuq il-folja ta' l-informazzjoni INF 5, sabiex jiffaċċilitaw lil-awtoritajiet doganali li jikkontrollaw l-ekwivalenza fuq il-bażi ta' dawk l-elementi.

Verifiki fiżiċi għandhom ikunu mwettqa fuq mill-anqas 5 % tad-dikjarazzjonijiet għad-dħul ta' l-oġġetti importati għall-arranġamenti u d-dikjarazzjoni ta' l-esportazzjoni (IM/EX) u l-koperta ta' l-oġġetti importati kif ukoll bħal l-oġġetti ekwivalenti ikkonċernati.

Verifiki fiżiċi għandhom ikunu mwettqa fuq mill-anqas 5 % tad-dikjarazzjonijiet ta' qabel l-esportazzjoni u fuq id-dikjarazzjonijiet għad-dħul għall-arranġamenti (EX/IM). Dawn il-verifiki għandhom ikopru l-oġġetti ekwivalenti li għandhom ikunu ivverifikati qabel l-operazzjonijiet ta' l-ipproċessar kif ukoll ta' l-oġġetti importati ikkonċernati fil-waqt li dawn ikunu mdaħħla għall-arranġamenti.

Verifiki fiżiċi jimplikaw il-verifika tad-dikjarazzjoni u d-dokumenti mhemuża magħhom, u l-kampjuni rapreżentattivi għandhom jittieħdu għall-analiżi ta' l-ingredjenti minn laboratorju kompetenti li jassigura li l-oġġetti ekwivalenti u l-oġġetti importati relatati jkunu jikkorrespondu f'dak li jikkonċerna l-kwantità, il-kwalità kummerċjali u l-karatteristiċi tekniċi, partikolarment il-kontenut tagħhom fil-materja xotta tal-ħalib, il-materja xaħmija tal-ħalib u l-proteini tal-ħalib.

Jekk l-Istat Membru japplika sistema ta' l-analiżi tar-riskju, persentaġġ aktar baxx ta' verifiki fiżiċi jista jkun permissibbli.

Kull verifika fiżika għandha tkun is-suġġett ta' rapport dettaljat mill-uffiċċjal li jkun wettaq din il-verifika. Dawn ir-rapporti għandhom ikunu ċentralizzati mill-awtoritajiet doganali innominati f'kull Stat Membru.

([1]) ĠU L 248, 5.9.1991, p. 1.

▼B

ANNESS 75

LISTA TA' PRODOTTI KOMPENSATORJI SUĠĠETTI GĦAD-DAZJI DOGANALI KIF APPLIKABBLI LILHOM

(L-Artikolu 548 (1))

Rimarka ġenerali:

L-uffiċċju tas-superviżjoni jista jippermetti li l-Artikolu 548 (1) ikun applikat ukoll għall-iskart, il-ħela, ir-residwi, it-trufijiet u l-fdalijiet apparti minn dawk elenkati hawn taħt.

Nru	Kodiċi NM u deskrizzjoni tal-prodotti kompensatorji		Operazzjonijiet ta' l-ipproċċessar li jirriżultaw minnhom
(1)	(2)		(3)
1	ex Kapitolu 2	Raċanċ tal-laħam tajjeb għall-ikel	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
2	ex 0201 ex 0202 ex 0203 ex 0204 ex 0205	Trufijiet mill-operazzjonijiet murija fil-kolonna 3	Tqattih tal-laħam f' porzjonijiet minn annimali tal-Kapitolu 1
3		Sonża tal-majjali minn taħt il-ġilda	Il-qatla tal-majjali, xogħol u proċessar tal-laħam
4	0209 00 30	Xaħam tal-majjali	Il-qatla tal-majjali, xogħol u proċessar tal-laħam
5	ex 0304	Trufijiet mill-operazzjonijiet murija fil-kolonna 3	L-isserrar ta' blokki iffriżati tal-flett
6	ex 0305	Trufijiet mill-operazzjonijiet murija fil-kolonna 3	L-iffumigar u l-iffillettjar tal-ħut
7	ex 0404	Xorrox	L-ipproċessar ta' ħalib frisk
8	ex 0404	Xorrox fi trab, li ma jkun fih zokkor miżjud	Manifattura tal-lattosju minn xorrox ikkonċentrat
9	ex 0407 00	Bajd mhux fertilizzat	L-inkubazzjoni u t-tfaqqis ta' flieles ta' jum
10	0502	Lanżit u xagħar mill-majjali, ħnieżer selvaġġi u qżieqeż selvaġġi; ix-xagħar tal-kaspru u xagħar ieħor tal-ixkupilji; skart ta' tali lanżit u xagħar	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
11	0503 00 00	Xagħar taż-żiemel u skart mix-xagħar taż-żiemel, seww jekk imqiegħed f'saffi u anki jekk le ma materjal bħala appoġġ	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
12	0504 00 00	Imsaren, bżieżeq (ta' l-urina) u stonkijiet ta' l-annimali (għajr tal-ħut), sħaħ u biċċiet minnhom	Il-qatla u t-tindif ta' l-annimali tal-Kapitolu 1
13	ex 0505 90 00	Trab u skart tar-rix jew partijiet tar-rix	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
14	0506	Għadam u ġewwieni tal-qrun, mhux maħdum, bix-xaħam imneħħi, sempliċement preparat (iżda mhux maqtugħ fuq għamla), trattat bl-aċidu jew bil-ġelatina mneħħija; trab u skart ta' dawn il-prodotti	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
15	ex 0507	Qrun, qrun taċ-ċriev, dwiefer, saqajn, dwiefer tal-ponta u numqari, mhux maħduma jew sempliċement ippreparati imma mhux maqtuha tal-qies, u skart u trab u simili, mhux maħdum jew sempliċement ippreparat imma mhux	Kwalunkwe xogħol jew proċessar

▼B

(1)	(2)		(3)
		maqtuh tal-qies u xagħar u skart ta' dawn il-prodotti	
16	ex 0508 00 00	Trab u skart ta' l-arzell	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
17	ex 0508 00 00	Il-qxur tal-gambli	It-tneħħija tal-qxur mill-gambli
18	ex 0510 00	Prodotti mill-annimali, friski, mkessħa jew iffriżati jew b'mod ieġor proviżjonalment ippreservati, tat-tip użat fil-preparazzjoni ta' prodotti farmakewtiċi	Il-qatla u t-tindif ta' l-annimali tal-Kapitolu 1
19	0511 91 10	Skart tal-ħut	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
20	ex 0511 99 90	Irjus li ma jittieklux	Il-qatla u t-tindif ta' l-annimali tal-Kapitolu 1
21	ex 0511 99 90	Demm	Il-qatla ta' l-annimali tal-Kapitolu 1
22	ex 0511 99	Skart mill-proċeduri tal-kolonna 3	Il-qatla ta' l-annimali tal-Kapitolu 1 u xi xogħol jew ipproċessar tal-laħam
23	ex 0511 99 90	Qxur tal-bajd	Is-separazzjoni tal-bajd mill-qxur
24	ex 0511 99 10	Frak mill-qxur	It-tqaxxir tal-laħam tal-majjal
25	ex 0712	Skart mill-ħxejjex	Tqattiegħ, flieli, l-qsim, id-dħin u t-taħlit ta' l-oġġetti li jidħlu taħt il-kodiċi NM 0712
26	ex 0713	Skart mill-ħxejjex legumini	Tqattiegħ, flieli, l-qsim, id-dħin u t-taħlit ta' l-oġġetti li jidħlu taħt il-kodiċi NM 0713
27	ex 0901	Kafé mfarrak	Xogħol u proċessar ta' kafé nejj
28	0901 90 10	Il-ħliefa u l-qoxra tal-kafé	L-inkaljar ta' kafé nejj
29		Trab tat-té	Xogħol u proċessar ta' té nejj
30	ex 0904 20 30 ex 0904 20 90	Skart tal-piment	It-tindif, it-tisħieq, id-dħin u l-għarbiel ta' frott imqadded tal-ġenus Capsicum
31	1006 40 00	Ross imfarrrak	Ix-xogħol jew l-ipproċessar tar-ross
32	ex 1104	Qmuħa, mhux b'mod ieħor maħdum milli miħun fin	Xogħol jew poċessar taċ-ċereali
33	1104 30	Għajn taċ-ċereali, sħieħ, irrumblat, imqatta jew misħuq	Xogħol jew poċessar taċ-ċereali
34	1109 00 00	Glutina tal-qamħ, sew jekk imqadded u anki jekk le	Xogħol jew poċessar tal-qamħ
35	ex 1209	Skart miż-żerriegħa tal-pitravi (żerriegħa mfarrka jew sterili, żrieragħ b'kapaċità ta' ġermi-nazzjoni fqira jew li ma humiex tajbin għall-magni tat-titqib)	Tindif, għarbiel, illustrar u l-għerik tal-pitravi taz-zokkor.
36	ex 1213 00 00	Tiben u ħliefa taċ-ċereali, mhux ippreparati jew imqatta imma mhux aktar ippreparat	Xogħol jew poċessar taċ-ċereali
37		Sonża u xaħam ieħor tal-majjali	Il-qatla tal-majjali, xogħol u proċessar tal-laħam
38	ex 1502 00	Xaħam tal-qobla ta' l-ifart; nagħaġ jew mogħoż	Il-qatla tal-qobla ta' l-ifrat, nagħaġ jew mogħoż; ix-xogħol jew l-ipproċessar tal-laħam

▼B

(1)	(2)		(3)
39	ex 1504	Żjut tal-ħut	L-ipproċessar tal-ħut f'filletti
40	ex 1506	Xaħmijiet jew żjut oħrajn ta' l-annimali	It-tneħħija tax-xaħmijiet mill-laħam, għadam jew mill-iskart
41	ex 1515 21 90	Iż-żejt min-nebbieta tal-qamħ-ir-rum	L-ipproċessar tal-qamħ-ir-rum
42	ex 1520 00 00	Gliċerol krud	It-tfaqqiegħ u r-raffinar ta' xaħmijiet u żjut tal-Kapitolu 15
43	ex 1522 00	Fdalijiet li jirriżultaw mit-trattament ta' sustanzi xaħmin jew ta' tipi ta' xama' mill-annimali jew veġetali	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
44	ex 1522 00 39	*Stearin*	Ir-raffinar ta' xaħmijiet u żjut tal-Kapitolu 15
45	ex 1522 00 91 ex 1522 00 99	Xamgħa li jkun fiha l-fdalijiet u s-sediment taż-żejt, il-ħama taż-żejt u żejt li jkun fih it-trabijiet *fuller*	Raffinar, it-tneħħija ta' l-aċiditá, it-tbajjid ta' żjut veġitali mxaħħma
46	ex 1702 30 99	Skart mill-kristalizzazzjoni jew mil-lamtu taz-zokkor	L-ipproċessar tal-qamħ-ir-rum fi glukosju
47	1703 10 00	Għasel iswed tal-kannamieli	L-ipproċessar taz-zokkor
48	1802 00 00	Qxur ta' barra tal-kawkaw, ħliefa, għlud u skart	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
49	ex 2102	Ħmira	Il-produzzjoni tal-birra
50		Il-naqal tal-wiċċ u l-ħama' tal-qieġħ mid-distillazzjoni (alkħol etiliku mhux-naturizzat ta' qawwa alkoħolika ta' anqas minn 80 % vol) u inbid distillat (naqal tal-wiċċ u l-ħama' tal-qieġħ mid-distillazzjoni, mhux ikkonċentrat)	Distillazzjoni ta' eti; alkoħoliku krud jew ta' l-inbid
51	ex Kapitolu 23	Fdalijiet u skart mill-industriji ta' l-ikel	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
52	2401 30 00	Skart tat-tabakk	Manifattura ta' sigaretti, sigarri, ċerruti u tabakk tat-tipjip, it-taħlit tat-tabakk
53	2525 30 00	L-iskart tal-mika	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
54	2619 00	Kagazza, rmoxk, sedimenti u skart simili mill-manifattura tal-ħadid jew l-azzar	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
55	2620	Irmied u residwi (apparti minn dawk tal-kodiċi 2619 00), li jkun fihom metalli jew komponenti metalliċi	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
56	2621 00 00	Kagazza u rmied ieħor, inkluż l-irmied ta' l-alka	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
57	ex 2705 00 00	Gass	Il-karbonizzazzjoni tal-faħam
58	ex 2706 00 00	Qatran iddistillat mill-faħam jew minn watrn minerali ieħor, inklużi il-qatran parzjalment distillat jew qatran imħallat	Il-karbonizzazzjoni tal-faħam
59	ex 2707	L-ewwel tisfija u residwi mid-distillazzjoni	Id-distillazzjoni tal-fenoli
60		Gass mid-de-idroġenizzazzjoni u idrokarburi gassużi oħrajn	Il-manifattura tal-polistirin mill-etil tal-benżin

▼B

(1)	(2)		(3)
61	2712 10 10	*Petroleum jelly* kruda	Raffinar tal-parafin krud
62	ex 2712 90	Xemgħat minerali oħrajn, sewwa jekk kuluriti u anki jekk le	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
63	ex 2713	Qatran tal-petroleum, kokk tal-petroleum u residwi oħrajn taż-żjut tal-petroleum jew ta' żjut akkwistati minn materjali bituminużi	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
64	2806 10 00	Aċidu idrokloriku	Il-manifattura minn diversi prodotti kimiċi mill-flworspar, florid ta' l-idroġenu, 2,6-*diisopropylaniline*, *silicon tetrachloride* jew *acetanilide*
65	2807 00 10	Aċidu sulfuriku	Il-manifattura tas-sulfonamidi
66	2811 21 00	Diossidu tal-karbonju	1. Manifattura tal-birra 2. Produzzjoni ta' l-etil alkoħoliku u xorb spirituż
67	ex 2811 19	Aċidu ħexaflworosiliċiku (aċidu flworosiliċiku)	L-ipproċessar tal-flworspar fi flworid ta' l-idroġenu
68	ex 2812 10 99	Tetraklorid tas-silikon	Manifattura tas-silani, silikoni u d-derivattivi tagħhom mis-silikon
69		Idrossidu tal-kalċju	Proċessar tal-karbid tal-kalċju f'aċitilena u sinamid tal-kalċju
69a	ex 2827 51 00	Taħlita tal-potassjum tal-bromid	1,3-*bromochloropropane* tal-kodiċi NM 2903 49 80
70	2833 29 50	Sulfat tal-ħadid	Manifattura ta' pjanċi u folji irumblati fil-kiesaħ tal-ħadid jew l-azzar minn rombli
71	ex 2833 29 90	Sulfat tal-kalċju	L-ipproċessar tal-flworspar fi flworid ta' l-idroġenu
72	ex 2846 90 00	Ossid gadolinju	L-irkupru tal-gallju u l-ossid tal-gallju mill-iskart(l-ipproċessar tal-iskart kompost minn gadolinju/ossid tal-gallju - Gd3Ga5O12)
73	2902 30 90	Tolwen	Il-manifattura tal-polistirin mill-etil-benżin
74	ex 2902 90 80	*alpha-methylstyrene*	Manifattura ta' l-aċetun jew tal-fenol mill-kumjin
75	2903	Derivattivi ħaloġenizzati ta' l-idrikarburi	Manifattura ta' prodotti bbażati fuq il-flworid ta' l-idroġenu
76	2904	Derivattivi ta' l-idrokarburi, sulfonizzati, nitrati jew nitrosizzati	Manifattura ta' prodotti ibbażati fuq il-flworid ta' l-idroġenu
77	2905 11 00	Metanol	Manifattura ta' alkoħoliċi xaħmija
78	2909	Eteri, alkoħol eteriku, u prodotti oħrajn li jidħlu fil-kodiċi NM 2909	Manifattura ta' prodotti ibbażati fuq il-idrokwinin
79	2915 21 00	Aċidu aċetiku	Manifattura tal-vitamini minn anidridu aċetiku
80	ex 3503 00	Skart tal-gażolin	Proċessar tal-ġelatini farmaċewtiċi f'kapsoli
81	ex 3801 10 00	Trab tal-graffit	Manifatturi ta' l-elettrodi tal-graffit għal fran elettriċi tat-tidwib

▼B

(1)	(2)		(3)
82	ex 3805 90 00	Dipentin krud	Manifattura ta' l-idroperossidu ta' pinjin (1R, 2R, 4R)-aċetat-borniliku (aċetat isoborniliku), gamfra jew il-gamfrin mill-*alpha-pinene*
83	ex 3806 90 00	Spirtu tar-rożin u żjut tar-rożin	Manifattura tas-sapun bir-rożin tas-sodju u l-putassa tar-rożin
84	ex 3815	Katalisti mhux użabbli	Il-produzzjoni ta' katalisti mis-silikat ta' l-aluminju
85	ex 3823 12 ex 3823 13 ex 3823 19	Aċidi xaħmija industrijali, żjut aċidużi mir-raffinar	1. Ir-raffinar ta' xaħmijiet u żjut tal-Kapitolu 15 2. Distillar frazzjonat ta' aċidi xaħmija
86	ex 3823 11 00	Aċidu stearikू	Manifattura ta' l-aċidu eraw-ċiku
87	ex 3824 90 64	Peniċillina, mhux pura (residwi mill-għarbiel)	Manifattura tal-medikamenti
88	ex 3824 90 95	Żejt *fusel*	Produzzjoni ta' l-etil alkoħol-iku u xorb spirituż
89	ex 3824 90 95	Żjut tal-gamfra	Manifattura tal-gamfra minn *alpha-pinene*
90	ex 3824 90 95	Residwi mir-rilaxxa tal-kafeina (taħlita ta' xamgħa tal-kafé, kafeina kruda u ilma), kafeina kruda	Ir-rilaxx tal-kafeina mill-kafé
91	ex 3824 90 95	Residwi tal-ġipsum kalċinifikat	Manifattura tal-flworid ta' l-idroġenu, flworidi u krioliti mill-flworspar
92	ex 3824 90 95	Għasel iswed, meħlus miz-zok-kor	Manifattura ta' l-aċidu ċitriku miz-zokkor abjad
93	ex 3824 90 95	Residwi mill-ipproċessar tas-sor-bosa	Manifattura ta' l-aċidu askor-biku mill-glukosju
94	ex 3824 90 95	Sulfat tas-sodju f'taħlita	Manifattura ta' l-aċidu *dihyd-roxystearic* miż-żejt krud tal-kastru
95	ex 3824 90 95	Residwi użati għall-manifattura tal-kumin	Manifattura ta' l-aċeton, fenol u *alpha-methylstyrene*
96	ex 3824 90 95	Residwi	Manifattura ta' 1,4-butenediol, 1,4-butenediol u tetrahydrofu-ran mill-metanol u manifattura ta' pentane-1,5-diol u hexane-1,6-diol minn taħlita ta' dioli
97	ex 3824 90 95	Skart, imħallat mall-kafeina, xamgħa tal-kafé, ilma u impuri-tajiet (effluwenti)	Dekafinizzazzjoni u trattament speċifiku għat-tnaqqis tal-kon-tenut stimulanti tal-kafé nejj
98	ex 3824 90 95	*Gluconmycel* u l-lissija maternal	Manifattura ta' l-aċidi glawko-miċi, l-imluħa u l-esteri tag-ħhom, mix-xiropp tal-glukosju
99	ex 3915	Skart u ħela tal-plastika	Kwalunkwe xogħol jew pro-ċessar
100	ex 4004 00 00	Skart u tqaxxir minn lastiku mhux imwebbes: skart minn las-tiku mhux imwebbes tajjeb biss għall-irkupru tal-lastiku	Kwalunkwe xogħol jew pro-ċessar
101	ex 4017 00 10	Skart, ħela u trab ta' lastiku im-webbes	Kwalunkwe xogħol jew pro-ċessar
102	ex 4101	Ġlud ta' barra u ġlud naturali (mhux maħduma) (friski, im-	It-tqaxxir ta' l-annimali tal-Ka-pitolu 1

▼B

(1)	(2)		(3)
		mellħa, marinati jew trattai bil-ġir), sewwa jekk maqsuma u sewwa jekk le, inklużi l-ġlud tan-nagħaġ bis-suf	
103	ex 4104 39 10	Qtugħ tal-ġlud mill-ifrat	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
104	4110 00 00	Tqaxxir u skart ieħor tal-ġlud jew ta' komposizzjoni tal-ġlud, li ma jkunx tajjeb għall-manifattura ta' oġġetti tal-ġild, trab tal-ġlud, trabijiet u ċana	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
105	4302 20 00	Biċċiet jew qtugħ, ta' ġlud tal-fer, ikkunzati jew imħejjia, imma huma imwaħħla ma xulxin	Manifattura tal-ferijiet
106	ex Kapitolu 44	Skart tas-suf u qtugħ tas-suf, inkluża s-serratura tas-suf	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
107	ex 4501	Skrt tas-sufra	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
108	ex 4707	Skart tal-karta, kartun, oġġetti mill-iskart tal-karta jew mil-kartun, tajbin biss għall-użu fil-manifattura tal-karta	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
109	ex Sezzjoni XI	Drappijiet minsuġa jew innittjati, lesti, bi żbalji evidenti (oġġetti tas-sekonda klassi)	Xpgħol u proċessar ta' drappijiet minsuġa jew innittjati, ta' kull tip
110	ex 5003	Skart tal-ħarir (inklużi l-fosdqa li mhix tajba għall-ħajt, ħarir li jibqa' mill-moxt tat-tixtil u twapet żgħar imġebbda jew garnattati (‘*garnatted*’))	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
111	ex 5103	Skart tas-suf tan-nagħaġ u tal-ħrief jew tax-xagħar ta' annimali oħrajn (fin jew oħxon), mhux imġebbed jew garnettat).	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
112	ex 5104 00 00	Skart tas-suf tan-nagħaġ u tal-ħrief jew tax-xagħar ta' annimali oħrajn (fin jew oħxon), imġebbed jew garnettat (inklużi ċraret imġebbda jew garnati).	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
113	ex 5202	Skart tal-qoton Inklużi ċraret miġbuba jew garnati) mhux minxut jew imqardex	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
114	ex 5301	Stoppa u skart tal-kittien (inklużi ċ-ċraret miġbuda jew garnati)	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
115	ex 5302	Stoppa u skart ta' qanneb veru (inklużi ċraret miġbuda jew garnati jew ħbula)	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
116	ex 5303	Stoppa u skart (inklużi ċraret miġbuda jew garnati jew ħbula)	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
117	ex 5304	Skart tal-fibri (inklużi ċraret miġbuda jew garnati jew ħbula)	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
118	ex 5305	Stoppa u skart ta' qanneb tal-manila (inklużi ċraret miġbuda jew garnati jew ħbula)	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
119	ex 5305	Żlielem tar-rimji u skart (inklużi ċ-ċraret miġbuda jew garnati)	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
120		Fibri akriliċi u viskużi (ta' kwalità inferjuri b'difetti evidenti)	Manifattura ta' fibri akriliċi u viskużi tat-tessuti

▼B

(1)	(2)		(3)
121	5505	Skart (inklużi ż-żlielem, skart tal-ħjut u fdalijiet gernettati) ta; fibri artifiċjali	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
122	6310	Ċraret użati jew ġodda, skart ta' l-ispag, lenza, ħbula, ċimi u oġġetti mherrija ta' l-ispag, lenza, ħbula jew ċimi	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
123	7001 00 10	Skart tal-ħġieġ (‘*cullet*’)	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
124	ex 7019	Skart minn ħjut kontinwi tal-fibra tal-ħġieġ	Insiġ
125	ex 7019	Drappijiet minsuġa mill-fibra tal-ħġieġ b'difetti evidenti	L-insiġ tal-fibra tal-ħġieġ
126	7105	Trab u frak ta' ħaġar naturali jew sintetiċi, prezzjuży jew semi prezzjuży	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
127	ex 7112	Il-knis, residwi, lemelli, u skart u ħela ieħor tal-ġojjelliera, mil-manifattura tal-fidda jew tad-deheb, ta' metalli prezzjuży	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
128		Residwi mill-għarbiel ta' silikon-ferriku	Manifattura tat-tetraklorid tas-silikon u tad-diosiddu tas-silikon
129	ex 7204	Skart u ħela tal-metall mill-ħadid jew l-azzar	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
130		Trufijiet ta' l-azzar, mhux bil-liega, mill-qtugħ ta' strippi wiesa irrumblati fis-sħun	Manifattura ta' strippi wiesa irrumblati fis-sħun minn ingotti ta' ċapep laminati ta' azzar mhux tal-liega
131		Trufijiet rikoverabbli minn staneg ta' azzar tal-liega minn staneg ta' azzar mhux tal-liega	Manifattura tal-viti, boltijiet jew skorfini minn staneg ta' azzar mhux tal-liega
132		Trufijiet ta' l-azzar, mhux tal-liega, mill-qtugħ ta' strippi wiesa irrumblati fis-sħun	Manifattura ta' strippi wiesa irumblati fis-sħun minn ingotti ta' ċapep laminati
133		Trufijiet ta' azzar tal-liega mill-qtugħ ta' folji elettriċi	Manifattura ta' transformers minn folji elettriċi
134	ex 7226	Trufijiet ta' azzar tal-liega minn qtugħ ta' ċrieki u folji elettriċi	Manifattura ta' transformers minn ċrieki u strippi elettriċi ta' l-azzar
135	ex 7308	Linji metalliċi bl-iwweldjar	Manifattura ta' linji metalliċi minn ċrieki jew strippi
136	7404 00	Ħela u skart tar-ramm	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
137	7503 00	Ħela u skart tan-nikil	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
138	7602 00	Ħela u skart ta' l-aluminju	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
139	7802 00 00	Ħela u skart taċ-ċomb	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
140	ex 7804 11 00	Skart rikoverabbli minn folji taċ-ċomb miksija fuq iż-żewġ naħat	Manifattura ta' folji taċ-ċomb miksija fuq iż-żewġ naħat għal użu fotografiku minn folji tal-vinil u karta miksija
141	7902 00 00	Ħela u skart taż-żingu	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
142	8002 00 00	Ħela u skart tal-landa	Kwalunkwe xogħol jew proċessar

▼B

(1)	(2)		(3)
143	8101 91 90	Ħela u skart tat-tungsten (wolfram)	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
144	8102 91 90	Ħela u skart tal-molibdenum	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
145	8103 10 90	Ħela u skart tat-tantalum	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
146	ex 8104 20 00	Skajrt tal-manjeżju (esklużż it-tqaxxir ta' daqs uniformi) u rut-tam	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
147		Skart u ħela ta' metali bażiċi oħrajn	Kwalunkwe xogħol jew proċessar
148	ex Kapitolu 84 ex Kapitolu 85 ex Kapitolu 90	Partijiet żejda; partijiet bil-ħsara u li jkunu saru mingħajr użu fil-korsa tal-ipproċessar	Manifattura ta' makkinarju u apparati mekkaniċi, vetturi, apparat ta' l-elettriku, tal-kejl, tal-verifika u ta' strumenti tal-preċiżjoni u l-modifiki jew il-konverżjoni tagħhom sabiex ikunu konformi ma' normi tekniċi oħrajn
149	Kapitoli 84, 85, 86, 88 u 90	Komponenti u *spare parts* ta' makkinarju, apparat, vaguni, ajruplani u inġenji oħrajn	Tiswija u l-manteniment (settjar u tindif b'metodi elettriċi jew mekkaniċi) u l-kondizzjonar (kambjament tal-partijiet attivi) ta' makkinarju, apparat, vaguni, ajruplani u inġenji oħrajn
150	8708	Partijiet u aċċessorji ta' vetturi bil-magna	L-adattazzjoni ta' vetturi bil-magna għal skopijiet partikolari

▼B

ANNESS 76

KONDIZZJONIJIET EKONOMIĊI FIL-QAFAS TA' L-ARRANĠAMENTI GĦALL-IPPROĊESSAR TAĦT KONTROLL DOGANALI

(L-Artikolu 551(1), it-tieni paragrafu)

PARTI A

Il-kundizzjonijiet ekonimiċi għandhom jitqiesu li huma sodisfatti għat-tipi ta' oġġetti u operazzjonijiet li ġejjin:

	Kolonna 1	Kolonna 2
Nru sekwenzjali	Oġġetti	Proċessar
1	Oġġetti ta' kull tip	Proċessar f'kampjuni preżentati bħala tali jew imqiegħda f'settijiet
2	Oġġetti ta' kull tip	Tnaqqis għall-iskart jew ħela jew qerda
3	Oġġetti ta' kull tip	Żnaturar
4	Oġġetti ta' kull tip	Irkupru ta' partijiet jew komponenti
5	Oġġetti ta' kull tip	Separazzjoni u/jew qerda ta' partijiet bil-ħsara
6	Oġġetti ta' kull tip	Proċessar sabiex jiġu msewwija l-effetti tal-ħsara lill-oġġetti
7	Oġġetti ta' kull tip	Għamliet normali ta' maniġġ permissibbli fl-imħażen doganali jew f'żoni ħielsa
8	Oġġetti ta' kull tip	Proċessar fi prodotti ta' tip li jkunu nkorporati jew użati f'ajruplani ċivili li għalihom ikun maħruġ ċertifikat ta' 'tajjeb għat-titjir' minn kumpannija awtorizzata għal dawn l-operati jew mill-awtoritajiet ta' l-avjazzjoni Ewropej jew mill-awtoritajiet ta' l-avjazzjoni ta' pajjiż terz
9	Oġġetti koperti bl-Artikolu 551(1), it-tieni nċiż	Kull tip ta' proċessar
10	Oġġetti ta' kull tip mhux soġġetti għal miżura tal-istrateġija agrikola jew kummerċjali, jew għal dazju provviżorju jew definittiv kontra l-fqigħ tas-suq jew dazju proviżorju jew definittiv bħala kumpens	Kull għamla ta' proċessar, meta il-vantaġġ tad-dazju fuq l-importazzjoni jirriżulta bl-użu ta' l-arranġamenti ma jkun jeċċedi l-valur ta' 50 000 EUR għal kull applikant u għal kull sena kalendarja
11	Kull tip elettroniku ta' komponenti, partijiet, tagħqid flimkien (inklużi sotto-assemblei) jew ta' materjali (sewwa elettroniċi u sewwa le), li huma vitali għall-kwalita tax-xogħol elettroniku tal-prodott proċessat	Poċessar fi prodotti tat-teknoloġija tal-informatika 1. koperti fil-Ftehim dwar il-kummerċ tal-prodotti tat-teknoloġija ta' l-informatika li jkunu ġew approvati bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 97/359/KE (ĠU L 155, 12.6.1997, p. 1), meta l-eżenzjoni tad-dazju tkun operabbli fid-data ta' l-awtorizzazzjoni; jew 2. li jidħlu fil-kodiċi NM li hemm provvediment dwarha fl-Artikoli 1, 2 u 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2216/97 (ĠU L 305, 8.11.1997, p. 1), meta l-eżenzjoni tad-dazju tkun oprerabbli fid-data ta' l-awtorizzazzjoni
12	Frazzjonijiet solidi taż-żejt tal-palm li jidħlu fil-kodiċi NM 1511 90 19 jew frazzjonijiet Fluwidi taż-żejt tal-palm li jidħlu fil-kodiċi NM 1511 90 91 jew żejt tal-Ġewż ta' l-Indi li jidħlu fil-kodiċi NM 1513 11 10 jew frazzjonijiet	Proċessar fi: — taħlitiet ta' l-aċidi xaħmija li jidħlu fil-kodiċi NM 3823 11 00, 3823 12 00, ex 3823 19 10, ex 3823 19 30 u ex 3823 19 90.

▼B

	Kolonna 1	Kolonna 2
Nru sekwenzjali	Oġġetti	Proċessar
	Fluwidi ta' żejt tal-Ġewż ta' l-Indi li jidħlu fil-kodiċi NM ex 1513 19 30 jew żejt tal-Mixx/Qalba tal-frott tal-palm li jidħol fil-kodiċi NM 1513 21 11 jew frazzjonijiet Fluwidi ta' żejt mill-qalba tal-frott tal-palm li jidħlu fil-kodiċi NM ex 1513 29 30 jew żejt Babassu li jidħol fil-kodiċi NM 1513 21 19	— aidi xaħmija li jidħlu fil-kodiċi 2915 70 15, 2915 70 25, ex 2915 90 10, ex 2915 90 80, ex 2916 15 00 u ex 2916 19 80 — taħlitiet ta' l-esteri metiliċi ta' aċidi xaħmija li jidħlu fil-kodiċi NM ex 3824 90 95. — esteri metiliċi ta' aċidi xaħmija li jidħlu fil-kodiċi ex 2915 70 20, ex 2915 70 80, ex 2915 90 80, ex 2916 15 00 u ex 2916 19 80 — taħlita ta' alkoli xaħmija li jidħlu fil-kodiċi NM 3823 70 00 — alkoli xaħmija li jidħlu fil-kodiċi NM 2905 16 80, 2905 17 00 u 2905 19 00 — gliċerol li jidħol ġewwa fil-kodiċi NM 1520 00 00
13	Żejt ir-riġnu li jidħol fil-kodiċi NM 1515 30 90	Proċessar fi: — żejt ir-riġnu idroġenat (‘xama tal-opal’) tal-kodiċi NM 1516 20 10 — aċidu 12-idrosteariku (ta' purita inqas minn 90 %) tal-kodiċi NM ex 3823 19 10 — aċidu 12-idrosteariku (ta' purita 90 % jew aktar) tal-kodiċi NM ex 2918 19 99 — gliċerol tal-kodiċi NM 2905 45 00
14	Tabakki li jidħlu fil-Kapitolu 24 tan-Nomenklatura Magħqudha	Proċessar f'tabakk ‘omogenizzat’ jew ‘rikostitwit’ li jidħlu fil-kodiċi NM 2403 91 00 u/jew trab tat-tabakk li jidħol fil-kodiċi NM 2403 99 90
15	Tabakk fi stat naturali jew mhux maħdum li jidħol fil-kodiċi NM 2401 10 Tabakk naturali jew mhux maħdum parzjalment maqlugħ minn maz-zokk/imnittef li jidħol fil-kodiċi NM ex 2401 20	Proċessar f'tabakkijiet strippjati/biz-zokk imneħħi parzjalment maqlugħ minn maz-zokk/imnittef li jidħlu fil-kodiċi NM 2401 20 u fi skart tat-tabakk li jidħol fil-kodiċi NM 2401 30 00
16	Prodotti li jidħlu fil-kodiċi NM: 2707 10, 2707 20, 2707 30, 2707 50, 2707 91 00, 2707 99 30, 2707 99 91, 2707 99 99 u 2710 00	Proċessar fi prodotti li jidħlu fil-kodiċi NM: 2710 00 71 jew 2710 00 72
17	Żjut krudi li jidħlu fil-kodiċi NM 2707 99 11	Proċessar fi prodotti li jidħlu fil-kodiċi NM: 2707 10 90, 2707 20 90, 2707 30 90, 2707 50 90, 2707 99 30, 2707 99 99, 2902 20 90, 2902 30 90, 2902 41 00, 2902 42 00, 2902 43 00, 2902 44 90
18	Żjut tal-gas b'kontenut tal-kubrit li jeċċedi 0,2 % bil-piż li jidħlu fil-kodiċi NM 2710 00 68 Pitrolju (Kerosene) li jidħol fil-kodiċi NM 2710 00 55 Spirtu Abjad ('White Spirit') li jidħol fil-kodiċi NM 2710 00 21	Taħlita ta' l-oġġetti fil-kolonna 1 jew taħlita ta' wieħed u/jew aktar mill-oġġetti fil-kolonna 1 maż-żejt tal-gass b'kontenut ta' kubrit li ma jeċċedix 0,2 % fil-piż u jidħlu fil-kodiċi NM 2710 00 66 jew 2710 00 67 sabiex ikun akkwistat żejt tal-gass b'kontenut ta' kubrit li ma jeċċedix 0,2 % fil-piż u li jidħol fil-kodiċi NM 2710 00 66 jew 2710 00 67
19	Materjal tal-*PVC* li jidħol fil-kodiċi NM 3921 90 60	Proċessar fi *screens* taċ-ċinema li jidħlu fil-kodiċi NM 9010 60 00
20	Żvaletti ta' l-iskejz mingħajr l-iskejz imwaħħla magħhom tal-kodiċi NM 6402 19 00	Proċessar fi: żvaletti tal-iskejz tal-kodiċi NM 9506 70 10

▼B

	Kolonna 1	Kolonna 2
Nru sekwenzjali	Oġġetti	Proċessar
	Żvaletti ta' l-iskejz mingħajr l-iskejz imwaħħla magħhom tal-kodiċi NM 6403 19 00	żvaletti tal-iskejz bir-roti tal-kodiċi NM 9506 70 30
21	Il-qafas tal-magni mgħammra mal-kabini, tal-kodiċi NM 8704 21 31	Proċessar f'magni tat-tifi tan-nar mgħammra b'tagħmir tat-tifi tan-nar u/jew apparat li jsalva l-ħajja, tal-kodiċi NM 8705 30 00

PARTI B

Il-kundizzjonijiet ekonomiċi għandhom jiġu eżaminati fil-Kumitat għat-tipi ta' oġġetti u operazzjonijiet li ġejjin, u li ma humiex koperti fil-parti A:

	Kolonna 1	Kolonna 2
	Oġġetti	Proċessar
	L-oġġetti kollha suġġetti għal xi miżura agrikola jew xi dazju proviżorju jew definittiv kontra l-fqigħ tas-suq jew xi dazju proviżorju jew definittiv ta' kumpens.	Kull tip ta' proċessar

▼B

ANNESS 77

(Artikolu 581)

Il-każi ta' meta d-dħul ta' l-oġġetti għall-importazzjoni temporanja b'dikjarazzjoni bil-miktub ma jkunux suġġetti għad-disposizzjoni ta' skrutinju

1. Materjali li jappartjenu għall-kumpanniji tal-linji ta' l-arju, linji tal-vapuri jew tal-ferroviji u servizzi postali u wżati minnhom fi traffiku internazzjonali, bil-kundizzjoni li dawn ikunu immarkati b'mod distint.

2. Pakketti importati vojta, li jkollhom marki li ma jitħassrux u li ma jistgħux ikunu mneħħija.

3. Materjal ta' għajnuna f'disastri intiżi għal korpi Statali jew approvati.

4. Apparat mediku, surġiku u tal-laboratorju intiż għal sptarijiet jew istituzzjonijiet mediċi li jkollhom ħtieġa urġenti ta' tali apparat.

5. Dħul għall-importazzjoni temporanja ta' oġġetti trasferiti fil-qofol tat-tifsira ta' l-Artikolu 513, meta d-detentur preċedenti jkun daħħal l-oġġetti għall-importazzjoni temporanja b'konformità ma l-Artikoli 229 jew 232.”